



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0321/2013

4.10.2013

*****I**

RAPPORT

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita
(COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

Rapporteur: Marian-Jean Marinescu

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	114
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN.....	119
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS	140
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU.....	155
PROĊEDURA.....	179

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita

(COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0814),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0464/2011),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012¹
 - wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Regġuni,
 - wara li kkunsidra l-impenn tar-rappreżentant tal-Kunsill b'ittra tal-11 ta' Settembru 2013 biex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0321/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 179.

**REGOLAMENT (KE) NRU .../2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-
KUNSILL**

ta'

**dwar l-implimentazzjoni u l-esplortazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni
bis-satellita u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002 u r-Regolament (KE)
Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL *TAL-UNJONI EWROPEA*,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari
l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw il-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja²,

Billi:

- (1) Il-politika Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita għandha l-għan li tagħti lill-Unjoni żewġ sistemi ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, is-sistema li tirriżulta mill-programm Galileo u mis-sistema EGNOS (minn hawn 'il quddiem "is-sistemi"). Dawn is-sistemi joħorġu rispettivament mill-programmi Galileo u EGNOS (minn hawn 'il quddiem "il-programmi"). Kull infrastruttura **tikkonsisti** f'satelliti u f'network ta' stazzjonijiet **fuq l-art**.

¹ ĠU C 181, 21.6.2012, p. 179.

² Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*) u d-deċiżjoni tal-Kunsill ta' ...

- (2) Il-programm Galileo huwa maħsub biex tiġi stabbilita u użata l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satelliti maħsuba speċifikament għal finijiet ċivili ***li tista' tintuża minn diversi atturi pubbliċi u privati fl-Ewropa u madwar id-dinja***. Is-sistema stabbilita mill-programm Galileo ***tiffunzjona indipendentement*** mis-sistemi l-oħra eżistenti, jew minn dawk li jistgħu jinħolqu, ***u b'hekk tikkontribwixxi fost affarijiet oħra għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni, kif kien enfasizzat fl-2007 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill***.
- (3) Il-programm EGNOS huwa maħsub biex itejjeb il-kwalità tas-sinjali ***miftuħa*** minn sistemi eżistenti ta' navigazzjoni globali bis-satelliti (minn hawn 'il quddiem "GNSS") ***kif ukoll dawk tas-servizz miftuħ offrut mis-sistema stabbilita mill-programm Galileo, meta dawn isiru disponibbli. Is-servizzi pprovduti mill-programm EGNOS għandhom ikopru, bħala prijorità, iż-żona tat-territorji tal-Istati Membri li qegħdin ġeografikament fl-Ewropa, inklużi għal dan l-iskop l-Azores, il-Gżejjer Kanari u Madeira***.

- (4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni appoġġaw b'mod sħiħ u konsistenti l-programmi GNSS Ewropej.
- (5) Issa li l-programmi waslu fi stadju avanzat ta' maturità u kważi sistemi f'fażi tal-esplojtazzjoni, jeħtieġ li jingħataw bażi ġuridika speċifika, li tista' tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tagħhom, partikolarment f'termini ta' governanza ***u sigurtà***, u twieġeb għall-ħtieġa ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba ***u tippromwovi l-użu tas-sistemi***.

- (6) Is-sistemi mwaqqfa taħt il-programmi huma infrastrutturi stabbiliti bħala networks trans-Ewropej li l-użu tagħhom jestendi sew lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, is-servizzi offruti permezz ta' dawn is-sistemi jikkontribwixxu **għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali, inkluż** l-iżvilupp ta' networks transEwropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.
- (7) Il-programmi **huma** għodda tal-politika industrijali u huma parti mill-istrateġija Ewropa 2020, kif muri mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Novembru 2010 bit-titlu 'Politika industrijali integrata għall-era tal-globalizzazzjoni: il-kompetittività u s-sostenibbiltà fuq quddiem'. Jidhru wkoll fil-Komunikazzjoni **tal-Kummissjoni** adottata fl-4 ta' April 2011 bit-titlu 'Lejn strateġija tal-ispazju għall-Unjoni Ewropea li tibbenefika liċ-ċittadini tagħha'. **Il-programmi** jippreżentaw għadd ta' vantaġġi għall-ekonomija u ċ-ċittadini tal-Unjoni, li l-valur akkumulat tagħhom ġie stmat għal madwar EUR 130 biljun għall-perjodu 2014-2034.

(7a) *Għadd dejjem akbar ta' setturi ekonomiċi, b'mod partikolari t-trasport, it-telekomunikazzjonijiet, l-agrikoltura u l-enerġija, qegħdin jużaw dejjem aktar is-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita. L-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jibbenefikaw ukoll minn dawn is-sistemi f'diversi oqsma bħas-servizzi ta' emerġenza, il-pulizija, il-ġestjoni tal-kriżijiet jew il-ġestjoni tal-fruntieri. L-iżvilupp tal-użu tan-navigazzjoni bis-satellita jgħib miegħu benefiċċji enormi għall-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent. Dawn il-benefiċċji soċjoekonomiċi jinqasmu fi tliet kategoriji ewlenin: benefiċċji diretti li jirriżultaw mit-tkabbir tas-suq tal-ispazju, benefiċċji diretti li jirriżultaw mit-tkabbir tas-suq avanzat għal applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq il-GNSS, u benefiċċji indiretti li jirriżultaw mit-twelid ta' applikazzjonijiet ġodda f'setturi oħra jew trasferiment tat-teknoloġija lejn dawn is-setturi, li t-tnejn iwasslu għal opportunitajiet tas-suq ġodda f'setturi oħra, tkabbir fil-produttività fl-industrija kollha u benefiċċji pubbliċi maħluqa mit-tnaqqis fit-tniġġis jew livelli mtejbja ta' sikurezza u sigurtà. Għalhekk huwa importanti li l-Unjoni tappoġġa l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq is-sistemi. Dan se jippermetti li ċ-ċittadini tal-Unjoni jgawdu l-benefiċċji li ġejjin mis-sistemi, u jassigura li tinżamm il-fiduċja tal-pubbliku fil-programmi. L-istrument xieraq biex jiffinanzja attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni marbutin mal-iżvilupp ta' dawn l-applikazzjonijiet huwa r-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... [li jistabilixxi Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - Orizzont 2020 (2014-2020)]¹ (minn issa 'l quddiem 'il-programm Orizzont 2020'). Madankollu, parti bażika speċifika ħafna tal-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp għandha tkun iffinanzjata mill-baġit allokat lill-programmi skont dan ir-Regolament, fejn tali attivitajiet jikkonċernaw elementi fundamentali bħal chipsets u riċevituri abilitati għall-Galileo, li jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet fis-setturi differenti tal-ekonomija. Minkejja dan, tali finanzjament m'għandux ipoġġi f'riskju l-iskjerament u l-operat tal-infrastruttura stabbilita skont il-programmi.*

¹ ĠU....

- (8) Jekk wieħed iqis l-użu dejjem iktar tan-navigazzjoni bis-satellita fid-diversi oqsma tal-attività, l-interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tista' tagħmel ħsara kbira lis-soċjetà kontemporanja ***u tirriżulta f'telf għal ħafna operaturi ekonomiċi***. Barra minn hekk, minħabba d-dimensjoni strateġika tagħhom, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi sensitivi, suxxettibbli partikolarment għal użu b'intenzjoni ħażina. L-elementi msemmija fuq jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha ***u taċ-ċittadini tagħha***. Għalhekk, jeħtieġ jitqiesu r-rekwiżiti tas-sigurtà waqt it-tfassil, l-implimentazzjoni u ***l-esplorazzjoni*** tal-infrastrutturi ***stabbiliti taħt il-programmi*** ***■ bi qbil ma' Prattiki standard***.
- (9) Il-programm Galileo jinkludi fażi tad-definizzjoni li tlestiet, fażi tal-iżvilupp u tal-validazzjoni ***sal-2013***, fażi ta' skjerament li bdiet fl-2008 u li għandha tispiċċa fl-2020, u fażi ta' esplorazzjoni li għandha tibda progressivament mill-2014/2015 biex is-sistema tkun kompletament operazzjonali fl-2020. ***L-ewwel erba' satelliti operattivi għandhom jinbnew u jitniedu matul il-fażi ta' żvilupp u validazzjoni, filwaqt li l-kostellazzjoni sħiħa ta' satelliti għandha titlesta matul il-fażi ta' skjerament u r-rikostituzzjoni għandha sseħħ matul il-fażi ta' esplorazzjoni. L-infrastruttura assoċjata bbażata fuq l-art għandha tiġi żviluppata u operata skont dan.***

- (10) Il-programm EGNOS jinsab fil-fażi tal-esplotazzjoni mindu s-servizz miftuħ u s-servizz "Sikurezza tal-Ħajja" tiegħu ġew iddikjarati operazzjonali f'Ottubru 2009 u Marzu 2011 rispettivament. ***Soġġetta għal restrizzjonijiet tekniċi u finanzjarji u abbażi ta' ftehimiet internazzjonali, il-kopertura ġeografika tas-servizzi pprovduti mis-sistema EGNOS tista' tiġi estiża għal reġjuni oħra tad-dinja, partikolarment territorji ta' pajjiżi kandidati, ta' pajjiżi terzi koperti mill-Ajru Uniku Ewropew u ta' pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Madankollu, tali estensjoni għal reġjuni oħra tad-dinja m'għandhiex tkun iffinanzjata mill-appropriazzjonijiet baġitarji assenjati lill-programmi skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../2013 ta' ... [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020]¹ u m'għandhiex iddewwem l-estensjoni tal-kopertura madwar iż-żona tal-Istati Membri li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa.***
- (10a) ***Id-disinn oriġinali tas-servizz ta' safety-of-life (servizz ta' sikurezza tal-ħajja) tal-Galileo kif previst fir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)² tfassal mill-ġdid biex jiżgura interoperabilità ma' GNSS oħrajn, biex iwieġeb b'mod effettiv għall-ħtiġijiet ta' sikurezza tal-ħajja tal-utenti u biex inaqqas il-komplessità, ir-riskji u l-ispejjeż tal-infrastruttura meħtieġa.***

¹ ĠU...

² ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

- (10b) *Biex l-adozzjoni tas-servizz ta' safety-of-life (is-servizz ta' sikurezza tal-ħajja) tal-EGNOS tkun wiesgħa kemm jista' jkun, din għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas dirett lill-utent. Is-servizz pubbliku regolat (PRS) tal-Galileo għandu jiġi offrut ukoll mingħajr ħlas lil dawn il-parteciċipanti tal-PRS li ġejjin, skont it-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar ir-regoli ta' aċċess għas-servizz pubbliku regolat offrut mis-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita li ġiet stabbilita taħt il-programm Galileo¹: L-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ("SEAE") u aġenziji tal-Unjoni debitament awtorizzati. Dan m'għandux jinftehem li jaffettwa d-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż tal-funzjonament ta' awtorità tal-PRS kompetenti kif sipulat fid-Deċiżjoni Nru 1004/2011/UE.*
- (11) *Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, is-sistemi, in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' xulxin u, sakemm ikun possibbli, ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni bis-satellita u mezzi konvenzjonali tar-radjunavigazzjoni meta dan huwa stipulat fi ftehim internazzjonali, mingħajr ħsara għall-objettiv ta' awtonomija strateġika.*

¹ ĠU L 287, 4.11.2011, p. 1.

- (12) Billi l-Unjoni hija responsabbli, fil-prinċipju, għall-finanzjament tal-programmi bis-sħiħ, għandhom jittieħdu provvedimenti biex l-assi kollha tanġibbli u mhux, maħluqa jew żviluppati **fil-programmi** jsiru l-proprjetà **tal-Unjoni**. Sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali marbuta mal-proprjetà, għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji mas-sidien eżistenti, partikolarment għall-elementi essenzjali tal-infrastrutturi u s-sigurtà tagħhom. ***Għandu jinftiehem li d-dispożizzjoni dwar is-sjeda ta' assi intanġibbli ma tkoprix drittijiet intanġibbli li mhumiex trasferibbli skont liġijiet nazzjonali rilevanti. Din is-sjeda mill-Unjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Unjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament u fejn dan jitqies adatt abbażi ta' valutazzjoni ta' każ b'każ, tagħmel dawk l-assi disponibbli għal partijiet terzi jew tiddisponi minnhom. B'mod partikolari, hija tista' tittrasferixxi s-sjeda ta' jew tipprovdi liċenzji għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali li jōhorgu minn xogħol skont il-programmi għal partijiet terzi.*** Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tar-radjunavigazzjoni mis-swieq, hemm il-bżonn li jiġi żgurat li l-partijiet terzi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu partikolarment mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta mill-programmi u li hija tal-Unjoni, partikolarment fil-livell soċjali u ekonomiku.

- (12a) *Assi maħluqa jew żviluppati barra l-programmi mhumiex affettwati mid-dispożizzjonijiet dwar is-sjeda mniżżla f'dan ir-Regolament. Madankollu, assi bħal dawn jistgħu, xi drabi, ikunu rilevanti għar-rendiment tal-programmi. Sabiex jiġi mhegġegħ l-iżvilupp ta' teknoloġija ġdida barra l-programmi, il-Kummissjoni għandha thegħegħ lil partijiet terzi sabiex jiġbdulha l-attenzjoni dwar assi rilevanti bħal dawn u, jekk ikun ta' benefiċċju għal programmi, għandhom jinneozjaw l-użu xieraq tagħhom.*
- (13) Il-fażijiet ta' skjerament u ta' esplojtazzjoni tal-programm Galileo u l-fażi tal-esplojtazzjoni tal-programm EGNOS għandhom ■ jiġu ffinanzjati kompletament mill-Unjoni. Madankollu, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni¹, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi jew kontribuzzjoni in natura, fuq il-bażi tal-ftehimiet adatti, sabiex jiffinanzjaw elementi addizzjonali tal-programmi *marbuta mal-obiettivi* partikolari *potenzjali tagħhom*. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-programmi.

¹ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

- (14) Sabiex *tiġi żgurata l-kontinwità u l-istabbiltà tal-programmi u fid-dawl tad-dimensjoni Ewropea tagħhom u l-valur miżjud Ewropew intrinsiku tagħhom, jinħtieġ finanzjament suffiċjenti u konsistenti fuq perjodi ta' ppjanar finanzjarju.* Jinħtieġ ukoll li jiġi indikat l-ammont ta' flus meħtieġ bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 sabiex tiġi ffinanzjata t-tlestija tal-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo u *l-esplorazzjoni* tas-sistemi.

- (15) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, *abbażi tar-Regolament (UE) Nru .../2013 [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020]* ■ iddeċidew ■ li jallokaw somma ta' EUR [7,07173 biljuni] bil-prezzijiet attwali għall-finanzjament tal-attivitajiet marbuta mal-programmi għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. *Fl-interess taċ-ċarezza u sabiex jiġi faċilitat il-kontroll tal-ispejjeż, dak l-ammont globali għandu jinqasam f'diversi kategoriji. Madankollu, fl-interess tal-flessibbiltà u biex jiġi żgurat li l-programmi jiffunzjonaw bla xkiel, il-Kummissjoni għandha tkun tista' terġa' talloka l-fondi minn kategorija għal oħra. L-attivitajiet tal-programm għandhom jinkludu wkoll il-ħarsien tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom u jinkludu wkoll l-illanċjar tas-satelliti. F'dan ir-rigward, kontribuzzjoni għall-ispejjeż meħtieġa biex jibbenefikaw mis-servizzi li kapaċi jipprovdu din il-protezzjoni ■ tista' tiġi ffinanzjata mill-baġit allokat lill-programmi sakemm ikun possibbli wara ġestjoni rigoruża tal-ispejjeż u konformità sħiħa mas-somma totali msemmija fuq stabbilita fl-Artikolu [x] tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../2013 [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020]. Tali kontribuzzjoni għandha tintuża biss għall-forniment ta' dejta u servizzi u mhux għax-xiri ta' kwalunkwe infrastruttura. Dan ir-Regolament ■ jistipula, għall-kontinwazzjoni tal-programmi, envelopp finanzjarju li jikkostitwixxi r-referenza prima, skont it-tifsira tal-punt [17] tal-Ftehim Interistituzzjonali ta' xx/yy/201z bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba, u skont it-tifsira tal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../2013 [li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020].*

- (16) Għandhom jiġu speċifikati l-attivitajiet li għalihom għandhom jingħataw l-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni *assenjati* lill-programmi għall-perjodu 2014-2020 skont dan ir-Regolament. Dawn l-appropriazzjonijiet għandhom jingħataw primarjament għal attivitajiet marbuta mal-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo, inkluż l-attivitajiet tal-ġestjoni u l-monitoraġġ għal din il-fażi, u l-attivitajiet marbuta *mal-esplorazzjoni* tas-sistema stabbilita fil-programm Galileo, inkluż azzjonijiet li jiġu qabel jew għat-tħejjija ta' din il-fażi, u *l-esplorazzjoni* tas-sistema tal-EGNOS. Għandhom jingħataw ukoll għall-finanzjament ta' ċerti attivitajiet oħra meħtieġa għall-ġestjoni u l-ksib tal-oġġettivi tal-programmi *inkluż l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp ta' elementi fundamentali, bħal chipsets u riċevituri tal-Galileo, inkluż, kif xieraq, moduli tas-software tal-monitoraġġ tal-pożizzjonament u l-integrità. Dawn l-elementi jikkostitwixxu l-interfaċċa bejn is-servizzi offruti mill-infrastrutturi u l-applikazzjonijiet avanzati, u jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet fis-setturi differenti kollha tal-ekonomija. L-iżvilupp tagħhom jaġixxi bħala katalist biex jittieħdu l-akbar benefiċċji soċjoekonomiċi peress li jiffaċilita l-adozzjoni mis-suq tas-servizzi offruti. Il-Kummissjoni għandha kull sena tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrateġija ta' ġestjoni tal-kosti użata.*

- (17) Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ispejjeż ta' investiment u tal-esplojtazzjoni tas-sistemi stmati għall-perjodu 2014-2020 ma jqisux l-obbligi finanzjarji mhux previsti, li l-Unjoni jista' jkollha tassi, partikolarment dawk relatati ■ mar-responsabbiltà ■ li tirriżulta *mill-prestazzjoni tas-servizzi jew mid-dritt* ta' proprjetà *tal-Unjoni* fuq is-sistemi, *partikolarment fir-rigward ta' ħsarat fis-sistemi*. Dawn l-obbligi huma s-suġġett ta' analiżi speċifika mill-Kummissjoni.
- (18) Ta' min jinnota wkoll li r-riżorsi baġitarji ppjanati skont dan ir-Regolament ma jkoprox idma ffinanzjata minn fondi allokat lill-programm Orizzont 2020 ■ , bħal dik marbuta mal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistemi. Din il-idma se tgħin biex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-programmi, biex jiġi żgurat dħul soċjali u ekonomiku tajjeb mill-investimenti li saru mill-Unjoni u biex jizjed l-għarfien tan-negozji fl-Unjoni fir-rigward tat-teknoloġija tar-radjunavigazzjoni bis-satellita. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm trasparenza u ċarezza fir-rigward tas-sorsi differenti ta' finanzjament għall-aspetti differenti tal-programmi.***

- (19) Barra minn hekk, id-dħul iġġenerat mis-sistemi **li jiġi, b'mod partikolari, mis-servizz kummerċjali pprovdut mis-sistema stabbilita taħt il-programm Galileo**, għandu jitħallas lill-Unjoni biex tikkumpensa **parzjalment** għall-investimenti li tkun għamlet qabel **u għandu jintuża biex jappoġġa l-oġettivi tal-programmi**. Madankollu, għandu jkun possibli li jiġi previst mekkaniżmu tal-qsim tad-dħul fil-kuntratti li jiġu ffirmati mis-settur privat.
- (20) Sabiex ma jkunx hemm spejjeż mhux ibbaġitjati u dewmien li affettwaw il-progress tal-programmi f'dawn l-aħħar snin, jinħtieġ li jiżdiedu l-isforzi biex jiġu kkontrollati r-riskji li jistgħu jwasslu għal spejjeż eċċessivi **u/jew dewmien** kif mitlub **mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-analiżi f'nofs il-perjodu tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita: valutazzjoni tal-implimentazzjoni, sfidi futuri u prospettivi ta' finanzjament¹** u l-konklużjonijiet **tal-Kunsill** tal-31 ta' Marzu 2011 **u kif muri mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni** tad-29 ta' Ġunju 2011 bit-titlu 'Baġit għall-Ewropa 2020'.

¹ ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 9.

- (21) Tmexxija pubblika tajba tal-programmi ■ tassumi, l-ewwel nett, li hemm diviżjoni stretta **tar-responsabbiltajiet u** tal-kompiti, partikolarment bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea GNSS u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (**ESA**), u t-tieni, li t-tmexxija hija adattata għar-rekwiżiti operazzjonali tas-sistemi.
- (22) Billi **l-Kummissjoni** tirrappreżenta l-Unjoni li, fil-prinċipju, tipprovdi finanzjament għall-programmi waħdiha u s-sistemi huma l-proprjetà tagħha, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-progress tal-programmi u għas-superviżjoni **globali** tagħhom. Għandha tiġġestixxi l-fondi allokatil lill-programmi skont **dan** ir-Regolament, twettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programmi u **tiżgura** diviżjoni ċara **tar-responsabbiltajiet u** tal-kompiti, partikolarment bejn l-Aġenzija Ewropea GNSS u **l-ESA**. Għaldaqstant, barra mill-kompiti marbuta ma' dawn ir-responsabilitajiet ġenerali u l-kompiti l-oħra li għandha twettaq skont dan ir-Regolament, għandha tiġi assenjata ■ kompiti speċifiċi. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tal-partijiet interessati varji, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddelega ċerti kompiti, skont ir-Regolament (**UE, Euratom**) **Nru 966/2012** u partikolarment l-Artikolu [**x**].

*Fid-dawl tal-importanza programmatika tal-infrastruttura fuq l-art tas-sistemi u l-impatt tagħha fuq is-sigurtà tagħhom, l-istabiliment tal-post ta' din l-infrastruttura għandu jkun wieħed mill-kompiti speċifiċi assenjati lill-Kummissjoni. L-iskjerament tal-infrastruttura fuq l-art tas-sistemi għandu jkompli biex jiġi segwit proċess miftuħ u trasparenti. L-istabiliment tal-post ta' tali infrastruttura għandu jsir billi jittieħed kont tal-limitazzjonijiet ġeografiki u tekniċi assoċjati mal-aħjar distribuzzjoni ġeografika ta' din l-infrastruttura fuq l-art u l-preżenza possibbli ta' installazzjonijiet u tagħmir eżistenti xierqa għall-kompiti rilevanti, kif ukoll billi tiġi żgurata konformità mal-ħtiġijiet ta' sigurtà ta' kull stazzjon fuq l-art u mar-
rekwiżiti ta' sigurtà nazzjonali ta' kull Stat Membru.*

(23) L-Aġenzija Ewropea GNSS ġiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 912/2010¹ bil-għan li tikseb l-oġġettivi tal-programmi u timplimenta ċerti kompiti assoċjati mal-progress tal-programmi. Hija aġenzija tal-Unjoni li, bħala korp skont it-tifsira tal-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, hija soġġetta għall-obbligi applikabbli għall-aġenziji tal-Unjoni. Għandha tiġi assenjata ċerti kompiti assoċjati mas-sigurtà tal-programm u mad-deżinjazzjoni potenzjali tagħha bħala awtorità kompetenti tal-PRS. **Għandha tikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni u t-tqegħid fis-suq tas-sistemi, inkluż billi tistabbilixxi kuntatti mill-qrib mal-utenti u l-utenti potenzjali tas-servizzi pprovduti taħt il-programmi u l-ġbir ta' informazzjoni dwar ir-rekwiżiti u l-iżviluppi tagħhom dwar is-suq tan-navigazzjoni bis-satelliti. Barra minn hekk, għandha tagħmel kompiti li l-Kummissjoni tista' tagħtiha permezz ta' wieħed jew iktar mill-ftehimiet ta' delega li jkopru kompiti speċifiċi varji marbuta mal-programmi, b'mod partikolari kompiti marbuta mal-fażijiet tal-esplorazzjoni tas-sistemi, inkluża l-ġestjoni operazzjonali tal-programmi, il-promozzjoni tal-applikazzjonijiet u s-servizzi fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' elementi fundamentali relatati mal-programmi.** Sabiex il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, dawn il-ftehimiet ta' delega għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet ġenerali ta' ġestjoni tal-fondi allokat li lill-Aġenzija Ewropea GNSS. **It-trasferiment tar-responsabbiltà lill-Aġenzija Ewropea GNSS għal kompiti assoċjati mal-ġestjoni operazzjonali tal-programmi u l-esplorazzjoni tagħhom għandha tkun gradwali u kondizzjonali għat-tlestija b'suċċess ta' analiżi tat-trasferiment xierqa kif ukoll għall-prontezza tal-Aġenzija Ewropea GNSS li twettaq tali kompiti, sabiex tiżgura l-kontinwità tal-programmi. Għall-EGNOS, dan it-trasferiment għandu jseħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014; għall-Galileo huwa mistenni li jseħħ fl-2016.**

¹ ĠU L 276, 20.10.2004, p. 1.

- (24) ***Għall-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo, l-Unjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' delega mal-ESA li jistipula l-kompiti tal-Aġenzija f'dik il-fażi. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, għandha tagħmel kull sforz biex tikkonkludi dan il-ftehim ta' delega fi żmien sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, dawn il-ftehimiet ta' delega għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet ġenerali ta' ġestjoni tal-fondi allokat lill-ESA. Fir-rigward tal-attivitajiet iffinanzjati esklussivament mill-Unjoni, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw livell ta' kontroll komparabbli ma' dak rikjest li kieku l-ESA kienet Aġenzija tal-Unjoni.***

Għall-fażi tal-esplorazzjoni tal-programmi, l-Aġenzija Ewropea GNSS għandha tikkonkludi arranġamenti ta' xogħol mal-ESA fejn jiġu identifikati l-kompiti ta' din tal-aħħar fl-iżvilupp tal-ġenerazzjoni futura tas-sistemi u fl-għoti ta' appoġġ tekniku b'rabta mal-ġenerazzjoni tas-sistemi attwali. Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Huma m'għandhomx ikopru r-rwol tal-ESA rigward attivitajiet relatati mar-riċerka u t-teknoloġija, kif ukoll fażijiet bikrija tal-evoluzzjoni u attivitajiet ta' riċerka relatati mal-infrastrutturi stabbiliti taħt il-programmi Galileo u EGNOS. Tali attivitajiet għandhom jiġu ffinanzjati barra l-ambitu tal-baġit allokat lill-programmi, pereżempju minn fondi allokat lill-programm Orizzont 2020.

- (25) Ir-responsabbiltà għall-progress tal-programmi tinkludi, partikolarment, ir-responsabbiltà għas-sigurtà tagħhom u s-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom. Ħlief fil-każ tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/CFSP tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti tal-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffettwaw s-sigurtà tal-Unjoni Ewropea¹, li ***jeħtieġ li tiġi riveduta biex tirrifletti t-tibdil*** fil-programmi, il-governanza tagħhom u t-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sigurtà, anki jekk ċerti kompiti marbuta mas-sigurtà jiġu fdati lill-Aġenzija Ewropea GNSS. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn l-entitajiet varji responsabbli għas-sigurtà.
- (25a) ***Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, għal kwistjonijiet relatati mas-sigurtà, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti tas-sigurtà kompetenti tal-Istati Membri.***
- (26) Minħabba l-għarfien espert speċifiku ***tas-SEAE*** u l-kuntatt regolari tiegħu mal-amministrazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali, dan qiegħed f'pożizzjoni biex jgħin lill-Kummissjoni fit-twettiq ta' wħud mill-kompiti tagħha marbuta mas-sigurtà tas-sistemi u l-programmi fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 ***li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament*** tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna², u partikolarment l-Artikolu 2(2) tagħha. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li s-SEAE jkun assoċjat kompletament mal-attivitajiet tagħha fl-implimentazzjoni ta' komptiti relatati mas-sigurtà fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni. Għal dan il-għan, is-SEAE għandha tingħata l-appoġġ tekniku kollu meħtieġ.***

¹ ĠU L 246, 20.7.2004, p. 30.

² ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.

(26a) Biex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni sigura tal-informazzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, ir-regolamenti dwar is-sigurtà rilevanti għandhom joffru livell ta' protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-UE ekwivalenti għal dak ipprovdut mir-regoli dwar is-sigurtà kif stabbiliti fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom¹ u mir-regoli dwar is-sigurtà tal-Kunsill stabbiliti fl-Anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/292/KE²; Kull Stat Membru għandu jiżgura li r-regolamenti nazzjonali dwar is-sigurtà japplikaw għall-persuni fiżiċi kollha residenti fuq it-territorju tiegħu u l-entitajiet legali kollha stabbiliti fuq it-territorju tiegħu li jittrattaw informazzjoni klassifikata tal-UE rigward il-programmi. Ir-regolamenti dwar is-sigurtà tal-ESA u d-Deċiżjoni 2011/C 304/05 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandhom jitqiesu bħala ekwivalenti għar-regoli dwar is-sigurtà kif stipulati fl-Anness mad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom u mir-regoli dwar is-sigurtà tal-Kunsill kif stipulati fl-Annessi mad-Deċiżjoni 2011/292/UE.

¹ ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.

² ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.

- (26b) *Dan ir-Regolament huwa mingħajr ħsara għar-regoli eżistenti u futuri dwar l-aċċess għal dokumenti adottati f'konformità mal-Artikolu 15(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Barra minn hekk, dan ir-Regolament m'għandux jinftehem bħala li jimponi obbligu fuq l-Istati Membri biex ma jqisux ir-rekwiżiti kostituzzjonali tagħhom fir-rigward tal-aċċess għal dokumenti.*
- (27) Sabiex jiġu allokati l-fondi tal-Unjoni attribwiti lill-programmi b'limitu totali li l-Kummissjoni ma tistax tisboq, għandhom jiġu applikati proċeduri tal-akkwist pubbliku effettivi u, partikolarment, kuntratti negozjati sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, servizzi sodisfaċenti, it-tħaddim bla problemi tal-programmi, ġestjoni tajba tar-riskju u konformità mal-iskeda proposta. L-awtorità kontraenti *rispettiva* għandha tagħmel kull sforz biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

(28) Minħabba li l-programmi se jkunu, fil-prinċipju, iffinanzjati mill-Unjoni, l-akkwist pubbliku taħt dawn il-programmi għandu jikkonforma mar-regoli tal-Unjoni dwar il-kuntratti pubbliċi u għandu jkollu l-għan li jakkwista l-aqwa valur għall-flus li jintefqu, jikkontrolla l-ispejjeż, inaqqas ir-riskji, iżid l-effiċjenza u jnaqqas id-dipendenza fuq xi fornitur wieħed. Għandha tiġi segwita politika ta' aċċess miftuħ u kompetizzjoni ġusta fil-katina sħiħa tal-provvista, u l-offerta ta' opportunitajiet ekwilibriati ta' parteċipazzjoni tal-industrija fil-livelli kollha ta' attività u inklużi b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem, SMEs). Għandha tiġi evitata l-possibbiltà ta' abbuż ta' dominanza u ta' dipendenza fit-tul fuq fornitur wieħed. Sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-programmi, id-dipendenza fuq fornitur wieħed u sabiex jiġi assigurat il-kontroll ġenerali aħjar tal-programm, tal-ispejjeż u ta' kalendarju għandha tiġi segwita, fejn xieraq, il-politika ta' diversi fornituri. **Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-industrija Ewropea għandu jkun preservat u promoss fl-oqsma kollha relatati man-navigazzjoni bis-satellita f'konformità ma' ftehimiet internazzjonali li l-Unjoni taderixxi għalihom. Ir-riskju ta' prestazzjoni fqira tal-kuntratt jew ta' nonprestazzjoni għandu jittaffa kemm jista' jkun. Għal dan il-għan, il-kuntratturi għandhom juru s-sostenibbiltà tal-prestazzjoni kontrattwali tagħhom fir-rigward tal-impenji meħuda u t-tul tal-kuntratt. Għalhekk, l-awtoritajiet kontraenti għandhom, fejn xieraq, jispeċifikaw rekwiżiti relatati mal-affidabbiltà tal-provvisti u l-forniment ta' servizzi. Barra minn hekk, fil-każ ta' xirjiet ta' oġġetti u servizzi ta' natura sensitiva, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jissoġġettaw tali xirjiet għal rekwiżiti speċifiċi, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sigurtà tal-informazzjoni.** L-industrija tal-Unjoni għandhom jiġu permessi li jirrikorru għal sorsi barra l-Unjoni għal ċerti komponenti u servizzi f'każ ta' vantaġġi sostanzjali ippruvati f'termini ta' kwalità u spejjeż, waqt li jqisu n-natura strateġika tal-programmi GNSS Ewropej u tar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-Unjoni u tal-kontroll tal-esportazzjoni. Għandu jittieħed vantaġġ mill-investment tas-settur pubbliku u mill-esperjenza u kompetenza industrijali, inkluża dik akkwistata waqt il-fażijiet ta' definizzjoni u ta' żvilupp u validazzjoni tal-programmi, waqt li jiġi assigurat li s-sejħiet għal offerti kompetittivi ma jiġux preġudikati.

(28a) Sabiex tiġi vvalutata aħjar l-ispiża totali ta' prodott, servizz jew xogħol li għalih qed issir sejħa għall-offerti, inkluża l-ispiża operattiva fit-tul, l-ispiża totali fuq iċ-ċiklu tal-ħajja utli tal-prodott, servizz jew xogħol li għalih qed issir sejħa għall-offerti għandha titqies kull meta xieraq matul l-akkwist, billi jintuża approċċ kosteffettiv bħall-kalkolu tal-ispejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja meta jintalab akkwist abbażi tal-kriterju tal-aċċettazzjoni tal-aktar offerta vantaġġuża ekonomikament. Għal dan il-għan, l-awtorità kontraenti għandha tiżgura li l-metodoloġija maħsuba biex tgħodd l-ispejjeż għal ħajja utli ta' prodott, servizz jew xogħol hija espressament imsemmija fid-dokumenti tal-kuntratt jew l-avviż tal-kuntratt u li hija tippermetti l-verifika tal-preċiżjoni tal-informazzjoni fornuta mill-offerenti.

(29) In-navigazzjoni bis-satellita hija teknoloġija kumplessa u li qed tinbidel il-ħin kollu. Dan jirriżulta fl-inċertezza u fir-riskju għall-kuntratti pubbliċi konklużi taħt dawn il-programmi, fejn dawn il-kuntratti jistgħu jinvolvu impenji fit-tul għal tagħmir jew servizzi. Dawn il-karatteristiċi jirrikjedu miżuri speċifiċi li għandhom jiġu implimentati fir-rigward tal-kuntratti pubbliċi li japplikaw apparti r-regoli stipulati fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. B'dan il-mod, l-awtorità kontraenti għandha tkun tista' tirrestawra kundizzjonijiet uniformi meta kumpanija waħda jew iktar minn waħda jkollhom, qabel sejħa għall-offerti, informazzjoni privileġġata marbuta ma' din is-sejħa għall-offerti. Għandu jkun possibbli li jingħata kuntratt fl-għamla ta' kuntratt kundizzjonali ta' pagamenti fi stadji, li tiġi introdotta emenda, f'ċerti kundizzjonijiet, fil-kuntest tar-rendiment tiegħu, jew anki li jiġi impost livell minimu ta' subappaltar FI-aħħar nett, minħabba l-inċertezzi teknoloġiċi li huma karatteristika tal-programmi, il-prezzijiet tal-kuntratt mhux dejjem jistgħu jiġu previsti b'mod preċiż u għalhekk huwa mixtieq li l-kuntratti jiġu konklużi f'għamla speċifika li ma tistipulax prezz fiss riġidu u tinkludi klawżoli biex jissalvagwardjaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (30) Għandu jittfakkar li, skont l-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("**TUE**"), l-Istati Membri ma għandhomx jieħdu miżuri li **jistgħu jkunu ta' detriment** għall-programmi **jew għas-servizzi**. Għandu jiġi eċarat ukoll li l-Istati Membri kkonċernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa **biex jiżguraw il-protezzjoni tal-istazzjonijiet fuq l-art stabbiliti fit-territorji tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jaħdmu flimkien u ma' korpi internazzjonali u awtoritajiet regolatorji rilevanti biex jiżguraw li l-ispettru tar-radju meħtieġ għas-sistema stabbilita skont il-programm Galileo jkun disponibbli u protett biex ikunu jistgħu jseħħu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni sħaħ ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq din is-sistema, f'konformità mal-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju¹.**

¹ ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7.

- (31) Fid-dawl tan-natura globali tas-sistemi, huwa essenzjali li l-Unjoni tkun tista' tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni bla problemi tagħhom, **biex jittrattaw ċerti kwistjonijiet marbutin mas-sigurtà u l-ħlasijiet**, biex jingħataw l-aħjar servizzi possibbli liċ-ċittadini tal-Unjoni u biex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet tal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Huwa wkoll utli, fejn ikun hemm bżonn, li jiġu adattati l-ftehimiet eżistenti għat-tibdil fil-programmi. Hija u tħejji jew timplimenta dawn il-ftehimiet, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-għajnuna **tas-SEAE, l-ESA** u l-Aġenzija Ewropea GNSS, fil-limiti tal-kompiti allokatilhom skont dan ir-Regolament.
- (32) Għandu jiġi kkonfermat li l-Kummissjoni, hija u twettaq uħud mill-kompiti tagħha ta' natura mhux regolatorja, tista' tirrikorri, meta u kemm ikun hemm bżonn, għall-għajnuna teknika ta' ċerti partijiet esterne. Korpi oħra involuti fit-tmexxija pubblika tal-programmi jistgħu jagħmlu użu wkoll mill-istess għajnuna teknika fit-twettiq tal-kompiti fdatilhom skont dan ir-Regolament.

- (33) *L-Unjoni hija bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u, b'mod partikolari, l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, espressament jirrikonoxxu d-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Il-ħarsien tad-dejta personali u l-ħajja privata għandu jiġu żgurati taħt il-programmi.*
- (34) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġiharsu permezz ta' miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, *inklużi l-prevenzjoni*, id-ditezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru tal-fondi li jintilfu, jitħallsu bi żball jew jintużaw b'mod ħażin u, jekk ikun il-każ, bl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet *amministrattivi u finanzjarji f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.*
- (35) Huwa meħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinżammu informati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, *b'mod partikolari fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju, l-ispiża, l-iskeda u l-prestazzjoni.* Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni se jiltaqgħu fil-Panel Interistituzzjonali Galileo skont id-dikjarazzjoni konġunta dwar il-Panel Interistituzzjonali Galileo tad-9 ta' Lulju 2008.

- (36) Il-valutazzjonijiet, ***ibbażati fuq indikaturi miftiehma***, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri meħuda biex jinkisbu l-oġettivi tal-programmi.
- (37) Sabiex ■ tkun żgurata s-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom, ***is-setgħa biex tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE*** għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni ***fir-rigward tal-oġettivi ta' livell għoli meħtieġa biex tkun żgurata s-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adegwati matul ix-xogħol ta' preparazzjoni tagħha, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, hija u tnejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura ***trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa*** tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

- (38) Sabiex ikunu żgurati l-istess kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu kkonferiti fuq il-Kummissjoni setgħat tal-implimentazzjoni. **Dawk** is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni¹.
- (39) Billi t-tmexxija pubblika tajba tirrikjedi ġestjoni uniformi tal-programmi, teħid iktar rapidu tad-deċiżjonijiet u aċċess ugwali għall-informazzjoni, ir-rappreżentanti tal-Aġenzija Ewropea GNSS u **tal-ESA** għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem bħala osservaturi fix-xogħol tal-Kumitat tal-Programmi tal-GNSS Ewropew (***minn hawn 'il quddiem "il-Kumitat"***) ***stabbilit sabiex jassisti lill-Kummissjoni***. Għall-istess raġunijiet, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali li kkonkludew ftehim internazzjonali mal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-ħidma ***tal-Kumitat, soġġett għall-obbligi ta' sigurtà u kif previst fit-termini ta' tali ftehim***. Dawn ir-rappreżentanti tal-Aġenzija Ewropea GNSS, ***l-ESA***, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ma jistgħux jieħdu sehem fil-proċeduri tal-votazzjoni tal-kumitat.

¹ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

- (40) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment u l-esplorazzjoni tas-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita, ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri billi jeċċedi l-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi ta' kwalunkwe Stat Membru wieħed, u għalhekk, ***minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu***, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni huwa l-aħjar mod għat-twettiq ta' dawn il-programmi, l-Unjoni tista' taddotta miżuri skont il-prinċipju *tas-sussidjarjetà* kif stabbilit mill-Artikolu 5 ***tat-TUE***. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (41) L-Impriża Konġunta Galileo maħluqa mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 876/2002¹ ■ waqfet topera fil-31 ta' Diċembru 2006 u l-proċedimenti involuti fl-istralċ tal-impriża issa tlestew. ■ Ir-Regolament (KE) Nru 876/2002 għandu ***għalhekk*** jiġi revokat.
- (42) Minħabba l-bżonn li l-programmi jiġu evalwati, tal-importanza tal-bidliet li jsiru lit-test u minħabba ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 għandu jiġi revokat.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹ ĠU L 138, 28.5.2002, p. 1.

KAPITOLU I
DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1 [*test minn dak li kien l-Artikolu 2*]

Suġġett

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli fir-rigward tal-implimentazzjoni u ***l-esplorazzjoni*** tas-sistemi skont il-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-governanza u l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni.

Artikolu 2 [*test minn dak li kien l-Artikolu 1*]

Is-sistemi u l-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita

1. Il-programmi ***Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita***, Galileo u EGNOS għandhom ikopru l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiddefinixxu, jiżviluppaw, jivvalidaw, jibnu, iħaddmu, iġeddu u jtejbu ż-żewġ sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, jiġifieri s-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u s-sistema EGNOS, u tiżgura s-sigurtà ***u l-interoperabilità*** tagħhom.

Dawn il-programmi għandhom ukoll jimmiraw li jittieħdu l-akbar benefiċċji soċjoekonomiċi possibbli mis-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, b'mod speċjali billi jippromwovu l-użu tas-sistemi u jrawmu l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet u servizzi bbażati fuq dawn is-sistemi.

2. Is-sistema stabbilita skont il-programm Galileo **għandha tkun sistema ċivili taħt kontroll ċivili u** sistema awtonoma u globali ta' navigazzjoni bis-satellita (GNSS) li tinkludi kostellazzjoni ta' satelliti u netwerk globali ta' stazzjonijiet **fuq l-art**.
3. Is-sistema EGNOS **għandha tkun** infrastruttura **ta' sistema reġjonali ta' navigazzjoni bis-satellita** għall-monitoraġġ u l-korrezzjoni tas-sinjali **miftuħa** li jintbagħtu minn sistemi globali eżistenti ta' navigazzjoni bis-satellita, **kif ukoll dawk tas-servizz miftuħ offrut mis-sistema stabbilita skont il-programm Galileo, meta dawn isiru disponibbli**. Din tikkonsisti minn stazzjonijiet **fuq l-art** u diversi transponders installati fuq is-satelliti ġeostazzjonarji.

4. L-għanijiet speċifiċi tal-programm Galileo ***għandhom ikunu*** li jiġi żgurat li s-sinjali li jintbagħtu mis-sistema ***stabbilita*** skont dan il-programm ikunu jistgħu jintużaw biex jissodisfaw ***il-funzjonijiet*** li ġejjin:
- (a) li joffru servizz miftuħ (OS), li jkun bla ħlas għall-utent u jipprovdi informazzjoni dwar il-pożizzjonament u s-sinkronizzazzjoni maħsuba ***primarjament*** għall-applikazzjonijiet b'volum kbir tan-navigazzjoni bis-satellita;
 - (b) ***li jikkontribwixxu, permezz ta' sinjali bis-servizz miftuħ ta' Galileo u/jew f'kooperazzjoni ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita, għas-servizzi ta' monitoraġġ tal-integrità mmirati għall-utenti ta' applikazzjonijiet ta' safety-of-life (sikurezza tal-ħajja) f'konformità mal-istandards internazzjonali;***
 - (c) li joffru servizz kummerċjali (CS) għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet għall-użu professjonali jew kummerċjali permezz ta' titjib fil-prestazzjonijiet u dejta b'valur aktar miżjud minn dawk miksuba permezz tas-servizz miftuħ;

- (d) li joffru servizz pubbliku regolat (PRS) maħsub biss għall-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, għal applikazzjonijiet sensitivi li jirrikjedu livell għoli ta' kontinwità fis-servizz, ***mingħajr ħlas għall-Istati Membri, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE u, fejn xieraq, l-aġenziji tal-Unjoni debitament awtorizzati***; dan is-servizz juża sinjali b'saħħithom u kkriptati; ***Il-kwistjoni tal-ħlas li jintalab lil parteċipanti tal-PRS oħra msemmija fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE għandha tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet xierqa fil-ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 3(5) ta' dik id-Deċiżjoni***;
- (e) li ***jikkontribwixxu għas-servizz*** ta' appoġġ għat-tfittxija u salvataġġ (SAR) tas-sistema COSPAS-SARSAT billi jidentifikaw sinjali ta' ***diffikultà trażmessi*** minn sinjali u jintbagħtulhom lura messaġġi.

5. L-għanijiet speċifiċi tal-programm EGNOS *għandhom ikunu*:

- (a) li jiġi żgurat li s-sinjali li jintbagħtu mis-sistema EGNOS ikunu jistgħu jintużaw biex jissodisfaw *il-funzjonijiet* li ġejjin:
 - (i) li joffru servizz miftuħ (OS), li jkun bla ħlas għall-utent, u jipprovdi informazzjoni dwar il-pożizzjonament u s-sinkronizzazzjoni maħsuba *primarjament* għall-applikazzjonijiet b'volum kbir tan-navigazzjoni bis-satellita koperti mis-sistema *EGNOS*;
 - (ii) li joffru servizz għat-tixrid ta' dejta kummerċjali, is-Servizz ta' EGNOS għall-Aċċess tad-Dejta (EDAS), li jippromwovu l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet għall-użu professjonali jew kummerċjali permezz ta' titjib fil-prestazzjoni u dejta b'valur aktar miżjud minn dawk miħsuba permezz tas-servizz miftuħ *tiegħu*;

- (iii) li joffru servizz ta' safety-of-life (servizz ta' sikurezza tal-ħajja) (SoL), servizz li għandu fil-mira utenti li għalihom is-sikurezza hija neċessarja; dan is-servizz, **li jingħata mingħajr ħlasijiet diretti mill-utent**, jissodisfa **b'mod partikolari r-rekwiżiti** ta' ċerti setturi għall-kontinwità, id-disponibbiltà u *eżattezza* u jinkludi funzjoni ta' integrità li tavża lill-utent bi kwalunkwe falliment **jew "nuqqas ta' tolleranza" f'sistemi msaħħa mis-sistema EGNOS fiż-żona ta' kopertura**;
- (b) **bħala prijorità, li jipprovi dawn il-funzjonijiet fiż-żona tat-territorji tal-Istati Membri li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa mill-aktar fis possibbli.**

Il-kopertura ġeografika tas-servizzi pprovduti mis-sistema EGNOS tista' tiġi estiża għal reġjuni oħra tad-dinja, partikolarment territorji ta' pajjiżi kandidati, ta' pajjiżi terzi li jagħmlu parti mill-Ajru Uniku Ewropew u ta' pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, soġġett għal restrizzjonijiet tekniċi u finanzjarji u abbażi ta' ftehimiet internazzjonali. L-ispiża ta' tali estenzjoni, inklużi l-ispejjeż ta' esplojtazzjoni relatati, m'għandhomx ikunu koperti mir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 10. Tali estensjoni m'għandhiex iddewwem l-estensjoni tal-kopertura ġeografika tas-sistema EGNOS fiż-żona kollha tat-territorji tal-Istati Membri li jinsabu ġeografikament fl-Ewropa.

Artikolu 3

Il-fażijiet gradwali tal-programm Galileo

Il-programm Galileo għandu jikkonsisti mill-fażijiet li ġejjin:

- (a) fażi ta' definizzjoni li matulha ġiet disinjata l-istruttura tas-sistema u l-elementi tagħha ġew determinati, li spiċċat fl-2001;
- (b) fażi ta' żvilupp u ta' validazzjoni, **li hi skedata biex titlesta fl-2013**, li tinkludi l-bini u t-tnedija tal-ewwel satelliti, it-twaqqif tal-ewwel infrastrutturi fuq l-art u x-xogħol u t-tħaddim kollu meħtieġ għall-validazzjoni tas-sistema fl-orbita; ■
- (c) fażi ta' skjerament ■ **li għandha titlesta sal-2020, li tinkludi:**

- (i) *il-bini, l-istabiliment u l-protezzjoni tal-infrastrutturi kollha bbażati fl-ispazju, b'mod partikolari tas-satelliti kollha meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(4) u tas-satelliti żejda meħtieġa, u l-manutenzjoni u l-operazzjonijiet evoluttivi relatati;*
 - (ii) *il-bini, l-istabiliment u l-protezzjoni tal-infrastrutturi kollha bbażati fuq l-art, b'mod partikolari tal-infrastrutturi meħtieġa biex jikkontrollaw is-satelliti u jipproċessaw id-dejta ta' navigazzjoni tar-radju bis-satellita u ta' ċentri ta' servizzi u ċentri oħra bbażati fuq l-art, u l-manutenzjoni u l-operazzjonijiet evoluttivi relatati;*
 - (iii) *tħejjijiet għall-fażi ta' esplojtazzjoni, inklużi attivitajiet preparatorji marbuta mad-dispożizzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(4);*
- (d) fażi ta' esplojtazzjoni li *tinkludi:*
- (i) *il-maniġment, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura bbażata fl-ispazju, inklużi r-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tal-obsolenza;*

- (ii) *il-maniġment, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura bbażata fuq l-art, b'mod speċjali ta' ċentri ta' servizzi u ċentri, networks u siti oħra bbażati fuq l-art, inklużi r-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tat-tneħħija;*
- (iii) *l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(4);*
- (iv) l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni marbuta mal-programm;
- (v) il-provvista u bejgħ tas-servizzi *msemmija fl-Artikolu 2(4);*
- (vi) *kooperazzjoni ma' GNSS oħrajn;* kif ukoll
- (vii) l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa għall-iżvilupp *ta' dik is-sistema* u għall-funzjonament bla xkiel tal-programm.

■ Din il-fażi ***għandha*** tibda progressivament bejn l-2014 u l-2015 b'forniment tas-servizzi inizjali ***għas-servizz miftuħ, is-servizz ta' tfittxija u salvataġġ u s-servizz pubbliku regolat. Dawk is-servizzi inizjali għandhom jittejbu gradwalment u l-funzjonijiet l-oħra speċifikati fl-objettivi msemmija fl-Artikolu 2(4) għandhom jiġu implimentati gradwalment bil-għan li tintlaħaq il-kapaċità operattiva sħiħa sal-2020.***

Artikolu 4

Il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-EGNOS

Il-fażi ta' esplojtazzjoni tal-EGNOS prinċipalment tinkludi:

- (a) ***il-maniġment, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura bbażata fl-ispazju, inklużi r-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tal-obsolenza;***
- (b) ***il-maniġment ■, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, l-evoluzzjoni u l-ħarsien tal-infrastruttura bbażata fuq l-art, b'mod speċjali netwerks, siti u faċilitajiet ta' appoġġ, inklużi r-rikostituzzjoni u l-ġestjoni tal-obsolenza;***

- (c) *l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri tas-sistema u l-evoluzzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(5);*
- (d) *l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni marbuta mal-programm;*
- (e) *il-forniment u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(5);*
- (f) *l-elementi kollha li jiġġustifikaw l-affidabbiltà tas-sistema u l-esplojtazzjoni tagħha;*
- (g) *attivitajiet ta' koordinazzjoni marbutin mat-tlestija tal-obiettivi speċifiċi skont il-punt (b) tal-Artikolu 2(5).*

Artikolu 5

Il-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà tas-sistemi

1. Is-sistemi *kif ukoll* in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli *mil-lat tekniku*.

2. Is-sistemi *kif ukoll* in-networks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom **■** ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita *u ma'* mezzi konvenzjonali ta' radjunavigazzjoni, *fejn dan huwa stipulat fi ftehim internazzjonali konkluż skont l-Artikolu 28.*

■

Artikolu 6

Sjieda

L-Unjoni għandha tkun is-sid tal-assi tanġibbli u intanġibbli kollha maħluqa jew żviluppata skont il-programmi, u għal dan il-għan għandhom jiġu konklużi ftehimiet ma' partijiet terzi, kull fejn xieraq, fir-rigward ta' drittijiet ta' sjieda eżistenti.

■ Il-Kummissjoni għandha tiżgura, *permezz ta' qafas xieraq, l-aħjar użu possibbli tal-assi msemmija f'dan l-Artikolu; b'mod partikolari, hija għandha timmaniġġja d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali relatati mal-programmi bl-aktar mod effettiv possibbli, billi tqis il-bżonn li tiproteġi u tagħti valur lid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali tal-Unjoni, l-interessi tal-partijiet interessati kollha, u l-ħtieġa ta' żvilupp armonjuż tas-swieq u ta' teknoloġiji ġodda. Għal dan il-għan, għandha tiżgura li l-kuntratti konklużi taħt il-programmi jkunu jinkludu l-possibbiltà li jiġu ttrasferiti jew permessi lil partijiet terzi d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li jirriżultaw minn xogħol imwettaq taħt il-programmi.*

KAPITOLU II
KONTRIBUZZJONI U MEKKANIŻMI BAĠITARJI

Artikolu 7

Attivitajiet ikkonċernati

1. L-appropriazzjonijiet baġitarji tal-Unjoni *assenjati* għall-programmi għall-perijodu 2014-2020 skont dan ir-Regolament għandhom jingħataw għall-finanzjament ta':
 - (a) attivitajiet marbuta *mat-tlestija tal-fażi* ta' skjerament tal-programm Galileo *kif imsemmi fl-Artikolu 3(c)*;
 - (b) attivitajiet marbuta *mal-fażi* ta' *esplojtazzjoni* tal-programm Galileo *kif imsemmi fl-Artikolu 3(c)*;
 - (c) attivitajiet assoċjati *mal-fażi* ta' *esplojtazzjoni tal-programm* Galileo *kif imsemmi fl-Artikolu 4*;
 - (ca) *attivitajiet assoċjati mal-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-programmi*.

- 1a. L-appropriazzjonijiet baġitarji tal-Unjoni assenjati lill-programmi għandhom, f'konformità mal-Artikolu 10(1a), jingħataw ukoll biex jiffinanzjaw attivitajiet assoċjati mar-riċerka u l-iżvilupp ta' elementi fundamentali, bħal chipsets u riċevituri abilitati għall-Galileo.*
2. L-appropriazzjonijiet **baġitarji** tal-Unjoni assenjati għall-programmi **għandhom ikopru** wkoll in-nefqa tal-Kummissjoni marbuta mal-attivitajiet ta' preparazzjoni, monitoraġġ, spezzjoni, verifika u evalwazzjoni meħtieġa għall-maniġment tagħhom **tal-programmi** u għall-implimentazzjoni tal-għanijiet **imsemmija fl-Artikolu 2(4) u (5). Din in-nefqa tista' tkopri** b'mod partikolari:
- (a) studji u laqgħat mal-esperti;
 - (b) attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inkluża l-komunikazzjoni istituzzjonali dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni fejn dawn huma marbuta direttament mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament, **b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti sinerġiji ma' politiki rilevanti oħrajn tal-Unjoni;**
 - (c) netwerks teknoloġiċi tal-IT, bl-għan li jipproċessaw jew jittrasferixxu d-dejta;

(d) kwalunkwe għajnuna teknika jew amministrattiva oħra li tingħata lill-Kummissjoni għall-maniġment tal-programmi.

3. ■ L-ispejjeż tal-programmi u tal-fażijiet differenti tal-programmi *għandhom jiġu* identifikati b'mod ċar. Il-Kummissjoni, b'konformità mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, għandha tinforma, *fuq bażi annwali, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill* u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) dwar l-allokkazzjoni ■ tal-fondi tal-Unjoni, *inkluża r-riżerva ta' kontinġenza*, għal kull waħda mill-attivitajiet speċifikati fil-paragrafi 1, *1a* u *2 u tal-użu ta' dawk il-fondi*.

Artikolu 8

Il-finanzjament *tal-programmi Galileo u EGNOS*

1. ■ *L-Unjoni għandha tiffinanzja l-attivitajiet relatati mal-programmi Galileo u EGNOS imsemmija fl-Artikolu 7(1), (1a) u (2), biex tissodisfa l-objettivi stipulati fl-Artikolu 2, b'konformità mal-Artikolu 10 ■ mingħajr ħsara għal kwalunkwe kontribut minn kwalunkwe sors ieħor ta' finanzjament, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.*

2. L-Istati Membri jistgħu ***jitolbu li*** jipprovdu finanzjament addizzjonali ***għall-programmi Galileo u EGNOS biex ikopru elementi addizzjonali f'każijiet partikolari, bil-kondizzjoni li dan ma joħloq ebda piż finanzjarju jew tekniku jew dewmien fir-rigward tal-programm ikkonċernat. Abbażi ta' talba minn Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(3), jekk il-kundizzjonijiet preċedenti ġewx sodisfatti.*** Il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull impatt li jkun hemm fuq ***il-programmi Galileo u EGNOS*** li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu ***lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35 (1) ta' dan ir-Regolament.***
3. Pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu wkoll jiprovdu finanzjament addizzjonali ***għall-programmi Galileo u EGNOS.*** Il-ftehimiet ***internazzjonali msemmijin fl-Artikolu 28 għandhom*** jistipulaw il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti għall-involviment tagħhom.
- 3a. ***Il-finanzjament addizzjonali msemmi fil-paragrafi 2 u 3 għandu jikkostitwixxi introjtu estern assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.***

Artikolu 10

Riżorsi

1. L-ammont massimu *allokat* mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 7(1), (1a) u (2) *u biex ikopri r-riskji assoċjati ma' dawn l-attivitajiet* għandu jkun EUR [7,07173 biljuni] fil-prezzijiet attwali għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. *Dan l-ammont għandu jkun imqassam fil-kategoriji ta' nefqa li ġejjin:*
 - (a) *għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), EUR [1,93 biljun] fi prezzijiet attwali;*
 - (b) *għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1), EUR [3 biljun] fi prezzijiet attwali;*
 - (c) *għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 7(1), EUR [1,58 biljun] fi prezzijiet attwali;*
 - (d) *għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (ca) tal-Artikolu 7(1) u fl-Artikolu 7(2), EUR [0,56173 biljun] fi prezzijiet attwali¹;*

¹ Li minnhom massimu ta' EUR 113-il miljun (fi prezzijiet attwali) għan-nefqa tal-ġestjoni tal-GSA.

- 1a. Mingħajr ħsara għal kwalunkwe ammonti allokatati għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq is-sistemi fi ħdan il-programm Orizzont 2020, l-appropriazzjonijiet baġitarji assenjati lill-programmi, inklużi l-introjti assenjati, għandhom jiffinanzjaw attivitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 7(1a) sa massimu ta' EUR 100 miljun fi prezzijiet kostanti.*
- 1b. Il-Kummissjoni tista' talloka mill-ġdid il-fondi minn kategorija ta' nefqa, kif stipulat fil-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 1, għal oħra, sa massimu ta' 10 % tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. Jekk din l-allokkazzjoni mill-ġdid tikkonċerna ammont akbar minn 10 % tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 35(2).*
- Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe allokkazzjoni mill-ġdid ta' fondi bejn il-kategoriji ta' nefqa.*
2. L-appropriazzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.
3. L-impenji baġitarji għall-programmi għandhom isiru permezz ta' pagamenti annwali.

- 3a. *Il-Kummissjoni għandha timmaniġġja r-riżorsi finanzjarji fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu b'mod trasparenti u kosteffettiv. Il-Kummissjoni għandha kull sena tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istrategġija ta' ġestjoni tal-kosti użata.*

Artikolu 11

Introjtu ġġenerat mill-programmi

1. L-introjtu ġġenerat *mill-esplorazzjoni* tas-sistemi għandu jinġabar mill-Unjoni, jitħallas lill-baġit tal-Unjoni u jiġi allokat għall-programmi, *u b'mod partikolari għall-objettiv kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)*. Jekk jirriżulta li l-introjtu ikun aktar minn dak meħtieġ għall-finanzjament tal-fażijiet ta' sfruttament tal-programm, kull adattament tal-prinċipju ta' allokkazzjoni għandu jkun approvat *mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill* abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni.
2. Fil-kuntratti konklużi ma' entitajiet tas-settur privat, jista' jiġi pprevedut mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-introjtu.

3. L-interessi ġġenerati mill-pagamenti ta' qabel il-finanzjament li jkunu saru lill-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit, indirettament ***għandhom ikunu*** assenjati lil attivitajiet skont il-ftehim tad-delega jew skont il-kuntratt konkluż bejn il-Kummissjoni u l-entità kkonċernata. B'konformità mal-prinċipju ta' maniġment finanzjarju sod, l-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni indiretta tal-baġit, għandhom jifftu kontijiet li jippermettu li l-fondi u l-interessi korrispondenti jkunu identifikati.

KAPITOLU III

IL-GOVERNANZA PUBBLIKA TAL-PROGRAMM

Artikolu 12

Prinċipji għall-governanza tal-programmi

Il-governanza pubblika tal-programmi ***għandha tkun ibbażata*** fuq ***il-prinċipji*** ta':

- (a) diviżjoni stretta tal-kompiti ***u r-responsabbiltajiet*** bejn id-diversi entitajiet involuti, b'mod partikolari l-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea GNSS u ***l-ESA, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Kummissjoni;***

- (b) kooperazzjoni sinċiera bejn il-korpi msemmija fil-punt (a) u l-Istati Membri;*
- (c) kontroll b'saħħtu tal-programmi, inkluż għal adeżjoni stretta għall-ispiża u l-iskeda mill-korpi kollha involuti, fl-oqsma ta' responsabbiltà tagħhom, fir-rigward tal-obiettivi tal-programmi;*
- (d) ottimizzazzjoni u razjonalizzazzjoni tal-użu ta' strutturi eżistenti, sabiex tiġi evitata kwalunkwe duplikazzjoni ta' għarfien espert tekniku;*
- (e) l-użu tas-sistemi u t-tekniki ta' ġestjoni tal-proġetti tal-aħjar Prattika għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-programmi, fid-dawl tar-rekwiżiti speċifiċi u bl-appoġġ ta' esperti fil-qasam.*

Artikolu 13

Ir-rwol tal-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni ***għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali*** tal-programmi. Hi ***għandha*** tamministra l-fondi allokatu ■ skont dan ir-Regolament u ***tissorvelja*** l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programm, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-ispiża, l-iskeda u l-prestazzjoni***.
2. Flimkien ***mar-responsabbiltà*** ġenerali msemmija fi-paragrafu 1 u ***l-kompiti speċifiċi*** msemmija f'dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, ***il-Kummissjoni għandha:***
 - (a) ■ tiżgura diviżjoni ċara tal-kompiti bejn id-diversi entitajiet involuti fil-programmi u għal dan il-għan ***għandha*** talloka l-kompiti msemmija rispettivament ***fl-Artikolu 15(1a)*** u ***l-Artikolu 16***, partikolarment permezz ta' ftehimiet ta' delega, lill-Aġenzija Ewropea GNSS u ***l-ESA***;
 - (b) ***tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi bir-riżorsi allokatu għall-programmi u f'konformità mal-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 2.***

Għal dak il-għan, għandha tistabbilixxi u timplimenta l-istrumenti u l-miżuri strutturali korretti xierqa meħtieġa għall-identifikazzjoni, il-kontroll, il-mitigazzjoni u l-monitoraġġ tar-riskji assoċjati mal-programmi ■ ;

- (c) ■ ***timmaniġġja, fisem l-Unjoni u fil-qasam tal-kompetenza tagħha, ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;***
- (d) ***tippovdi lill-Istati Membri u lill-Parlament Ewropew, b'mod f'waqtu, l-informazzjoni rilevanti kollha li tikkonċerna l-programmi, b'mod partikolari f'termini ta' ġestjoni tar-riskju, spiża globali, spejjeż annwali tal-operat ta' kull element sinifikanti tal-infrastruttura Galileo, introjti, skeda u prestazzjoni, kif ukoll rendikont tal-implimentazzjoni tas-sistemi u t-tekniki ta' ġestjoni tal-proġetti msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 12;***
- (da) ***tivvaluta l-possibilitajiet għall-promozzjoni u l-iżgurar tal-użu tas-sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita fis-setturi differenti tal-ekonomija, inkluż billi tanalizza kif jista' jittieħed vantaġġ mill-benefiċċji ġġenerati mis-sistemi.***

3. █ Għall-progress bla xkiel tal-fażijiet tal-programm Galileo u ***l-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programm EGNOS imsemmija*** rispettivament ***fl-Artikoli 3 u 4***, il-Kummissjoni għandha tistipula, ***fejn ikun neċessarju***, il-miżuri meħtieġa biex:
- (a) ***tiġġestixxi*** u tnaqqas ir-riskji inerenti fil-progress tal-programmi *[test mhux immarkat mill-punt (c) tal-proposta tal-COM]*;
 - (b) *tiddefinixxi* l-istadji ta' deċiżjoni ewlenin għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi;
 - (c) *tiddetermina l-post* tal-infrastruttura fuq l-art tas-sistemi ***skont ir-rekwiżiti tas-sigurtà, wara proċess miftuħ u trasparenti*** █ *[test mhux immarkat mill-punt (a) tal-proposta tal-COM]*;
 - (ca) *tiddetermina speċifikazzjonijiet tekniċi u operazzjonali meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-funzjonijiet imsemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(4) u biex jiġu implimentati l-evoluzzjonijiet tas-sistemi.*

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' *eżami* msemmija fl-Artikolu 35(3).

Artikolu 14

Is-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom

1. *Il-Kummissjoni għandha tiżgura s-sigurtà tal-programmi, inkluża s-sigurtà tas-sistemi* u t-tħaddim tagħhom. *Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha:*
 - (a) *tikkunsidra l-bżonn għas-sorveljanza u l-integrazzjoni fi ħdan il-programmi kollha tar-rekwiżiti u l-istandards relatati mas-sigurtà,*
 - (b) *tiżgura li l-effett ġenerali ta' dawn ir-rekwiżiti u l-istandards ser jappoġġa l-progress b'suċċess tal-programmi, partikolarment f'termini ta' spejjeż, ġestjoni tar-riskju u skeda ta' żmien;*
 - (c) *tistabbilixxi mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn il-korpi differenti involuti;*

(d) tikkunsidra l-istandards u r-rekwiżiti ta' sigurtà eżistenti sabiex ma tbaxxix il-livell ġenerali tas-sigurtà u ma taffettwax il-funzjonament ta' sistemi eżistenti bbażati fuq dawk l-istandards u rekwiżiti.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikoli 15 u 17 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 1104/2011/UE **█**, il-Kummissjoni *għandha tadotta* atti delegati b'konformità mal-Artikolu 34, *filwaqt li tistipula l-objettivi ta' livell għoli* meħtieġa biex tiżgura s-sigurtà *tal-programmi msemmija* fil-paragrafu 1. **█**

2a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi meħtieġa u miżuri oħrajn biex timplimenta l-objettivi ta' livell għoli msemmija fil-paragrafu 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 35(3).

3. *Is-SEAE għandu jkompli jgħin lill-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, b'konformità mal-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 2010/427/UE **█**.*

Artikolu 15

Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea GNSS

1 ■ L-Aġenzija Ewropea GNSS għandha ■, b'konformità mal-linji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni:

(a) *tiżgura*, fir-rigward tas-sigurtà tal-programmi, u mingħajr ħsara għall-Artikoli 14 u 17 ■ :

(i) *permezz tal-Bord ta' Akkreditament ta' Sigurtà, akkreditament* tas-sigurtà b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 912/2010; għaldaqstant, hija għandha tagħti bidu u timmoniterja l-implimentazzjoni tal-proċeduri tas-sigurtà u twettaq awditjar tas-sigurtà tas-sistema;

- (ii) it-tħaddim *taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo, kif imsemmi fl-Artikolu 6(d) tar-Regolament (UE) Nru 912/2010*, b'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14 *ta' dan ir-Regolament* u l-istruzzjonijiet ipprovduti taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK msemmija fl-Artikolu 17;
- (b) ■ twettaq il-kompiti ■ previsti fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1104/2011/UE, ■ u ■ tgħin lill-Kummissjoni ■ skont l-Artikolu 8(6) ta' *dik id-Deċiżjoni*;
- (c) *tikkontribwixxi, fil-kuntest tal-fażi ta' skjerament u l-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programmi, għall-promozzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(4) u (5), inkluż billi twettaq l-analiżi meħtieġa tas-suq, b'mod partikolari permezz tar-rapport dwar is-suq prodott ta' kull sena mill-Aġenzija Ewropea GNSS dwar is-suq għall-applikazzjonijiet u s-servizzi, billi tistabbilixxi kuntatti mill-qrib mal-utenti u l-utenti potenzjali tas-sistemi bil-għan li tiġbor informazzjoni dwar il-bżonnijiet tagħhom, billi ssegwi l-iżviluppi fis-swieq avvanzati tan-navigazzjoni bis-satellita, u billi tfassal pjan ta' azzjoni għall-adozzjoni mill-komunità tal-utenti tas-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(4) u (5), li tikkonsisti partikolarment f'azzjonijiet rilevanti relatati mal-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni.*

1a. *L-Aġenzija Ewropea GNSS* għandha wkoll twettaq kompiti ■ oħrajn marbuta *mal-implimentazzjoni* tal-programmi, *inklużi kompiti ta' ġestjoni tal-programmi, u għandha tkun responsabbli għalihom. Dawk il-kompiti għandhom* jiġu fdati lilha mill-Kummissjoni permezz ta' ftehim ta' delega adottat abbażi ta' deċiżjoni ta' delega, b'konformità *mal-Artikolu 60(1)(c)* tar-Regolament (*UE, Euratom*) *Nru 966/2012, u għandhom* jinkludu:

- (a) attivitajiet operattivi *inklużi l-ġestjoni tas-sistemi* tal-infrastruttura, il-manutenzjoni *u t-titjib* kontinwu ■ tas-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni ■ u l-forniment tas-servizzi msemmija *fl-Artikolu 2(4) u (5)*;
- (b) *kontribut għad-definizzjoni ta' evoluzzjonijiet u żvilupp tas-servizz u attivitajiet ta' skjerament għall-evoluzzjoni u ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi, inkluż l-akkwist;*

- (c) il-promozzjoni ***tal-iżvilupp*** tal-applikazzjonijiet u s-servizzi ***bbażati fuq is-sistemi, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar dawn l-applikazzjonijiet u servizzi, inklużi l-identifikazzjoni, il-kollegament u l-koordinazzjoni tan-netwerk ta' ċentri Ewropej ta' eċċellenza f'applikazzjonijiet u servizzi GNSS, il-kunsiderazzjoni ta' għarfien espert mis-settur pubbliku u privat, u l-evalwazzjoni ta' miżuri marbutin ma' tali promozzjoni u sensibilizzazzjoni;***
- (d) ***il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' elementi fundamentali, bħal chipsets u riċevituri abilitati għall-Galileo.***

1b. Il-ftehimiet ta' delega msemmija fil-paragrafu 1a għandu jagħti livell xieraq ta' awtonomija u awtorità lill-Aġenzija Ewropea GNSS, b'referenza partikolari għall-awtorità kontraenti, fil-qafas tal-Artikolu 58(7) u l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Barra minn hekk, huma għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet ġenerali għall-ġestjoni tal-fondi allokat li lill-Aġenzija Ewropea GNSS u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati, il-finanzjament rilevanti, il-proċeduri ta' ġestjoni, il-miżuri ta' monitoraġġ u kontroll, il-miżuri applikabbli fil-każ ta' implimentazzjoni inadegwata tal-kuntratti f'dawk li huma spejjeż, skeda taż-żmien u prestazzjoni kif ukoll ir-regoli dwar is-sjieda tal-proprjetà tanġibbli u intanġibbli kollha.

Dawk il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' kontroll, b'mod partikolari, għandhom jipprevedu tbassir tal-ispiża proviżorja, informazzjoni sistematika lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż u l-iskeda, u, fil-każ ta' diskrepanza bejn il-baġits ppjanati, il-prestazzjoni u l-iskeda ta' żmien, azzjoni korrettiva li tiżgura l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi fil-limiti tal-baġits allokat.

- 1c. L-Aġenzija Ewropea GNSS għandha tidħol f'arranġamenti ta' ħidma mal-ESA li huma meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament għall-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programmi. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) dwar tali arranġamenti ta' ħidma konklużi mill-Aġenzija Ewropea GNSS u kwalunkwe bidliet li jsirulhom. Meta jkun xieraq, l-Aġenzija Ewropea GNSS tista' wkoll tikkunsidra li tirrikorri għand entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku jew privat.*

2. Minbarra l-kompiti msemmija ***fil-paragrafi 1 u 1a*** u ***fl-ambitu*** tal-missjoni tagħha, l-Aġenzija Ewropea GNSS għandha ttiprovdi lill-Kummissjoni bl-ispeċjalizzazzjoni teknika tagħha u tforni kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għat-tweqqif tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, ***inkluż għall-valutazzjoni tal-possibilità li jiġi promoss u żgurat l-użu tas-sistemi msemmija fil-punt (da) tal-Artikolu 13(2)***.
3. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) għandu jiġi kkonsultat dwar id-deċiżjoni ta' delega msemmija ***fil-paragrafu 1a*** ta' dan l-Artikolu, b'konformità mal-proċedura ***konsultattiva*** msemmija fl-Artikolu 35(2). ***Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat*** għandhom ikunu infurmati ***minn qabel*** bil-ftehimiet ta' delega li għandhom jiġu konklużi mill-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea GNSS.
- 3a. ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) dwar ir-riżultati intermedjarji u dawk finali tal-evalwazzjoni ta' kwalunkwe sejħiet għal offerti u ta' kwalunkwe kuntratti ma' entitajiet fis-settur privat,inkluża l-informazzjoni relatata mas-sottokuntrattar.***

Artikolu 16

L-irwol tal-Aġenzija Spazjali Ewropea

1. ***Għall-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo kif imsemmi fl-Artikolu 3(c), il-Kummissjoni għandha tikkonkludi **mingħajr dewmien** ftehim ta' delega **mal-ESA** li jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari rigward id-disinn, l-iżvilupp u l-akkwist tas-sistema. Il-ftehim mal-ESA għandu jiġi konkluż abbażi ta' deċiżjoni ta' delega adottata mill-Kummissjoni b'konformità mal-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.***

(a) Il-ftehim tad-delega għandu, safejn hu meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti u tal-baġit iddelegati taħt il-paragrafu 1, jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġenerali għall-maniġment tal-fondi fdati *lill-ESA*, u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati *fir-rigward tad-disinn, l-iżvilupp u l-akkwist tas-sistema*, il-finanzjament rilevanti, il-proċeduri ta' maniġment u l-miżuri ta' monitoraġġ u ta' kontroll, il-miżuri applikabbli fl-avveniment ta' *implimentazzjoni* inadegwata tal-kuntratti *f'termini ta' spejjeż, żmien u prestazzjoni kif ukoll ir-regoli* dwar is-sjieda *tal-assi* tanġibbli u intanġibbli kollha.

Il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' kontroll, b'mod partikolari, għandhom jipprevedu għal sistema ta' tbassir tal-ispiża provviżjorja, informazzjoni sistematika *lill-Kummissjoni* dwar l-ispejjeż *u l-iskeda*, u, fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn il-baġits, *il-prestazzjoni u l-iskeda* ppjanati, azzjoni korrettiva li tiżgura l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi fil-limiti tal-baġits allokat.

(b) Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) għandu jiġi kkonsultat dwar id-deċiżjoni ta' delega msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'konformità mal-proċedura *konsultattiva* msemmija fl-Artikolu 35(2). ***Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kumitat għandhom ikunu infurmati minn qabel*** bil-ftehimiet ta' delega ■ li għandhom jiġu konklużi *mill-Unjoni, irrappreżentata* mill-Kummissjoni u *l-ESA*.

(c) ***Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat*** imsemmi fl-Artikolu 35(1) ■ dwar ir-riżultati intermedjarji u dawk finali tal-evalwazzjoni tas-sejħiet għal offerti u tal-kuntratti ma' entitajiet fis-settur privat li għandhom jiġu konklużi *mill-ESA, inkluża l-informazzjoni relatata mas-sottokuntrattar*.

4a. Għall-fażi ta' esplojtazzjoni tal-programmi kif imsemmija fl-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4, l-arranġamenti ta' ħidma bejn l-Aġenzija Ewropea GNSS u l-ESA, imsemmija fl-Artikolu 15(1c) għandhom jindirizzaw ir-rwol tal-ESA matul din il-fażi u l-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija Ewropea GNSS, b'mod partikolari rigward:

- (a) *il-kunċett, id-disinn, il-monitoraġġ, l-akkwist u l-validazzjoni fil-qafas tal-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi;*
- (b) *l-appoġġ tekniku fil-qafas tal-operat u ż-żamma tal-ġenerazzjoni eżistenti tas-sistemi.*

Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu konformi mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u mal-miżuri stabbiliti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 13(3).

Dawn l-arranġamenti u kwalunkwe bidliet li jsiru fihom għandhom jiġu notifikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1).

- 4b. *Mingħajr ħsara għall-ftehim ta' delega u l-arranġamenti ta' ħidma msemmija fil-paragrafi 1 u 4a, il-Kummissjoni tista' titlob mingħand l-ESA għarfien espert tekniku u informazzjoni meħtieġa għall-prestazzjoni tal-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament.*

KAPITOLU IV
ASPETTI RELATATI MAS-SIGURTÀ TAL-UNJONI JEW TAL-ISTATI MEMBRI

Artikolu 17
Azzjoni Konġunta

Kull meta s-sigurtà tal-Unjoni jew tal-Istati Membri tagħha tkun tista' tiġi affettwata mit-tħaddim tas-sistemi, għandhom japplikaw il-proċeduri stipulati fl-Azzjoni Konġunta **2004/552/PESK**.

Artikolu 18
L-applikazzjoni *tar-regoli* dwar informazzjoni klassifikata

Fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament:

- (a) kull Stat Membru għandu jiżgura li r-regolamenti *nazzjonali tiegħu* dwar is-sigurtà *joffru* livell ta' ħarsien *tal-informazzjoni klassifikata tal-UE* ekwivalenti għal dak *ipprovdut* mir-regoli **2001/844/KE**, KEFA, Euratom u *mir-regoli* dwar is-sigurtà tal-Kunsill stipulati *fl-Annessi* mad-Deċiżjoni tal-Kunsill **2001/292/UE**¹;

¹ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.

- (b) L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni *mingħajr dewmien* bl-adozzjoni ta' regolament nazzjonali dwar is-sigurtà kif msemmi fil-paragrafu 1;
- (c) Il-persuni fiżiċi li huma residenti f'pajjiżi terzi u entitajiet legali stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu jittrattaw informazzjoni klassifikata *tal-UE* fir-rigward tal-programmi biss meta dawn ikunu soġġetti, f'dawn il-pajjiżi, għal regolament dwar is-sigurtà li jiżgura livell ta' ħarsien tal-anqas ekwivalenti għal dak garantit bir-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà stabbiliti fl-Anness mad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom u *mir-regoli* tal-Kunsill dwar is-sigurtà stabbiliti *fl-Annessi* mad-Deċiżjoni 2011/292/UE. L-ekwivalent tar-regolament dwar is-sigurtà applikat f'pajjiżi terzi *jew organizzazzjoni internazzjonali għandu jiġi definit* fi ftehim *dwar is-sigurtà ta' informazzjoni bejn l-Unjoni u* dak il-pajjiż *terz jew organizzazzjoni internazzjonali, f'konformità mal-proċedura prevista fl-Artikolu 218 tat-TFUE u b'kont meħud tal-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni 2011/292/UE;*

(d) mingħajr ħsara għall-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/292/UE u għar-regoli li jirregolaw il-qasam tas-sigurtà industrijali kif stabbiliti fl-Anness għad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom, persuna fiżika u entità ġuridika privata, pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali jista' jingħatalhom aċċess għal informazzjoni klassifikata tal-UE fejn meqjus meħtieġ fuq bażi ta' każ b'każ, skont in-natura u l-kontenut ta' tali informazzjoni, il-ħtieġa ta' għarfien tad-destinatarju u l-kejl ta' vantaġġ għall-Unjoni.

KAPITOLU V
KUNTRATTI PUBBLIĊI

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-kuntratti pubbliċi konklużi fil-qafas tal-fażijiet ta' skjerament u ta' esplojtazzjoni tal-programmi

Artikolu 19
Prinċipji ġenerali

Mingħajr ħsara għall-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà tal-Unjoni jew tas-sigurtà pubblika jew biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Unjoni dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari l-aċċess miftuħ u l-kompetizzjoni ġusta tul il-katina tal-provvista, is-sejħiet għall-offerti abbażi tal-ġhoti ta' informazzjoni trasparenti u f'waqtha, il-komunikazzjoni ċara tar-regoli li japplikaw dwar l-akkwist, il-kriterji tal-għażla u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti li twassal għal kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-offerenti potenzjali kollha għandhom japplikaw għall-kuntratti pubbliċi konklużi fil-qafas tal-fażi ta' skjerament tal-programm Galileo u l-fażijiet ta' esplojtazzjoni tal-programmi .

Artikolu 20
Objettivi Speċifiċi

Matul il-proċedura ta' akkwist, għandhom jiġu segwiti l-objettivi li ġejjin ***mill-awtoritajiet kontraenti fis-sejħiet għall-offerti tagħhom:***

- (a) il-promozzjoni tal-iktar parteċipazzjoni wiesgħa u miftuħa possibbli fl-Unjoni mill-operaturi ekonomiċi kollha, u partikolarment mill-kumpaniji l-ġodda u l-SMEs, ***inkluż billi jirrikorru għas-sottokuntrattar mill-offerenti;***
- (b) jiġi evitat l-abbuż possibbli ta' dominanza u tiġi evitata d-dipendenza fuq fornituri uniċi,
- (c) jittieħed vantaġġ minn investimenti preċedenti tas-settur pubbliku u tal-lezzjonijiet miksuba kif ukoll tal-esperjenza u l-kompetenzi industrijali, inklużi dawk miksuba fil-fażijiet tad-definizzjoni, l-iżvilupp u validazzjoni u l-iskjerament tal-programmi, waqt li tkun assigurata l-konformità mar-regoli dwar sejħiet għal offerti b'mod kompetittiv.
- (ca) ***jiġi applikat il-multiple sourcing kull fejn dan ikun xieraq biex jiġi żgurat kontroll ġenerali aħjar tal-programmi, tal-ispejjeż tagħhom u tal-iskeda ta' żmien tagħhom;***
- (cb) ***jittieħed kont kull meta xieraq tal-ispiża totali fuq iċ-ċiklu tal-ħajja utli tal-prodott, servizz jew xogħol li għalih qed issir sejħa għall-offerti.***

TAQSIMA 2

Dispożizzjonijiet speċifiċi applikabbli għall-akkwist pubbliku mwettaq bħala parti mill-fażijiet ta' skjerament u ta' esplojtazzjoni tal-programmi

Artikolu 21

L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni ġusti

L-awtorità kontraenti **għandha** tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta meta involviment preċedenti ta' kumpanija fl-attivitajiet marbuta mas-suġġett tas-sejħa għall-offerti:

- (a) jista' jagħti vantaġġi kbar lil dik il-kumpanija f'termini ta' informazzjoni privileġġata u għalhekk jista' jagħti lok għal tħassib dwar il-konformità mat-trattament ugwali; jew
- (b) jaffettwa l-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni normali jew l-imparzjalità u l-oġġettività tal-għoti u r-rendiment tal-kuntratti.

Dawn il-miżuri **ma għandhomx** jaffettwaw il-kompetizzjoni ġusta, it-trattament ugwali u l-kunfidenzjalità tad-dejta miġbura dwar l-impriżi, ir-relazzjonijiet kummerċjali u l-istruttura tal-ispejjeż tagħhom. F'dan il-kuntest, dawn il-miżuri għandhom iqisu n-natura u l-partikolari tal-kuntratt maħsub.

Artikolu 21a
Sigurtà tal-informazzjoni

Meta l-kuntratti jinvolvu, jeħtieġu u/jew jinkludu informazzjoni klassifikata, l-awtorità/entità kontraenti għandha tispeċifika fid-dokumentazzjoni tal-offerta l-miżuri u r-rekwiżiti meħtieġa sabiex tkun żgurata s-sigurtà ta' din l-informazzjoni fil-livell meħtieġ.

Artikolu 21b
Affidabbiltà tal-provvista

L-awtorità kontraenti għandha tispeċifika fid-dokumentazzjoni tal-offerta r-rekwiżiti tagħha fir-rigward tal-provvisti jew il-forniment ta' servizzi għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

Artikolu 22
Kuntratti kundizzjonali b'pagamenti fi stadji

1. L-awtorità kontraenti tista' tagħti kuntratt fl-għamla ta' kuntratt kundizzjonali ta' pagamenti fi stadji.

2. Kuntratt kundizzjonali ta' pagamenti fi stadji **għandu** jinkludi stadju fiss li jkun akkumpanjat b'impenn baġitarju **li jirriżulta f'impenn sod li jingħataw ix-xogħljiet, il-provvisti u s-servizzi kkuntrattati għal dak l-istadju** u stadju **■** wieħed ieħor jew iktar **li jkunu kundizzjonali f'termini kemm tal-baġit kif ukoll tal-eżekuzzjoni**. Id-dokumenti tal-offerti jirreferu għall-karatteristiċi speċifiċi tal-kuntratti kundizzjonali b'pagamenti fi stadji. Partikolarment, dawn jispeċifikaw is-suġġett tal-kuntratt, il-prezz jew l-arranġamenti għad-determinazzjoni tal-prezz u l-arranġamenti għall-forniment tal-provvisti u s-servizzi f'kull stadju.
3. L-obbligi tal-istadju fiss għandhom ikunu parti minn parti sħiħa konsistenti; l-istess japplika għall-obbligi f'kull stadju kundizzjonali, filwaqt li jitqiesu l-obbligi fl-istadji preċedenti.
4. L-eżekuzzjoni ta' kull stadju kundizzjonali **għandha tkun** soġġetta għal deċizzjoni mill-awtorità kontraenti notifikata lill-kuntrattur skont il-kuntratt. Meta stadju kundizzjonali **jigħi** kkonfermat tard jew ma jigħix ikkonfermat, il-kuntrattur jista' jibbenefika, jekk il-kuntratt jipprovdi hekk u skont il-kundizzjonijiet imniżżla fih, minn allokazżjoni ta' trasferiment u allokazżjoni ta' noneżekuzzjoni.

4a. *Meta, fir-rigward ta' stadju partikolari, l-awtorità kontraenti tinnota li x-xogħlijiet u s-servizzi miftiehma għal dak l-istadju ma jkunux ingħataw, hija tista' titlob li titħallas għad-danni u ttemm il-kuntratt, jekk il-kuntratt jipprevedi dan u skont il-kundizzjonijiet stipulati fih.*

Artikolu 23

Kuntratti ta' rimborż tal-ispejjeż

1. ■ L-awtorità kontraenti tista' tagħżel kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali tal-ispejjeż sa ammont limitat, *skont il-kundizzjonijiet* stipulati fil-paragrafu 2.

■ Il-prezz li għandu jitħallas *għal tali kuntratti għandu* jikkonsisti fir-rimborż tal-ispejjeż diretti kollha mġarrba mill-kuntrattur fit-twettiq tal-kuntratt, bħall-infiq fuq il-ħaddiema, il-materjali, il-prodotti kkunsmati, l-użu tat-tagħmir u l-infrastruttura meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt. Dawn l-ispejjeż *għandhom* jiżdiedu b'miżata fissa li tkopri l-ispejjeż indiretti u l-profitt, jew somma li tkopri l-ispejjeż indiretti u kumpens tal-miżata ta' inċentiv abbażi tal-ksib tal-oġġettivi fir-rigward tal-eżekuzzjoni u l-kalendarju.

2. L-awtorità kontraenti tista' tagħżel kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali meta ma jkunx oġġettivament possibbli li jiġi speċifikat prezz fiss preċiż u jekk jista' jiġi muri b'mod raġonevoli li dan il-prezz fiss ma jkunx abnormalment għoli minħabba l-inċertezzi inerenti fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt minħabba:
- (a) ■ li l-kuntratt ikollu karatteristiċi kumplessi ħafna jew karatteristiċi li jirrikjedu l-użu ta' teknoloġija ġdida u li għalhekk jinkludi għadd sinifikanti ta' riskji tekniċi; *jew*
 - (b) l-attivitajiet soġġetti għall-kuntratt għandhom, għal raġunijiet operazzjonali, jibdew immedjatament anki jekk ma jkunx għadu possibbli li jiġi ddeterminat prezz fiss riġidu sħiħ minħabba r-riskji sinifikanti jew minħabba li l-eżekuzzjoni tal-kuntratt tiddependi parzjalment fuq l-eżekuzzjoni ta' kuntratti oħra.
3. Il-prezz limitu għal kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali *għandu jkun* il-prezz massimu pagabbli. Dan jista' jinqabeż biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġġustifikati kif suppost u bi qbil minn qabel mill-awtorità kontraenti.

4. Id-dokumenti tat-tender ta' proċedura tal-akkwist għal kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali għandhom jispeċifikaw:
- (a) it-tip ta' kuntratt, jiġifieri jekk huwiex kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali sa prezz limitu;
 - (b) għal kuntratt ta' rimborż parzjali, l-elementi tal-kuntratt soġġetti għal rimborż tal-ispejjeż;
 - (c) il-prezz limitu totali;
 - (d) il-kriterji tal-ġhoti li għandhom jippermettu l-valutazzjoni tal-plawsibbiltà tal-baġit globali stmat, tal-ispejjeż rimborżabbli, tal-mekkaniżmi għad-determinazzjoni ta' dawn l-ispejjeż u l-profitt imsemmija fl-offerta li trid tiġi vvalutata;

- (e) it-tip ta' żieda msemija fil-paragrafu 1 li għandha tiġi applikata lill-ispejjeż diretti;
- (f) ir-regoli u l-proċeduri li jiddeterminaw l-eliġibilità tal-ispejjeż ippjanati mill-offerent għat-twettiq tal-kuntratt, skont il-prinċipji stipulati fil-paragrafu 5;
- (g) ir-regoli tal-kontabilità li l-offerti għandhom jikkonformaw magħhom;
- (h) fil-każ ta' kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali li għandu jindbidel f'kuntratt ta' prezz fiss riġidu, il-parametri għal din il-konverżjoni.

5. L-ispejjeż iddikjarati mill-kuntrattur waqt l-eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' rimborż sħiħ jew parzjali jkunu eliġibbli biss jekk *dawn*:

- (a) jggarbu tabilħaqq waqt it-tul tal-kuntratt, bl-eċċezzjoni tal-ispejjeż għat-tagħmir, l-infrastrutturi u l-assi fiss intanġibbli meħtieġa għat-twettiq tal-kuntratt li jistgħu jitqiesu eliġibbli għall-valur sħiħ tal-ammont tax-xiri tagħhom;

- (b) jissemmew fl-istima globali tal-baġit li tista' tiġi riveduta mill-emendi għall-kuntratt inizjali;
- (c) ikunu meħtieġa għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt;
- (d) jirriżultaw mill-eżekuzzjoni tal-kuntratt u jkunu attribwibbli għal dan;
- (e) ikunu identifikabbli, verifikabbli, imniżżla fir-rekords tal-kontabilità tal-kuntratt u ddeterminati skont l-istandards tal-kontabilità msemmija fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-kuntratt;
- (f) jimxu skont ir-rekwiżiti tat-taxxa u leġiżlazzjoni soċjali applikabbli;
- (g) ma jidderogawx mit-termini tal-kuntratt;
- (h) ikunu raġonevoli, ġustifikati, u jimxu skont ir-rekwiżiti ta' ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari rigward ekonomija u effiċjenza.

Il-kuntrattur **għandu jkun** responsabbli għall-kontabilità tal-ispejjeż tiegħu, iżomm rekords tal-kontabilità tajbin jew kwalunkwe dokument ieħor rikjest biex juri li l-ispejjeż li għalihom intalab rimborż iġġarrbu u jikkonformaw mal-prinċipji stipulati f'dan l-Artikolu. L-ispejjeż li ma jistgħux jiġu sostanzjati mill-kuntrattur għandhom jitqiesu li mhumiex eliġibbli u r-rimborż tagħhom ma jiġix aċċettat.

6. L-awtorità kontraenti **għandha tkun** responsabbli għall-kompiti li ġejjin sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni korretta tal-kuntratti tar-rimborż tal-ispejjeż:
- (a) għandha tiddetermina l-prezz limitu l-aktar realistiku possibbli, filwaqt li tipprovdi l-flessibilità meħtieġa biex tintegra d-diffikultajiet tekniċi;
 - (b) għandha tikkonverti kuntratt ta' rimborż parzjali f'kuntratt ta' prezz fiss riġidu hekk kif ikun possibbli li jiġi ddeterminat dan il-prezz fiss riġidu waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt; għal din ir-raġuni, għandha tiddetermina l-parametri tal-konverżjoni biex tikkonverti kuntratt konkluż fuq bażi ta' rimborż tal-ispejjeż għal kuntratt bi prezz fiss riġidu;

- (c) għandha timplimenta miżuri ta' monitoraġġ u spezzjoni li jipprovdu, partikolarment, sistema ta' previżjoni tal-ispejjeż stmati;
- (d) għandha tiddetermiina l-prinċipji, l-għodod u l-proċeduri xierqa għall-implimentazzjoni tal-kuntratti, partikolarment għall-identifikazzjoni u l-kontroll tal-eliġibilità tal-ispejjeż iddikjarati mill-kuntrattur jew is-sottokuntratturi tiegħu waqt l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, u għall-introduzzjoni ta' emendi fil-kuntratt;
- (e) għandha tivverifika li l-kuntrattur u s-sottokuntratturi tiegħu jikkonformaw mal-istandards tal-kontabilità stipulati fil-kuntratt u mal-obbligu li jipprovdu d-dokumenti tal-kontabilità tagħhom li għandhom jippreżentaw verżjoni vera u ġusta tal-kontijiet;
- (f) matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt, għandha tiżgura kontinwament l-effettività tal-prinċipji, l-għodod u l-proċeduri msemmija *fil-punt (d)*.

Artikolu 24

Emendi

L-awtorità kontraenti u l-kuntratturi jistgħu jibdlu l-kuntratt b'emenda bil-kundizzjoni li din l-emenda tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) ma tibdilx is-suġġett tal-kuntratt;
- (b) ma tfixkilx il-bilanċ ekonomiku tal-kuntratt;
- (c) ma tintroduċix kundizzjonijiet li, li kieku dehru mill-bidu fid-dokumenti tal-kuntratt, kienu jippermettu l-ammissjoni ta' offerenti li mhux dawk li ġew ammessi inizjalment jew kienu jippermettu li jiġi aċċettat tender li mhux dak li ġie aċċettat inizjalment.

Artikolu 25

Is-sottokuntrattar

1. L-awtorità kontraenti ***għandha*** titlob ***lill-offerent*** biex ***sehem*** mill-kuntratt ***jiġi sottokuntrattat permezz ta' sejħa għal offerti kompetittiva fil-livelli xierqa ta' sottokuntrattar*** lil kumpaniji li ***mhumieq dawk li jagħmlu*** parti mill-grupp tal-offerent, ***partikolarment kumpaniji ġodda u SMEs.*** ■
 - 1a. ***L-awtorità kontraenti għandha tesprimi l-parti rikjesta tal-kuntratt li għandu jiġi sottokuntrattat fil-forma ta' firxa minn perċentwal minimu sa wieħed massimu. Meta tiddefinixxi tali perċentwali l-awtorità kontraenti għandha tqis li tali perċentwali huma fi proporzjon mal-objettiv u l-valur tal-kuntratt, in-natura tas-settur ta' attività kkonċernata, u b'mod partikolari, mal-kundizzjonijiet kompetittivi u l-potenzjal industrijali osservat.***

- 1b. Jekk l-offerent jindika fl-offerta tiegħu li huwa beħsiebu ma jissottokuntrattax kwalunkwe sehem mill-kuntratt jew jissottokuntratta sehem li huwa inferjuri għall-minimu tal-firxa msemmija fil-paragrafu 1a, huwa għandu jipprovdi r-raġunijiet għal dan lill-awtorità kontraenti. L-awtorità kontraenti għandha tippreżenta din l-informazzjoni lill-Kummissjoni.**
2. L-awtorità kontraenti tista' tirrifjuta s-sottokuntratturi magħżula mill-kandidat fl-istadju tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratt jew mit-offerent magħżul għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Għandha tiġġustifika dan ir-rifjut bil-miktub, u dan jista' jkun ibbażat biss fuq il-kriterji użati għall-għażla tal-offerenti għall-kuntratt ewlieni.

KAPITOLU VI DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELANJI

Artikolu 26 Programmazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma annwali *fl-għamla ta' pjan ta' implimentazzjoni tal-azzjonijiet meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi tal-programmi Galileo stipulati fl-Artikolu 2(4) skont il-fażijiet imniżżlin fl-Artikolu 3 u l-objettivi tal-programm EGNOS stipulati fl-Artikolu 2(5). Il-programm ta' ħidma annwali għandu jipprevedi wkoll il-finanzjament għal dawk l-azzjonijiet.*

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' *eżami* msemmija fl-Artikolu 35 (3).

Artikolu 27

Azzjoni tal-Istati Membri

■

■

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha *biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-programmi inklużi miżuri li jiżguraw il-protezzjoni tal-istazzjonijiet fuq l-art stabbiliti fuq it-territorji tagħhom li ser ikun mill-anqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa għall-protezzjoni tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej* skont it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE¹. *L-Istati Membri m'għandhomx jieħdu miżuri li jistgħu jkunu ta' detriment għall-programmi jew is-servizzi pprovduti permezz tal-użu tagħhom, b'mod partikolari dwar il-kontinwità tal-operat tal-infrastrutturi.*

¹ ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

Artikolu 28
Ftehimiet internazzjonali

L-Unjoni tista' tidħol fi ftehimiet ma' *pajjiżi* terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi ■ skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 *tat-TFUE*.

Artikolu 29
Għajnuna teknika

Sabiex *twettaq* il-kompiti tekniċi msemmija fl-Artikolu 13(2), il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-għajnuna *teknika* neċessarja, partikolarment *il-kapaċitajiet u l-għarfien espert tal-aġenziji* nazzjonali kompetenti fis-settur tal-ispazju, *jew l-għajnuna ta'* esperti indipendenti u korpi li kapaċi jipprovdu analiżijiet u opinjonijiet imparzjali dwar il-progress tal-programmi.

Il-korpi involuti fit-tmexxija pubblika tal-programmi, minbarra l-Kummissjoni, partikolarment, l-Aġenzija Ewropea GNSS u *l-ESA*, jistgħu jirċievu wkoll l-istess għajnuna teknika fit-twettiq tal-kompiti fdati lilhom skont dan ir-Regolament.

Artikolu 30

Il-protezzjoni tad-dejta personali u l-privatezza

1. Il-Kummissjoni għandha tassicura li tkun garantita l-protezzjoni tad-dejta personali u tal-privatezza matul it-tfassil, l-implimentazzjoni *u l-esplorazzjoni* tas-sistemi u li jiġu integrati garanziji adegwati fihom.
2. Id-dejta personali kollha li tintuża fil-kuntest tal-kompiti u l-attivitajiet ipprovduti f'dan ir-Regolament għandha tiġi pproċessata skont il-leġislazzjoni applikabbli dwar il-ħarsien tad-dejta personali, partikolarment ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data*¹ u d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data*².

¹ ĠU L 8, *12.1.2001*, p. 1.

² ĠU L 281, *23.11.1995*, p. 31.

Artikolu 31

Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-miżuri xierqa biex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet finanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra u, jekk jiġu individwati l-irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa skorrettament u, fejn ikun il-każ, permezz ta' penali effettivi, proporzjonati u deterrenti.
2. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri għandu jkollhom is-setgħa ta' verifika, abbażi ta' dokumenti u fuq il-post, fuq il-benefiċjarji tal-għajjuna finanzjarja, il-kuntratturi u s-sottokuntratturi kollha li rċevew fondi tal-Unjoni skont dan ir-Regolament.

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq verifiki u spezzjonijiet fuq il-post fuq operaturi ekonomiċi konċernati direttament jew indirettament minn tali finanzjament skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-Kunsill *tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra*¹ bil-għan li jiġi stabbilit li kien hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività oħra illegali kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, fil-qafas ta' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt li jikkonċerna l-fondi tal-Unjoni.

Bla ħsara għall-ewwel u t-tieni subparagrafi, il-ftehimiet internazzjonali konklużi ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom b'mod espliċitu jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex iwettqu tali verifiki, kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post.

¹ ĠU L 292, *15.11.1996*, p. 2.

Artikolu 32

Informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

- 1.** Il-Kummissjoni għandha tassicura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull sena, meta tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. *Dak ir-rapport għandu jinkludi l-informazzjoni kollha li tikkonċerna l-programmi partikolarment f'termini ta' ġestjoni tar-riskju, spiża globali, spiża annwali tal-operat, introjti, skeda u prestazzjoni, kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 13(2) u fir-rigward tal-funzjonament tal-ftehimiet ta' delega konklużi skont l-Artikoli 15(1a) u 16(1). Dan għandu jinkludi:*
- (a) rendikont tal-allokkazzjoni u l-użu tal-fondi allokat lill-programmi kif imsemmi fl-Artikolu 7(3);*
 - (b) informazzjoni dwar l-istrateġija tal-ġestjoni tal-ispejjeż adottata mill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10(3a);*

- (c) valutazzjoni tal-ġestjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;*
- (d) rendikont tal-implimentazzjoni tas-sistemi u t-tekniki ta' ġestjoni tal-proġetti, inklużi sistemi u tekniki ta' ġestjoni tar-riskju, kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 13(2);*
- (e) evalwazzjoni tal-miżuri meħuda biex jittieħdu l-akbar benefiċċji soċjoekonomiċi possibbli mill-programmi.*

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati intermedjarji u dawk finali tal-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti tal-kuntratti ma' entitajiet privati mwettqa mill-Aġenzija Ewropea GNSS u l-ESA skont l-Artikolu 15(3a) u l-punt (c) tal-Artikolu 16(1) rispettivament.

Hija għandha tinfirmahom ukoll:

- (a) dwar kwalunkwe allokkazzjoni mill-ġdid ta' fondi bejn kategoriji ta' nefqa mwettqa skont l-Artikolu 10(1b);***
- (b) dwar kwalunkwe impatt fuq il-programmi Galileo u EGNOS li jhroġ mill-applikazzjoni tal-Artikolu 8(2).***

Artikolu 33

Valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament preżenti

1. Sat-30 ta' Ġunju **2017**, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifikar jew is-sospensjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament li jikkonċerna:

- (a) il-ksib tal-objettivi ta' dawn il-miżuri, mill-perspettiva tar-riżultati u wkoll tal-impatti;
- (b) l-effettività tal-użu tar-riżorsi;
- (c) il-valur miżjud Ewropew.

Il-valutazzjoni addizzjonalment tindirizza *żviluppi teknoloġiċi marbuta mas-sistemi*, l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-miżuri preċedenti.

2. Il-valutazzjoni għandha tqis il-progress li sar fir-rigward tal-obiettivi tal-programmi Galileo u EGNOS stipulati *fl-Artikolu 2(4) u (5) fuq il-bażi ta' indikaturi* tar-rendiment *bħal*:

(a) *għal Galileo u rigward*:

(i) *l-iskjerament tal-infrastruttura tiegħu*:

- *in-numru u d-disponibbiltà ta' satelliti operazzjonali, u n-numru ta' satelliti żejda disponibbli fuq l-art versu n-numru ta' satelliti ppjanati msemmija fil-ftehim ta' delega;*
- *id-disponibbiltà attwali tal-elementi tal-infrastruttura bbażata fuq l-art (bħal stazzjonijiet fuq l-art, ċentri ta' kontroll) versu d-disponibbiltà ppjanata;*

(ii) livell ta' servizz:

- *mappa tad-disponibbiltà tas-servizz skont is-servizz versu dokument dwar id-definizzjoni tas-servizz;*

(iii) spiża:

- *indiċi dwar il-prestazzjoni tal-ispiża għal kull spiża kbira tal-programm ibbażat fuq proporzjon li jqabbel l-ispiża attwali mal-ispiża bbaġitjata;*

(iv) skeda:

- *indiċi dwar il-prestazzjoni tal-iskeda għal kull spiża kbira tal-programm ibbażat fuq it-tqabbil tal-ispiża bbaġitjata tal-ħidma mwettqa mal-ispiża bbaġitjata tal-ħidma skedata.*

(v) *livell tas-suq:*

- *tendenza tas-suq ibbażata fuq il-perċentwal ta' riċevituri Galileo u EGNOS fl-ammont totali ta' mudelli ta' riċevituri fir-rapport dwar is-suq provdut mill-Aġenzija Ewropea GNSS imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 15(1).*

(b) *għal EGNOS u rigward:*

(i) *l-estensjoni tal-kopertura tiegħu:*

- *progress tal-estensjoni tal-kopertura versu l-pjan tal-estensjoni tal-kopertura;*

(ii) livell ta' servizz:

- **indiċi tad-disponibbiltà tas-servizz ibbażat fuq l-għadd ta' ajruporti bi proċeduri ta' approċċ ibbażati fuq l-EGNOS bi status operattiv versu l-għadd totali ta' ajruporti bi proċeduri ta' approċċ ibbażati fuq l-EGNOS;**

(iii) spiża:

- **indiċi dwar il-prestazzjoni bbażat fuq proporzjon li jqabbel l-ispiża attwali mal-ispiża bbaġitjata;**

(iv) skeda:

- **indiċi dwar il-prestazzjoni tal-iskeda bbażat fuq it-tqabbil tal-ispiża bbaġitjata tal-ħidma mwettqa mal-ispiża bbaġitjata tal-ħidma skedata.**

3. Il-korpi involuti fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bid-dejta u l-informazzjoni meħtieġ biex ikunu jistgħu jsiru l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-azzjonijiet ikkonċernati.

KAPITOLU VII

DELEGA U MIŻURI TAL-EŻEKUZZJONI

Artikolu 34

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu 14(2)*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mill-1 ta' Jannar 2014.
3. Id-delega ta' setgħa msemmija ***fl-Artikolu 14(2)*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew *jew* mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwarha.
5. Att delegat adottat f'konformità *mal-Artikolu 14(2)* għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 35

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita *minn Kumitat* . Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 4 tar-Regolament 182/2011/UE għandu japplika.
 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5 tar-Regolament 182/2011/UE għandu japplika.
 4. Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija Ewropea GNSS u ***tal-ESA*** għandhom ikunu involuti bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu.
 5. Il-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni skont l-Artikolu 28 jistgħu jipprovdu għall-involviment, ***kif ikun xieraq***, ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-ħidma tal-Kumitat fil-kundizzjonijiet stipulati fir-regoli tal-proċedura tiegħu.
- 5a. Dan il-Kumitat għandu jiltaqa' regolarment, preferibbilment erba' darbiet fis-sena, kull tliet xhur. Il-Kummissjoni għandha ttipprova rapport dwar il-progress tal-programm f'kull laqgħa. Dawn ir-rapporti għandhom jagħtu rendikont ġenerali tal-istatus u l-iżviluppi tal-programm, b'mod partikolari f'termini ta' ġestjoni tar-riskju, l-ispiża, l-iskeda u l-prestazzjoni. Tal-inqas darba fis-sena, dawn ir-rapporti għandhom jinkludu l-indikaturi ta' prestazzjoni msemmijin fl-Artikolu 33(2).***

KAPITOLU VIII
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 36

Revoki

1. ***Ir-Regolamenti*** (KE) Nru [876/2002 *u*] (KE) Nru 683/2008 *huma mħassra* mill-1 ta' Jannar 2014.

1a. Kwalunkwe miżura adottata abbażi ***tar-Regolamenti*** (KE) Nru [876/2002 *jew*] (KE) Nru 683/2008 għandha tibqa' *valida*.

2. **█**

Referenzi għar-Regolament (KE) Nru 683/2008 irrevokat għandhom jittieħdu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness hawnekk.

Artikolu 37
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008	Ir-Regolament preżenti
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4	Artikolu 8
Artikolu 5	Artikolu 4
Artikolu 6	Artikolu 9
Artikolu 7	Artikolu 5
Artikolu 8	Artikolu 6
Artikolu 9	Artikolu 7
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 11
Artikolu 12(1)	Artikolu 12
Artikolu 12(2) u (3)	Artikolu 13
Artikolu 13(1)	Artikolu 13
Artikolu 13(2) u (3)	Artikolu 14
Artikolu 13(4)	Artikolu 17
Artikolu 14	Artikolu 18
Artikolu 15	Artikolu 26
Artikolu 16	Artikolu 15
Artikolu 17	Artikoli 19 sa 25
Artikolu 18	Artikolu 16
Artikolu 19	Artikolu 35
Artikolu 20	Artikolu 30
Artikolu 21	Artikolu 31
Artikolu 22	Artikolu 32
Artikolu 23	
Artikolu 24	Artikolu 37
Anness	Artikolu 1

ANNEX MAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni konġunta

mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni Ewropea

dwar

IL-PANEL INTERISTITUZZJONALI GALILEO (GIP)

1. Fid-dawl tal-importanza, il-karatteristika unika u l-komplessità tal-programmi tal-GNSS Ewropej, is-sjieda tal-Komunità tas-sistemi li jirriżultaw mill-programmi, u l-finanzjament sħiħ tal-baġit tal-Komunità tal-programmi għall-perjodu 2014-2020, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu l-bżonn ta' kooperazzjoni mill-qrib tat-tliet istituzzjonijiet.

2. Il-Panel Interistituzzjonali Galileo (GIP) se jilħaq l-oġġettiv li jiffaċilita kull istituzzjoni fit-twettiq tar-responsabbiltà rispettiva tagħha. Għal dan il-għan, il-GIP se jitwaqqaf sabiex isegwi mill-qrib:

(a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi tal-GNSS Ewropej, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' akkwisti u ta' kuntratti, b'mod partikolari fir-rigward tal-ESA;

(b) il-Ftehimiet Internazzjonali ma' pajjiżi terzi mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

(c) it-tnejn tas-swieq tan-navigazzjoni bis-satellita;

(d) l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza; kif ukoll

(e) ir-rieżami annwali tal-programm ta' ħidma.

3. F'konformità mar-regoli eżistenti, il-GIP se jirrispetta l-ħtieġa ta' diskrezzjoni b'mod partikolari fid-dawl tan-natura kunfidenzjali u sensittiva ta' ċerta dejta.

4. Il-Kummissjoni se tqis il-fehmiet espressi mill-GIP.

5. Il-GIP se jkun magħmul minn seba' rappreżentanti, li minnhom:

- tlieta jkunu mill-Kunsill,

- tlieta mill-PE,

- wieħed mill-Kummissjoni,

u se jiltaqa' fuq bażi regolari (fil-prinċipju erba' darbiet kull sena).

6. Il-GIP ma jaffettwax ir-responsabbiltajiet jew ir-relazzjonijiet interistituzzjonali stabbiliti.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-politika Ewropea tan-navigazzjoni bis-satellita se tagħti lill-Unjoni żewġ sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita, stabbilita fil-qafas tal-programm Galileo u s-sistema EGNOS. It-teknoloġiji tas-Sistema ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita (GNSS) huma fundamentali biex tittejjeb l-effiċjenza f'ħafna setturi tal-ekonomija u f'ħafna oqsma tal-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini, bl-abbiltà taqħhom li jkejlu pożizzjoni, veloċità u ħin b'mod preċiż u affidabbli ħafna.

Il-programm Galileo mhux se jkun kompletament operazzjonali fl-2013, kif kien ippjanat. Billi r-Regolament tal-GNSS tal-2008 ma jstabbilixxix il-qafas ta' finanzjament u governanza għall-programmi Galileo u EGNOS wara l-2013, jeħtieġ bażi legali ġdida għas-sistemi biex ikunu operattivi, miżmuma u mmaniġġjati għal tul ta' żmien.

Ir-rapporteur jappoġġjaw bis-sħiħ l-oġġettiv tal-programm Galileo li joħloq l-ewwel sistema ta' navigazzjoni globali bis-satellita (GNSS) mibnija taħt il-kontroll ċivili, kollha kemm hi indipendenti minn sistemi oħrajn li jeżistu, interoperabbli ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni u maħsuba biex tagħti servizzi ta' GNSS mingħajr interruzzjonijiet.

In-navigazzjoni bis-satellita diġà hija essenzjali għat-trasport u l-industrija Ewropea u huwa importanti li ma tkunx aktar dipendenti fuq is-sistema GPS tal-Istati Uniti u fuq il-GLONASS Russa għal lokalizzazzjoni, navigazzjoni u ħin. Is-servizzi tal-GNSS Ewropej iridu jingħataw fuq infrastruttura Ewropea, li ma tkunx tiddependi mill-prijoritajiet militari tal-Istati Uniti, tar-Russja jew taċ-Ċina għall-affidabbiltà tagħha.

Kontributi u mekkaniżmi baġitarji

Il-proposta tal-Kummissjoni għal dan ir-Regolament GNSS tipprevedi medja ta' EUR 1 biljun fis-sena (bil-prezzijiet tal-2011) għas-seba' snin li jkopru l-perjodu 2014-2020.

Il-qsim tal-baġit propost mir-rapporteur huwa magħmul skont it-taqsimiet differenti tal-programmi:

- attivitajiet marbuta mat-taqsimiet dwar l-ispazju u l-aġġornament tal-programm Galileo, inkluż iżda mhux limitat għall-implimentazzjoni tal-kostellazzjoni ta' referenza flimkien mar-riżervi meħtieġa, it-twaqqif assoċjat, aġġornament minħabba skadenza u żvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' satelliti.
- attivitajiet marbuta mat-taqsimi terrestri u t-taqsimi tal-forniment tas-servizz tal-programm Galileo, inkluż iżda mhux limitat għall-iżvilupp ta' kapaċità ta' ġestjoni minn 18 għal 24 satellita, ir-reviżjoni tas-Servizz tal-Protezzjoni tal-Ħajja u tas-Servizz Kummerċjali, l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tal-hosting tas-sit, l-esplojtazzjoni tal-istazzjonijiet, l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni ta' Ċentri tal-Faċilitajiet tas-Servizzi (inkluż iċ-ċentru tal-prestazzjoni, Geodesy u Timing), iċ-ċentru tas-servizzi, il-manutenzjoni tas-siti, staff speċifiku għaċ-ċentru, il-manutenzjoni tat-taqsimi spazjali, l-esplojtazzjoni tan-netwerk tat-telekomunikazzjoni u s-support għas-sistema; attivitajiet relatati mal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programm.

- attivitajiet assoċjati mal-esplojtazzjoni tas-sistema EGNOS, inklużi - imma mhux limitati għalihom - il-kuntratt ta' esplojtazzjoni għat-tħaddim u l-manutenzjoni tas-sistema, aġġornament teknoloġiku u skadenza, filwaqt li jitqiesu d-diversi verżjonijiet tas-sistema, il-kuntratt ta' esplojtazzjoni għat-transponders, u estensjoni tal-kopertura ġeografika tas-servizzi; attivitajiet relatati mal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programm.
- attivitajiet assoċjati mal-ġestjoni tal-programmi, inklużi, imma mhux limitati għad-disinn u l-akkwist, system prime, il-ġestjoni taċ-ċentru għas-sigurtà, il-ġestjoni tal-esplojtazzjoni u l-ispejjeż amministrattivi.

Il-Kummissjoni, li taġixxi bħala maniġer tal-fond, għandu jkollha l-flessibilità meħtieġa biex tkun tista' talloka mill-ġdid minn taqsima għal oħra, sa livell massimu ta' 10% tal-ammont totali.

Il-qsim tal-baġit oriġinali ma kienx jinkludi attivitajiet għall-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programm fis-swieq ta' applikazzjoni downstream mit-tnejn tal-ewwel servizzi Galileo fl-2014.

L-appoġġ għall-applikazzjonijiet meħtieġa huwa ta' madwar 300 miljun euro (madwar 150 miljun euro għar-riċerka u l-iżvilupp u madwar 150 miljun euro għall-promozzjoni tal-użu tal-applikazzjonijiet u l-adozzjoni tat-teknoloġija madwar it-territorju tal-UE). Il-baġit għar-riċerka u għall-iżvilupp għandu jiġi identifikat fi ħdan il-programm Orizzont 2020.

Amministrazzjoni tal-programmi

Ir-rwol tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha timmaniġġja l-fondi allokati lill-programmi u twestaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programmi, inklużi dawk delegati kemm lill-Aġenzija Ewropea GNSS kif ukoll lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA).

Ir-rwoli tal-Kummissjoni, il-GSA u l-ESA għandhom ikunu ċari u reċiprokament esklussivi, fl-interess tal-effiċjenza u r-responsabilità. Għandu jiġi evitat li jkun hemm dupplikazzjoni tal-kapaċitajiet disponibbli fis-servizzi tal-Kummissjoni, tal-ESA jew tal-GSA. Il-Kummissjoni għandha tiffoka fuq is-superviżjoni tal-Programmi, tiddeċiedi l-oġġettivi ewlenin tal-programmi, tiddefinixxi r-regoli finanzjarji u ta' akkwist, talloka r-riżorsi finanzjarji ewlenin, u tiddefinixxi u tikkontrolla l-istruttura maniġerjali.

Il-Kummissjoni għandha toqgħod fuq il-GSA, filwaqt li topera l-esplojtazzjoni tal-GNSS bħala interfaċċja mal-utenti, tipprovdi s-servizzi, tħaddem l-infrastruttura, tiżviluppa l-applikazzjonijiet u tkun attivament responsabbli għall-introduzzjoni tal-GNSS f'diversi oqsma.

Ir-Regolament għandu jippermetti implimentazzjoni progressiva li tibda b'attivitajiet immedjati u urġenti (tħaddim tal-EGNOS u taċ-ċentri tas-sigurtà ta' Galileo) qabel ma tittrasferixxi kompiti programmatiċi u tekniċi oħrajn ta' natura differenti.

Il-Kummissjoni għandha toqgħod fuq l-ESA, li taġixxi bħala l-aġenzija spazjali għall-Unjoni Ewropea, u tiddelega lill-ESA ir-responsabilità (teknika u kuntrattwali) biex tiddisinja s-sistemi, tipproponi u timplimenta r-riċerka u t-teknoloġija, l-iżvilupp, l-attivitajiet ta'

implimentazzjoni, u tippovdi appoġġ tekniku lill-GSA dwar kwistjonijiet relatati mal-infrastruttura. L-istruttura u l-kompetenza diġà qegħdin hemmhekk sabiex l-ESA twettaq dawn il-kompiti.

Ir-rwol tal-GSA

Il-GSA hija l-entità ta' esplojtazzjoni tal-GNSS u għandha tiffoka fuq l-attivitajiet relatati mal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programmi; Il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi bħala manixer tal-fond, għandha tkun tista' talloka mill-ġdid approprjazzjonijiet imwarrba biex ikopru r-riskji tal-użu u tal-esplojtazzjoni (ħsarat fis-satelliti, riskji fil-lanċjar, dewmien u avvenimenti mhux mistennija relatati mal-esplojtazzjoni) li ma jintużawx għal dan l-iskop biex ikopru attivitajiet relatati mal-massimizzazzjoni tal-benefiċċji soċjoekonomiċi tal-programmi.

Il-GSA għandha:

- tiżgura ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà permezz tal-Bord għall-Akkreditazzjoni tas-Sigurtà, u t-tħaddim taċ-ċentru tas-sigurtà Galileo;
- twettaq promozzjoni u tikkummerċjalizza s-servizzi inkluż billi twettaq analiżi tas-suq, tiġbor informazzjoni dwar il-ħtiġijiet tal-utenti u żviluppi tas-suq tan-navigazzjoni bis-satellita, u twaqqaf kuntatti mill-qrib ma' utenti u utenti potenzjali tal-EGNSS.

L-attivitajiet għall-promozzjoni tal-użu ta' applikazzjonijiet u l-adozzjoni tat-teknoloġija tal-GNSS Ewropea għandhom ikunu koperti minn dan ir-regolament u jikkonsistu mill-kompiti li ġejjin assenjati lill-Aġenzija Ewropea GNSS:

- tfassal u timmaniġġja pjan, ibbażat fuq il-prijoritajiet tas-swieq tal-applikazzjoni differenti, filwaqt li tistabbilixxi pjan direzzjonali ta' adoxxjoni skont il-qasam ta' applikazzjoni;
- tidentifika oqsma fejn l-użu tal-GNSS jista' joffri benefiċċji soċjoekonomiċi u tippreżenta lill-Kummissjoni linji gwida għal miżuri regolatorji li jistgħu jiġu introdotti jew adatti fil-livell tal-UE biex jittieħed vantaġġ minn dawk il-benefiċċji;
- twettaq testijiet u ċertifikazzjoni tal-applikazzjonijiet, meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni;
- timmaniġġja fondi għar-R&D tal-EGNSS immirati għall-iżvilupp u l-użu ta' applikazzjonijiet u servizzi għas-suq tan-navigazzjoni bis-satelliti, b'fokus partikulari fuq l-SMEs, inkluż bir-riżorsi disponibbli għal dan il-fini skont il-programm Orizzont 2020;
- twettaq attivitajiet immirati għall-adoxxjoni ta' applikazzjonijiet EGNSS madwar it-territorju tal-UE, tidentifika u tikkonnettja ċentri Ewropej ta' eċċellenza speċjalizzati f'setturi speċifiċi tal-applikazzjonijiet u servizzi EGNSS, timmaniġġja n-netwerk ta' ċentri u tieħu mill-għarfien tal-awtoritajiet pubbliċi, universitajiet, ċentri tar-riċerka, komunitajiet ta' utenti u l-industrija, b'fokus partikulari fuq l-SMEs.

Ir-rwol tal-ESA

L-ESA għandha:

- tiddefinixxi u tipproponi s-soluzzjonijiet tekniċi, li jwieġbu għall-ħtiġijiet tal-programm;
- timmaniġġja l-iżvilupp tal-infrastruttura skont l-oġettivi tal-programm;
- tinneogzja u timmaniġġja l-kuntratti mad-ditti li jipprovdu l-infrastruttura;
- tevalwa s-sistemi internazzjonali l-oħra;
- tipproponi u twettaq l-evoluzzjoni u l-ħidma ta' tħejjija għall-futur;
- tmantni u tiżviluppa l-kompetenza teknika Ewropea, partikolarment permezz ta' attivitajiet ta' riċerka u teknoloġija;
- tipprovdi l-appoġġ tekniku tagħha u l-opinjoni tagħha bħala arkitett lill-entità ta' esplojtazzjoni, għat-twettiq ta' attivitajiet operazzjonali.

L-Aġenzija Spazjali Ewropea għandha tikkoopera mal-Aġenzija Ewropea GNSS abbażi ta' arranġamenti ta' ħidma, ikluża d-delega sħiħa mill-Aġenzija Ewropea GNSS lill-Aġenzija Spazjali Ewropea.

Dawk l-arranġamenti ta' ħidma għandhom, b'mod partikulari, jindirizzaw ir-rwol tal-Aġenzija Spazjali Ewropea rigward:

- il-kunċett, id-disinn, il-monitoraġġ u l-validazzjoni fil-qafas tal-iżvilupp tal-ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi;
- appoġġ tekniku fil-qafas tal-operat u ż-żamma tal-ġenerazzjoni eżistenti tas-sistemi.

Konklużjoni:

Fir-rigward tal-EGNOS, ir-rapporteur iqis li għandha tingħata prijorità assoluta lill-iżgurar li t-territorji tal-Istati Membri jkunu koperti. L-EGNOS għandu jiġi pprovdut mill-aktar fis madwar l-UE. Ikun xieraq ukoll li l-kopertura tiġi estiża għat-territorji tal-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi terzi koperti mill-Ajru Uniku Ewropew u l-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Is-Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt li jakkumpanja din il-Proposta għal Regolament jgħid li 6-7% tal-PDG tal-UE-27, jiġifieri 800 biljun euro, diġà jiddependu fuq is-sistema GPS Amerikana. Il-programmi GNSS, kif proposti, se jiġġeneraw 68.63 biljun euro (bil-prezzijiet attwali skont il-Linji Gwida tal-Valutazzjoni tal-Impatt) ta' benefiċċji nett lill-Unjoni matul iċ-ċiklu ta' ħajja bejn l-2014 u l-2034. Huwa għalhekk essenzjali li jkun hemm pjan ta' negozju mill-Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) biex jitkabbar dan is-suq.

Is-suċċess tal-Galileo u tal-EGNOS se jitkejjel mill-għadd u s-sodisfazzjoni tal-utenti tagħha. Huwa essenzjali li titwaqqaf struttura ta' esplojtazzjoni, b'interfaċċja permanenti u strutturata mal-utenti, responsabbli għall-kwalità u l-kontinwità tas-servizz.

Ir-rapporteur jenfasizza li għandu jiġi evitat li jkun hemm dewmien, benefiċċji mitlufa jew li n-nefqa togħla.

Huwa, għaldaqstant, essenzjali li jkun hemm governanza tajba u li l-valur tal-GNSS Ewropea jiġi promoss u kkomunikat lis-suq.

10.7.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita (COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sampo Terho

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Is-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, stabbiliti fl-ambitu tal-programmi Galileo u EGNOS huma proġetti ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Huma ġestiti mill-Unjoni u l-iskop tagħhom huwa li jiġu garantiti l-indipendenza u l-awtonomija strateġiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, b'mod partikolari fil-qasam tar-radjunavigazzjoni u l-pożizzjonament fil-livell dinji.

Id-dipendenza attwali tal-Ewropea fuq is-sistema GPS tal-Istati Uniti kkostitwit wieħed mill-argumenti bażiċi favur il-proġett Galileo mill-bidu nett. Fi żminijiet ta' paċi u f'kundizzjonijiet normali din id-dipendenza hija anqas problematika, iżda fi żminijiet ta' kriżi u f'sitwazzjonijiet ta' urġenza huwa vitali li l-membri tal-persunal, b'mod partikolari dawk li jaħdmu fil-qasam tas-sigurtà jkollhom sistema affidabbli għad-dispożizzjoni tagħhom irregolata minn Ewropej, biex b'hekk tirriżulta f'valur miżjud fir-rigward tal-ġestjoni ta' kriżi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

Il-programm Galileo għandu dimensjonijiet politiċi, operattivi, industrijali u teknoloġiċi u, barra minn hekk, jirrappreżenta potenzjal fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. L-iskopijiet u l-benefiċċji essenzjali tas-sistema Galileo fil-qasam tas-sigurtà huma b'mod partikolari l-pożizzjonament u r-radjunavigazzjoni, is-servizzi ta' tfittix u ta' salvataġġ (SAR) u l-missjonijiet u l-operazzjonijiet imwettqa fil-kuntest tal-PSDK. Ir-rapporteur iqis li dan l-aħħar aspekk għandu jiġi indirizzat b'mod aktar profund fil-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, u għalhekk huwa jemma li l-aspekk tal-użu doppju ta' din il-kapaċità għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni.

Barra minn hekk, il-kost stmat tal-programm Galileo, fit-totalità tiegħu, jammonta għal madwar EUR 20 biljun u l-biċċa l-kbira tiegħu diġà ntefaq. Għalhekk, ir-rapporteur jissuġġerixxi konsegwentement li l-Unjoni u l-Istati Membri jisfruttaw il-potezzjal sħiħ tas-

sistema. L-użu tal-potenzjal ta' sigurtà tas-sistema għandu jkun fakultattiv għall-Istati Membri u huma għandhom jiddeċiedu jekk jużawx is-sistema jew le. Uħud minnhom jistgħu jiddeċiedu li ma jagħmlux użu minnha, iżda ħafna Stati Membri diġà indikaw li huma interessati jużaw dan l-aspett tas-sistema. Għandu jkun id-dmir tal-leġiżlatur li jipprovdihom bil-gwida u l-possibbiltà li jagħmlu dan. Madankollu, għal dak li jikkonċerna l-Unjoni u l-programmi tagħha, ir-rapporteur huwa tal-fehma li l-użu sħiħ tal-kapaċitajiet u l-potenzjal ta' Galileo għandu jkun obligatorju. Ir-rapporteur jappoġġa t-trasparenza f'din il-kwistjoni, peress li huwa evidenti li s-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita se jintużaw mill-forzi tas-sigurtà Ewropej inklużi dawk militari.

Is-sistema Galileo għandha tiġi kkontrollata mill-amministrazzjoni ċivili. Madankollu, ir-rapporteur iqis li jkun konvenjenti li jiżiedu s-sinerġiji ċivili-militari u li jittjeb il-koordinament bejn il-programmi differenti. Tibqa' l-kwistjoni finali ta' kif se tiġi ġestita s-sistema bl-aħjar mod sabiex tiġi garantita l-indipendenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi u emerġenza. F'dan ir-rigward, huwa importanti li tittieħed nota tal-esperjenza u t-tagħlim meħuda minn pereżempju l-kunflitt tal-Libja fil-qasam tas-sistemi tar-radjunavigazzjoni bis-satellita futuri. L-amministrazzjoni u l-kontrolli kondiviżi se jgħibu magħhom benefiċċji komprensivi. F'dan id-dawl, il-possibbiltà li tikkollega s-sistemi tar-radjunavigazzjoni bis-satellita fuq il-livell ta' espert mas-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna għandha tiitqies li hija konformi mar-rwol u l-mandat ta' dan is-Servizz.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Il-programm Galileo huwa maħsub biex tiġi stabbilita u użata l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita maħsuba speċifikament għal finijiet ċivili. Is-sistema stabbilita mill-programm Galileo ***hija totalment indipendenti*** mis-sistemi l-oħra eżistenti, jew minn dawk li jistgħu jinħolqu.

Emenda

(2) Il-programm Galileo huwa maħsub biex tiġi stabbilita u użata l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita maħsuba speċifikament għal finijiet ċivili ***li tista' tintuża minn diversi atturi, stati u aġenziji Ewropej***. Is-sistema stabbilita mill-programm Galileo ***tiffunzjona indipendentement*** mis-sistemi l-oħra eżistenti, jew minn dawk li jistgħu jinħolqu, ***u b'hekk tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni, kif ġie enfasizzat fl-2007 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill***.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) L-Unjoni tirrikonoxxi li, min-natura tagħha, l-ebda politika spazjali ma tista' titwettaq indipendentement minn atturi rilevanti oħrajn dwar l-ispazju. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija parti fundamentali mill-programm Galileo u l-Kummissjoni, b'ħidma mill-qrib mal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), għandha tkompli tmexxi djalogi dwar l-ispazju ma' sħab strateġiku u

setgħat spazjali emerġenti.

Emenda 3

**Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*(4a) Il-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-1 ta' Diċembru 2011, enfasizza l-importanza dejjem akbar li l-Unjoni Ewropea ssir attur globali aktar kapaċi, koerenti u strateġiku, tenna l-ħtieġa kontinwa għal approċċ komprensiv u enfasizza l-importanza tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) li għandha tkun ibbażata fuq kapaċitajiet suffiċjenti u adegwati – f'dak li hu persunal, assi u appoġġ analitiku għall-informazzjoni sigrieta. Barra minn hekk, il-Kunsill laqa' l-impenji tal-Istati Membri fi proġetti konkreti speċifiċi, ffaċilitati mill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) bħal fil-każ tal-oqsma li ġejjin: l-*Informazzjoni Sigrieta*, *is-Sorveljanza u Rikonjizzjoni inklużi s-'Space Situational Awareness'* u *l-Komunikazzjonijiet Satellitari Militari*, u ddikjara li kien qed jistenna bil-ħerqa d-definizzjoni konkreta ta' dawn il-proġetti kemm jista' jkun malajr, kif ukoll l-iżvilupp ta' proġetti ta' pooling oħra abbażi ta' inizzjattivi eżistenti, pereżempju: *is-sorveljanza marittima u l-Komunikazzjoni bis-Satellita.**

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 4b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4b) Il-Kunsill, fis-7 Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Kunsill "Spazju" tal-

25 ta' Novembru 2010, stieden lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Kunsill Ewropew, bl-assistenza tal-EDA, flimkien mal-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), janalizzaw modi għall-appoġġ tal-ħtiġijiet ta' kapaċità attwali u futuri għall-ġestjoni tal-kriżi permezz ta' aċċess kosteffikaċi għal beni u servizzi tal-ispazju robusti, sikuri u reattivi (l-integrazzjoni tal-komunikazzjonijiet satellitari globali, l-osservazzjoni tad-Dinja, il-pożizzjoni u l-ħin) filwaqt li jsir użu sħiħ mis-sinerġiji b'użu doppju kif xieraq. Għaldaqstant laqa' l-appoġġ dejjem jikber taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (EUSC) għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE u rakkomanda t-twaqqif ta' arranġamenti adegwati sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-forniment tas-servizzi tal-EUSC għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-UE, u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-immaġni tal-programm nazzjonali. Barra minn hekk, il-Kunsill irrikonoxxa d-dipendenza dejjem akbar tal-ekonomija u l-prinċipji Ewropej, b'mod partikolari l-Politika Ewropea u ta' Sigurtà Komuni, fuq il-beni tal-ispazju u n-natura kritika tal-infrastruttura tal-ispazju għat-teħid tad-deċiżjonijiet b'mod awtonomu fl-Ewropa, u l-ħtieġa li jiġu definiti u introdotti miżuri adegwati għall-monitoraġġ u l-ħarsien ta' dawn il-beni, inkluż fil-bidu tal-iżvilupp tagħhom.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Il-programmi issa waslu fi stadju avvanzat ta' maturità u kważi sistemi f'fażi tal-esplojtazzjoni, jeħtieġ li jingħataw bażi ġuridika speċifika, li tista' tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tagħhom, partikolarment

Emenda

(5) Il-programmi issa *li* waslu fi stadju avvanzat ta' maturità u kważi sistemi f'fażi tal-esplojtazzjoni, jeħtieġ li jingħataw bażi ġuridika speċifika, li tista' tissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tagħhom, partikolarment *f'dawk*

f'termini tat-tmexxija, u twieġeb għall-ħtieġa ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

li huma t-tmexxija, is-sjeda u l-utilizzazzjoni reċiproċi, kif ukoll is-sigurtà tas-sistemi, u twieġeb għall-ħtieġa ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Is-sistemi mwaqqfa taħt il-programmi huma infrastrutturi stabbiliti bħala networks trans-Ewropej li l-użu tagħhom jestendi sew lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, is-servizzi offruti permezz ta' dawn is-sistemi jikkontribwixxu, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija.

Emenda

(6) Is-sistemi mwaqqfa taħt il-programmi huma infrastrutturi stabbiliti bħala networks trans-Ewropej li l-użu tagħhom jestendi sew lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, is-servizzi offruti permezz ta' dawn is-sistemi jikkontribwixxu, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjoni u tal-enerġija. ***L-użu tas-servizzi mill-Unjoni u l-Istati Membri f'oqsma oħra bħall-pulizija, il-ġestjoni tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-kriżijiet u d-difiża għandu jiġi inkuraġġit, biex b'hekk tingħata spinta akbar lill-kooperazzjoni ċivili-militari.***

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jekk wieħed iqis l-użu dejjem iktar tan-navigazzjoni bis-satellita fid-diversi oqsma tal-attività, interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tista' tagħmel ħsara kbira lis-soċjetà kontemporanja. Barra minn hekk, minħabba d-dimensjoni strateġika tagħhom, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi sensitivi, suxxettibli partikolarment għal użu

Emenda

(8) Jekk wieħed iqis l-użu dejjem iktar tan-navigazzjoni bis-satellita fid-diversi oqsma tal-attività, interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tista' tagħmel ħsara kbira lis-soċjetà kontemporanja. ***Kemm il-programm Galileo kif ukoll il-programm EGNOS jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għall-indipendenza u l-awtonomija strateġiċi tal-Unjoni.*** Barra

b'intenzjoni ħażina. L-elementi msemija fuq jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni **u** tal-Istati Membri tagħha. Għalhekk, jeħtieġ jitlew r-rekwiżiti tas-sigurtà waqt it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS.

minn hekk, minħabba d-dimensjoni strateġika tagħhom, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi sensittivi, suxxettibli partikolarment għal użu b'intenzjoni ħażina **minn atturi kemm tal-istat u kemm mhumiex**. L-elementi msemija *hawn* fuq jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, tal-Istati Membri tagħha **u taċ-ċittadini tagħha**. Għalhekk, jeħtieġ jitlew r-rekwiżiti tas-sigurtà waqt it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS, **skont il-prattiki standard u jrid ikun hemm qbil dwarhom mill-operaturi kollha tas-sistema. Għandhom jiġu żviluppati kapaċitajiet fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll fil-qafas tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), sabiex jiġu evitati attakki ta' interferenza bi skop li s-sinjali jsiru inutli (spoofing) u/jew biex trasmissjoni ma tinftiehemx (jamming) fuq is-sinjali kriptati tas-servizz pubbliku regolat (PRS) u biex tiġi żgurata s-sigurtà ta' infrastruttura kritika. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom għalhekk jidher li l-kundizzjonijiet xierqa ta' sigurtà proċedurali biex jiżguraw li s-servizz miftuħ jista' jiġi ristrett ġeografikament jew mitfi bil-għan li jiġi pprevenut kwalunkwe użu malizzjuż.**

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, is-sistemi, in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' xulxin u, sakemm ikun possibbli, ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni bis-satellita u mezzi konvenzjonali tar-radjunavigazzjoni.

Emenda

(11) Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, is-sistemi, in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' xulxin u, sakemm ikun possibbli, ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni bis-satellita u mezzi konvenzjonali tar-radjunavigazzjoni. **L-**

interoperabilità għandha tkun konformi mal-obiettiv tal-indipendenza strateġika tas-sistemi.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Billi l-Unjoni hija responsabbli, fil-prinċipju, għall-finanzjament tal-programmi *bis-sħiħ*, għandhom *jittieħdu* provvedimenti biex l-assi kollha tanġibli u *mhux*, maħluqa jew żviluppata f'dawn il-programmi *isiru* l-proprjetà tagħha. Sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali marbuta mal-proprjetà, għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji mas-sidien eżistenti, partikolarment għall-elementi essenzjali tal-infrastrutturi u s-sigurtà tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tar-radjunavigazzjoni mis-swieq, hemm il-bżonn li jiġi żgurat li l-partijiet terzi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu partikolarment mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li tirriżulta mill-programmi u li hija tal-Unjoni, partikolarment fil-livell soċjali u ekonomiku.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Billi l-Unjoni hija responsabbli, fil-prinċipju, għall-finanzjament *totali* tal-programmi, *il-governanza u l-operat tal-GNSS Ewropew għandhom jibqgħu taħt kontroll ċivili fi ħdan l-Unjoni u* għandhom *isiru* provvedimenti biex l-assi kollha tanġibli u *mhumiex*, maħluqa jew żviluppata f'dawn il-programmi, *isiru* l-proprjetà tagħha. Sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali marbuta mal-proprjetà, għandhom isiru l-arranġamenti neċessarji mas-sidien eżistenti, partikolarment għall-elementi essenzjali tal-infrastrutturi u s-sigurtà tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tar-radjunavigazzjoni mis-swieq, hemm il-bżonn li jiġi żgurat li l-partijiet terzi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu partikolarment mid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li tirriżulta mill-programmi u li hija tal-Unjoni, partikolarment fil-livell soċjali u ekonomiku.

(12a)

Galileo huwa l-ewwel sistema kompleta ta' pożizzjonament ċivili. Madankollu, ċerti servizzi ta' Galileo, b'mod partikolari l-PRS, huma ta' użu doppju u jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet u

*applikazzjonijiet ta' difiża tas-sigurtà fi
ħdan l-Istati Membri u jappoġġjaw
missjonijiet tal-PSDK, inklużi
operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżijiet u
operazzjonijiet umanitarji. Galileo se jkun
ta' importanza strateġika fil-każ tal-
implimentazzjoni tal-klawżoli tal-Unjoni
dwar is-solidarjetà u l-assistenza
reċiproka, kif previst fl-Artikolu 222 tat-
Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni
Ewropea u l-Artikolu 42(7) tat-Trattat
dwar l-Unjoni Ewropea rispettivament.*

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-fażijiet tal-implimentazzjoni u tal-esplojtazzjoni tal-programm Galileo u l-fażi tal-esplojtazzjoni tal-programm EGNOS għandhom, fil-prinċipju, jiġu ffinanzjati kompletament mill-Unjoni. Madankollu, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli *għall-baġitt ġenerali* tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi jew kontribuzzjoni in natura, fuq il-bażi tal-ftehimiet xierqa, sabiex jiffinanzjaw elementi addizzjonali tal-programmi rikjesti minnhom, eż. dwar l-arkitettura tas-sistema jew bżonnijiet partikolari tas-sigurtà. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-programmi.

Emenda

(13) Il-fażijiet tal-implimentazzjoni u tal-esplojtazzjoni tal-programm Galileo u l-fażi tal-esplojtazzjoni tal-programm EGNOS għandhom, fil-prinċipju, jiġu ffinanzjati kompletament mill-Unjoni. Madankollu, skont ir-Regolament *tal-Kunsill* (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli *għall-baġitt ġenerali* tal-Komunitajiet Ewropej, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi jew kontribuzzjoni in natura, fuq il-bażi tal-ftehimiet xierqa, sabiex jiffinanzjaw elementi addizzjonali tal-programmi rikjesti minnhom, eż. dwar l-arkitettura tas-sistema jew bżonnijiet partikolari tas-sigurtà. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-programmi, *sal-punt fejn ma tiġix affettwata l-indipendenza tas-sistema globali ta' navigazzjoni bis-satellita tal-Unjoni.*

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ispejjeż ta' investiment u tal-esplojtazzjoni tas-sistemi stmati għall-perjodu 2014-2020 ma jqisux l-obbligi finanzjarji mhux previsti, li l-Unjoni jista' jkollha tassumi, partikolarment dawk relatati mas-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta min-natura pubblika tad-dritt ta' proprjetà fuq is-sistemi partikolarment fir-rigward ta' force majeure u ta' falliment katastrofiku. Dawn l-obbligi huma s-suġġett ta' analiżi speċifika mill-Kummissjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Ir-responsabbiltà għall-progress tal-programmi tinkludi, partikolarment, ir-responsabbiltà għas-sigurtà tagħhom u s-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom. Ħlief fil-każ tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/CFSP tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti ta' l-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw s-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea, li **tista'** tiġi adattata **jekk ikun hemm bżonn għal tibdil** fil-programmi, it-tmexxija tagħhom u t-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sigurtà, anki jekk ċerti kompiti marbuta mas-sigurtà jiġu fdati lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropew. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn l-entitajiet varji

Emenda

(17) Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ispejjeż ta' investiment u tal-esplojtazzjoni tas-sistemi stmati għall-perjodu 2014-2020 ma jqisux l-obbligi finanzjarji mhux previsti, li l-Unjoni jista' jkollha tassumi, partikolarment dawk relatati mas-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta min-natura pubblika tad-dritt ta' proprjetà fuq is-sistemi partikolarment fir-rigward ta' force majeure u ta' falliment katastrofiku. Dawn l-obbligi huma s-suġġett ta' analiżi speċifika mill-Kummissjoni **u se jiġu kkomunikati lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.**

Emenda

(25) Ir-responsabbiltà għall-progress tal-programmi tinkludi, partikolarment, ir-responsabbiltà għas-sigurtà tagħhom u s-sigurtà tas-sistemi u t-tħaddim tagħhom. Ħlief fil-każ tal-applikazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/CFSP tat-12 ta' Lulju 2004 dwar aspetti ta' l-operazzjoni tas-sistema Ewropea tar-radjunavigazzjoni bis-satellita li jaffetwaw s-sigurtà ta' l-Unjoni Ewropea, li **trid neċessarjament** tiġi adattata **għat-tibdil** fil-programmi, it-tmexxija tagħhom u t-Trattat ta' Lisbona, il-Kummissjoni hija responsabbli għas-sigurtà, anki jekk ċerti kompiti marbuta mas-sigurtà jiġu fdati lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropew. Hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tistabbilixxi mekkaniżmi li jiżguraw

responsabbli għas-sigurtà.

koordinazzjoni xierqa bejn l-entitajiet varji responsabbli għas-sigurtà, *taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.*

Emenda 14
Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a)

Huwa tal-akbar importanza li jsir rieżami tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK1 billi din ma tqisx id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u speċifikament il-ħatra tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u t-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE). L-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK tiddeskrivi l-każijiet ta' theddid eċċezzjonali u urġenti għall-Unjoni jew għal xi Stat Membru li jinħolqu mill-operat jew l-użu tas-sistema, jew fil-każ ta' theddid għall-operat tas-sistema, b'mod partikolari b'riżultat ta' xi kriżi internazzjonali. Teżisti l-ħtieġa li r-rwol tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiġi kkjarifikat f'konformità mal-proċedura ta' urġenza skont l-Artikoli 3 u 4 tal-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK dwar ir-regoli, il-proċeduri u l-miżuri li għandhom jittieħdu f'każ ta' xi theddida għas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' xi Stat Membru, partikolarment f'każ fejn riċevituri tas-servizz pubbliku regolat (PRS) jintilfu, jiġu użati ħażin jew jittieħdu f'periklu. Emenda għall-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK għandha tieħu kont ukoll tal-għarfien espert tas-SEAE fil-qasam tat-twissija bikrija, l-għarfien tas-sitwazzjoni, is-sigurtà u d-difiża.

Emenda 15

**Proposta għal regolament
Premessa 28a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28a)

L-esportazzjonijiet barra mill-Unjoni ta' tagħmir jew teknoloġija u softwer b'użu doppju relatati mal-użu tal-PRS u relatati mal-iżvilupp u l-manifatturar tal-PRS, indipendentement mill-fatt jekk dak it-tagħmir, softwer jew teknoloġija huwiex elenkat fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju¹, għandhom jiġu ristretti għal dawk il-pajjiżi terzi li jkunu debitament awtorizzati li jkollhom aċċess għall-PRS skont ftehim internazzjonali mal-Unjoni. Il-lista ta' oġġetti kkontrollati tal-Unjoni hija bbażata fuq listi ta' kontroll adottati mir-reġimi internazzjonali għall-kontroll tal-esportazzjoni, bħall-Arranġament Wassenaar, il-Grupp Awstralja (AG) u s-Sistema ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili (MTCR).

¹ ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

Emenda 16

**Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(30a)

Is-servizzi offruti mis-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) jista' jkollhom rwol importanti għal sistemi ta' armi differenti, speċjalment fir-rigward tan-navigazzjoni u l-gwida. Għaldaqstant huwa importanti

li l-Kummissjoni, il-Kunsill, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Istati Membri jaġixxu skont it-Trattat dwar l-ispazju extratmosferiku tal-1967 u li l-Istati Membri u s-SEAE jżidu l-isforzi tagħhom fir-rigward tar-reviżjoni possibbli tal-qafas ġuridiku internazzjonali jew, b'mod alternattiv, fir-rigward ta' trattat jew kodiċi ġdid li jkun iqis il-progress teknoloġiku mis-sittinijiet 'il hawn u jipprevjoni b'mod effettiv tigrja tal-armamenti fl-ispazju extratmosferiku. L-Unjoni għandha ssaħħaħ ulterjorment il-qafas ġuridiku li nħoloq mit-Trattat dwar l-ispazju extratmosferiku għas-salvagwardja tal-funzjonament paċifiku u sikur tal-infrastruttura tal-ispazju. L-Unjoni għaldaqstant għandha ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tikseb għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju flimkien mas-sahab tagħha fil-qafas ta' sistema multilaterali ta' sorveljanza tal-ispazju.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Fid-dawl tan-natura globali tas-sistemi, huwa essenzjali li l-Unjoni tkun tista' tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni *bla problemi tagħhom*, biex *jingħataw l-aħjar servizzi possibbli liċ-ċittadini tal-Unjoni* u biex jiġu *sodisfatti* l-bżonnijiet tal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Huwa wkoll utli, fejn ikun hemm bżonn, li jiġu adattati l-ftehimiet eżistenti għat-tibdil fil-programmi. Hija u tħejji jew timplimenta dawn il-ftehimiet, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-għajnuna tas-Servizz

Emenda

(31) Fid-dawl tan-natura globali tas-sistemi, huwa essenzjali li l-Unjoni tkun tista' tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi skont l-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, partikolarment biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni *tagħhom bla problemi*, biex *is-servizzi mogħtija liċ-ċittadini tal-Unjoni jsiru l-aħjar possibbli*, ***tiġi żgurata s-sigurtà sħiħa tas-sistema, jiġi rregolat ir-reġim tad-dħul*** u biex jiġu *ssodisfati* l-bżonnijiet tal-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali. Huwa wkoll utli, fejn ikun hemm bżonn, li jiġu adattati l-ftehimiet eżistenti għat-tibdil fil-programmi. Hija u tħejji jew timplimenta

Ewropew tal-Azzjoni Esterna, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija tal-GNSS Ewropew, fil-limiti tal-kompiti allokat lihom skont dan ir-Regolament.

dawn il-ftehimiet, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-għajnuna tas-Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija Ewropea GNSS, fil-limiti tal-kompiti allokat lihom skont dan ir-Regolament *filwaqt li jitqiesu kif dovut il-jeddijiet tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 218. B'mod partikolari, dawn il-ftehimiet għandhom ikunu kompatibbli mal-interessi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Għandha tqis ukoll bl-istess mod in-natura sensittiva u strateġika ta' wħud mis-servizzi tas-sistema bħall-PRS, biex b'hekk tiżgura konformità sħiħa mal-kriterji u l-linji gwida stabbiliti fil-pożizzjoni komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju.*

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) li joffru servizz pubbliku rregolat (PRS) maħsub biss għall-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, għall-applikazzjonijiet *sensittivi* li jesiġu livell għoli ta kontinwità fis-servizz; dan is-servizz juża sinjali b'saħħithom u kkriptati;

Emenda

(d) li joffru servizz pubbliku rregolat (PRS) maħsub biss għall-utenti awtorizzati mill-gvernijiet, *b'mod partikolari* għall-applikazzjonijiet *b'kontenut sensittiv jew ta' importanza strateġika* li jesiġu livell għoli ta' kontinwità fis-servizz; dan is-servizz juża sinjali b'saħħithom u kkriptati;

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-sistemi u t-tħaddim tagħhom għandhom ikunu sikuri.

Emenda

1. Is-sistemi u t-tħaddim tagħhom għandhom ikunu sikuri ***minħabba fl-implikazzjonijiet tagħhom għall-interessi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u tal-Istati Membri.***

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt a – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) it-tħaddim taċ-ċentru tas-sigurtà ta' Galileo, b'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14(3) u l-istruzzjonijiet ipprovduti taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK msemmija fl-Artikolu 17;

Emenda

(ii) it-tħaddim taċ-ċentru tas-sigurtà ta' Galileo, b'konformità mal-istandards u r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 14(3) u l-istruzzjonijiet ipprovduti taħt l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK msemmija fl-Artikolu 17, ***li bħalissa qed tiġi riveduta;***

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 16a

Ir-rwol tal-Parlament Ewropew

Fid-dawl tal-kompetenzi tiegħu fir-rigward tal-kontroll baġitarju u x-xogħol tematiku tiegħu, il-Parlament Ewropew għandu, permezz tal-komitati rilevanti tiegħu, jeżamina bir-reqqa l-ħolqien, l-implimentazzjoni u l-operat tas-sistema u għandu jinżamm infurmat dwar il-programm f'intervalli regolari min-naħa tal-entitajiet rilevanti.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 18a

Użu għal skopijiet ta' sigurtà u difiża

1. L-aġenziji operattivi għandhom jippromulgaw dispożizzjonijiet speċjali għall-operat tas-sistemi mill-Istati Membri kif ukoll mill-Unjoni, għal skopijiet ta' sigurtà u difiża, fir-rigward ta' teknoloġiji u sistemi ta' gwida kif ukoll għall-użu f'operazzjonijiet u missjonijiet, sabiex tiġi żgurata s-sigurtà ta' dan it-tip ta' użu.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri ta' sigurtà vinkolanti għall-integrità tas-sistema f'każ ta' użu min-naħa ta' atturi tas-sigurtà, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li hemm fis-seħħ.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-Istati Membri ma għandhomx jieħdu miżuri li jistgħu jfixklu l-progress tal-programmi, partikolarment *dwar id-drittijiet* tal-proprjetà intellettwali u l-kontinwità tat-tħaddim tal-infrastrutturi.

1. LL-Istati Membri ma għandhomx jieħdu miżuri li jistgħu jfixklu l-progress tal-programmi, partikolarment *fir-rigward tad-drittijiet* tal-proprjetà intellettwali u l-kontinwità tat-tħaddim tal-infrastrutturi *jew li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.*

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2a (ġdid)

PE489.561v03-00

134/179

RR\1005538MT.doc

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex isalvagwardjaw l-awtonomija strateġika tal-UE, ħalli għall-ġejjieni fit-tul l-atturi ċivili u militari fil-qasam tas-sigurtà interna u esterna jkunu f'pożizzjoni li jagħmlu użu sħiħ tas-servizzi pubbliċi regolati u tas-servizzi tas-sikurezza tal-ħajja taħt il-programm Galileo.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2b)

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw il-ħarsien tal-infrastruttura tal-ispazju tal-Unjoni. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jipromwovu l-qafas ġuridiku dwar l-ispazju extratmosferiku u jżommu mal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE għal attivitajiet fl-ispazju extratmosferiku, inklużi l-projbizzjoni ta' interferenza dannuża ma' oġġetti tal-ispazju, il-projbizzjoni ta' azzjoni li toħloq residwi spazjali dannużi, il-konformità mal-linji gwida tan-NU għat-tnaqqis tar-residwi spazjali u l-ħolqien ta' miżuri għall-bini tat-trasparenza u tas-sigurtà fl-ispazju extratmosferiku.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 28

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Unjoni tista' tidħol fi ftehimiet ma' pajjiż

L-Unjoni tista' tidħol fi ftehimiet ma' pajjiż

terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi, partikolarment, ftehimiet ta' kooperazzjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali fil-kuntest tal-programmi, partikolarment, ftehimiet ta' kooperazzjoni skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. *Kull forma ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi tiegħu kont tan-natura strateġika tal-programmi, tkun konformi mal-interessi tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri u tresserva l-prinċipju ta' reċiproċità Il-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat u/jew jagħti l-approvazzjoni tiegħu, skont il-każ.*

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Unjoni, waqt in-negozjar ta' ftehimiet ma' pajjiżi terzi jew meta tkun se tidħol fi ftehimiet ma' pajjiżi terzi, għandha tiżgura konformità sħiħa mal-kriterji u l-linji gwida stipulati fil-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari¹ u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 tal-5 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju².

L-Unjoni għandha tippromwovi l-qafas ġuridiku li nħoloq mit-Trattat dwar l-ispazju extratmosferiku għas-salvagwardja tal-funzjonament paċifiku u sikur tal-infrastruttura tal-ispazju. L-Unjoni għaldaqstant għandha ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tikseb għarfien tas-sitwazzjoni fl-ispazju flimkien mas-sħab tagħha fil-qafas ta' sistema multilaterali ta' sorveljanza tal-ispazju.

1 ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

2 ĠU L 134, 29.5.2009, p. 1.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 29 - paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

***Kull assistenza teknika għandha
tirrispetta l-interessi tal-politika ta'
sigurtà u ta' difiża tal-Unjoni u l-Istati
Membri.***

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 33 - paragrafu 1 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sat-30 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament *li jikkonċerna*:

1. ***Sat-30 ta' Ġunju 2015***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta ***rapport ta' valutazzjoni intermedju u sat-30 ta' Ġunju 2018***, rapport ta' valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament *rugward*:

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropew u tal-Aġenzija Spazjali Ewropea jistgħu jkunu involuti bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu.

4. Ir-rappreżentanti tal-Aġenzija tal-GNSS Ewropew u tal-Aġenzija Spazjali Ewropea jistgħu jkunu involuti bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat skont il-kondizzjonijiet stipulati fir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Jekk meħtieġ, ir-rappreżentanti tas-

Servizz Ewropew tal-Azzjoni Esterna, tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, tal-Parlament Ewropew jew esperti nazzjonali fi kwistjonijiet ta' sigurtà jew ta' difiża jistgħu wkoll jiġu involuti bħala osservaturi fil-ħidma tal-Kumitat.

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 35 - paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-Kummissjoni għandha ttipprova lill-Kumitat imsemmi fil-paragrafu 1 l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha x'taqsam mal-programmi fi żmien utli.

PROĊEDURA

Titolu	L-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita		
Referenzi	COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 15.12.2011		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Sampo Terho 6.3.2012		
Eżami fil-kumitat	25.4.2012	29.5.2012	20.6.2012
Data tal-adozzjoni	5.7.2012		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: –: 0:	47 4 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pino Arlacchi, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Andrzej Grzyb, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Libor Rouček, Tokia Saïfi, Nikolaos Salavrakos, Werner Schulz, Marek Siwiec, Geoffrey Van Orden, Kristian Vigenin, Sir Graham Watson, Boris Zala		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Charalampos Angourakis, Jean-Jacob Bicep, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Tanja Fajon, Carmen Romero López, Helmut Scholz, Indrek Tarand, Dominique Vlasto, Joachim Zeller		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Bearder, Petru Constantin Luhan		

6.6.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplottazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita (COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Da Graça Carvalho

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-UE hija responsabbli għat-twaqqif tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) u hija s-sid tas-sistemi Galileo u EGNOS. Is-sjieda u r-responsabilità tal-UE għall-programmi Galileo u EGNOS kienu kkonfermati kemm-il darba mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Mhux biss, iżda l-programmi Galileo u EGNOS huma rikonoxxuti bħala proġetti ewlenin tal-Unjoni u jirrappreżentaw parti integrali mill-istrateġija Ewropa 2020. Ir-rapporteur tagħkom tappoġġa bis-sħiħ, għaldaqstant, il-proposta tal-Kummissjoni li jitkompla l-finanzjament ta' dawn il-programmi fil-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss għall-2014-2020.

Fil-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill li jistabilixxi l-MFF għas-snin 2014-2020, il-Kummissjoni tinkludi massimu ta' EUR 7 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn bi prezzijiet tal-2011 (madwar 7.9 biljun EUR fi prezzijiet attwali) għal dawn il-programmi. Hija tenfasizza wkoll li l-ebda approprjazzjonijiet addizzjonali mhu se jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-baġit tal-UE. F'każ li l-ispejjeż ikunu ikbar mill-flus disponibbli, il-programmi jkunu jridu jiġu adattati għall-ammonti disponibbli, jew ir-Regolament tal-MFF ikun irid jiġi emendat minn deċizzjoni unanima tal-Kunsill bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Dan l-ammont għalhekk hu "delimitat" fil-baġit tal-UE, u l-ebda flessibilità f'dawn l-intestaturi mhu se tapplika għal dawn il-programmi.

Ta' min ifakkar li l-MFF 2007-2013 kien rivedut għall-ammont ta' 1.3 biljun (prezzijiet attwali) fir-rigward tal-programm Galileo fl-aħħar tal-2007, wara negozjati twal u li hteġu sforzi bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Ir-reviżjoni tqieset neċessarja minħabba li l-programm kellu spejjeż żejda sinifikanti li kellhom ikunu koperti parzjalment minn reviżjoni tal-MFF.

Sabiex titnaqqas il-possibilità ta' spejjeż żejda fil-futur, il-proposta attwali tal-Kummissjoni tinkludi fil-pakketti finanzjarji ta' dawn il-programmi EUR 1005 miljun (prezzijiet attwali) biex tkopri r-riskji potenzjali tal-iskjerament u l-isfruttament. Ir-rapporteur tagħkom tinnota wkoll il-konvinzjoni tal-Kummissjoni li fażijiet tal-iskjerament u l-isfruttament, fejn bħalissa wasal il-proġett Galileo, jippreżentaw, skont id-definizzjoni tagħhom, riskju iżgħar ta' spejjeż żejda milli kien il-każ qabel, waqt il-fażi tal-iżvilupp. Madankollu, fil-każ ta' obbligi finanzjarji addizzjonali mhux previsti, u sabiex tikkonferma l-identità tal-programmi tal-UE, ir-rapporteur tagħkom temmen li dawk għandhom jiġu koperti mill-marġni disponibbli bejn il-limiti massimi tal-MFF u l-limiti massimi tar-riżorsi proprji.

Ir-rapporteur tagħkom qed tipproponi wkoll għadd ta' tibdiliet addizzjonali għall-proposta tal-Kummissjoni, notevolment il-hteġa li l-awtorità tal-baġit tinżamm infurmata dwar diversi stadji tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament (minflok jinżamm infurmat biss Kumitat ta' rappreżentanti tal-Istati Membri) sabiex tkun tista' teżerċita bis-sħiħ il-kontroll baġitarju u l-prerogattivi ta' ppjanar tagħha. F'dan ir-rigward, enfasi partikolari qed titqiegħed fuq il-hteġa li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'antiċipu biżżejjed fil-każ ta' riskji li ma jistgħux jiġu kkontrollati li jistgħu joħolqu devjazzjonijiet sinifikanti mill-programmi f'termini ta' kost u skadenzi. Ir-rapporteur tagħkom qed tippreżenta l-elementi minimi li għandhom ikunu parti mir-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, inklużi aġġornament dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji u valutazzjoni tal-impatt possibbli tagħhom fuq l-ispiża u d-devjazzjonijiet fl-iskeda.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva

Emenda

1a. Jirrimarka li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li ma jistax jiġi stabbilit sakemm jintlaħaq qbil rigward il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014-2020;

Ġustifikazzjoni

Il-ħidma fuq bażi ta' politika individwali jew fuq kwistjonijiet speċifiċi ma għandhiex twassal

għal nuqqas ta' viżjoni ġenerali dwar negozjat li għandu jibqa' negozjat globali dwar l-MFF, fejn xejn ma jista' jitqies bħala miftiehem sakemm ma jkunx miftiehem kollox. Wara ftehim dwar ir-regolament dwar l-MFF, il-PE u Kunsill jaslu għall-qbil dwar proposti leġislattivi individwali, inklużi l-pakketti finanzjarji tagħhom, pendenti quddiem il-PE u lill-Kunsill, u jipproċedu għall-adozzjoni finali tagħhom.

Emenda 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva Paragrafu 1b (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva

Emenda

1b. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 bit-titlu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali (MFF) ġdid għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva"¹; itenni li riżorsi addizzjonali suffiċjenti huma meħtieġa fl-MFF li jmiss sabiex jippermettu lill-Unjoni tirrealizza l-prijoritajiet tal-politika eżistenti tagħha u l-kompiti ġodda provduti bit-Trattat ta' Lisbona, kif ukoll biex tirreaġixxi għal avvenimenti mhux previsti; jistieden lill-Kunsill, f'każ li ma jikkondividix dan l-approċċ, biex jidentifika b'mod ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti politiċi tiegħu jistgħu jitneħħew kompletament, minkejja li bil-provi jħallu valur miżjud Ewropew;

¹ Testi adottati, P7_TA(2011)0266.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Tali programmi jistħoqqilhom li jiġu ffinanzjati b'riżorsi adegwati, minħabba l-importanza tagħhom, id-dimensjoni Ewropea tagħhom u l-valur miżjud Ewropew intrinsiku tagħhom.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-fażijiet tal-implimentazzjoni u tal-esplojtazzjoni tal-programm Galileo u l-fażi tal-esplojtazzjoni tal-programm EGNOS għandhom, fil-prinċipju, jiġu ffinanzjati kompletament mill-Unjoni. Madankollu, skont ir-Regolament **(KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej**, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi jew kontribuzzjoni in natura, fuq il-bażi tal-ftehimiet xierqa, sabiex jiffinanzjaw elementi addizzjonali tal-programmi rikjesti minnhom, eż. dwar l-arkitettura tas-sistema jew bżonnijiet partikolari tas-sigurtà. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-programmi.

Emenda

(13) Il-fażijiet tal-implimentazzjoni u tal-esplojtazzjoni tal-programm Galileo u l-fażi tal-esplojtazzjoni tal-programm EGNOS għandhom, fil-prinċipju, jiġu ffinanzjati kompletament mill-Unjoni. Madankollu, skont ir-Regolament **(UE) Nru XXX/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... 2012 [dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni]**, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-programmi jew kontribuzzjoni in natura, fuq il-bażi tal-ftehimiet xierqa, sabiex jiffinanzjaw elementi addizzjonali tal-programmi rikjesti minnhom, eż. dwar l-arkitettura tas-sistema jew bżonnijiet partikolari tas-sigurtà. Il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jikkontribwixxu għall-programmi **skont il-prinċipju tal-interess reċiproku**.

Ġustifikazzjoni

Allinjament mar-Regolament Finanzjarju l-ġdid.

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Sabiex tiġi garantita l-kontinwazzjoni tal-programmi, huwa meħtieġ li jiġi

Emenda

(14) **Fid-dawl tal-perjodi twal involuti għar-realizzazzjoni ta' dawn il-proġetti u l-**

stabbilit qafas finanzjarju adattat sabiex l-Unjoni tkun tista' tkompli tiffinanzahom. Jinħtieġ *ukoll* li jiġi indikat l-ammont ta' flus meħtieġ bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 sabiex tiġi ffinanzjata t-tlestija tal-fażi tal-implimentazzjoni tal-programm Galileo u t-tħaddim tas-sistemi.

livelli ta' investment kapitali diġà impenjati għalihom, jeħtieġ li jkun hemm impenji finanzjarji suffiċjenti u konsistenti tul il-perjodi tal-programmazzjoni finanzjarja sabiex jiżguraw il-kontinwità fl-ippjanar u l-istabilità organizzattiva tal-programmi. Sabiex tiġi garantita l-kontinwazzjoni tal-programmi, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas finanzjarju adattat sabiex l-Unjoni tkun tista' tkompli tiffinanzahom. Jinħtieġ ukoll li jiġi *speċifikat* l-ammont *massimu* ta' flus meħtieġ bejn l-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 sabiex tiġi ffinanzjata t-tlestija tal-fażi tal-implimentazzjoni tal-programm Galileo u t-tħaddim tas-sistemi.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ispejjeż ta' investment u tal-esplojtazzjoni tas-sistemi stmati għall-perjodu 2014-2020 ma jqisux l-obbligi finanzjarji mhux previsti, li l-Unjoni jista' jkollha tassumi, partikolarment dawk relatati mas-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta min-natura pubblika tad-dritt ta' proprjetà fuq is-sistemi partikolarment firrigward ta' force majeure u ta' falliment katastrofiku. Dawn l-obbligi huma s-suġġett ta' analiżi speċifika mill-Kummissjoni.

Emenda

(17) Huwa importanti li wieħed jinnota li l-ispejjeż ta' investment u tal-esplojtazzjoni tas-sistemi stmati għall-perjodu 2014-2020 ma jqisux l-obbligi finanzjarji mhux previsti, li l-Unjoni jista' jkollha tassumi, partikolarment dawk relatati mas-sistema ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali li tirriżulta min-natura pubblika tad-dritt ta' proprjetà fuq is-sistemi partikolarment firrigward ta' force majeure u ta' falliment katastrofiku. Dawn l-obbligi huma s-suġġett ta' analiżi speċifika mill-Kummissjoni. ***Kwalunkwe obbligi finanzjarji mhux previsti bħal dawn għandhom ikunu koperti mill-marġni bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u dak tal-MFF.***

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Barra minn hekk, id-dħul iġġenerat mis-sistemi għandu jitħallas lill-Unjoni biex tikkumpensa għall-investimenti li tkun għamlet qabel. **Madankollu**, għandu jkun possibli li jiġi **previst** mekkaniżmu tal-qsim tad-dħul fil-kuntratti li jiġu ffirmati *mis-settur privat*.

Emenda

(19) Barra minn hekk, id-dħul iġġenerat mis-sistemi għandu jitħallas lill-Unjoni biex tikkumpensa għall-investimenti li tkun għamlet qabel. **Skont l-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)** għandu jkun possibli li jiġi **adottat** mekkaniżmu tal-qsim tad-dħul **u li ssir dispożizzjoni għalih** fil-kuntratti li jiġu ffirmati *ma' kumpaniji tas-settur privat*.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Sabiex ma jkunx hemm spejjeż mhux ibbaġitjati u dewmien li affettwaw il-progress tal-programmi f'dawn l-aħħar snin, **jinhrieg li** jiżdiedu l-isforzi biex jiġu kkontrollati r-riskji li jistgħu jwasslu għal spejjeż eċċessivi kif mitlub mill-Kunsill u l-Parlament fil-konklużjonijiet u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tagħhom tal-31 ta' Marzu 2011 u t-8 ta' Ġunju 2011, u kif muri mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni tad-29 ta' Ġunju 2011 bit-titlu 'Baġit għall-Ewropa 2020'.

Emenda

(20) Sabiex ma jkunx hemm spejjeż mhux ibbaġitjati u dewmien li affettwaw il-progress tal-programmi f'dawn l-aħħar snin, **se** jiżdiedu l-isforzi biex jiġu kkontrollati r-riskji li jistgħu jwasslu għal spejjeż eċċessivi kif mitlub mill-Kunsill u l-Parlament fil-konklużjonijiet u r-riżoluzzjonijiet rispettivi tagħhom tal-31 ta' Marzu 2011 u t-8 ta' Ġunju 2011, u kif muri mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Regġuni tad-29 ta' Ġunju 2011 bit-titlu 'Baġit għall-Ewropa 2020'. **Ir-riskji tal-iskjerament u l-isfruttament kienu stmati li jirrappreżentaw madwar EUR 1005 miljun (fi preżżijiet attwali) u kienu inklużi fil-pakkett finanzjarju tal-**

programmi. Fil-każ li jkunu meħtieġa riżorsi finanzjarji addizzjonali għal dawn il-proġetti, dawn m'għandhomx jinstabu askapitu ta' proġetti iżgħar li rnexxew u li huma ffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni. Kwalunkwe ħtieġa ta' riżorsi finanzjarji li tinqala' minħabba dawn ir-riskji għandha tkun koperta mill-marġni bejn il-limitu massimu tar-riżorsi proprji u dak tal-MFF.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) ***L-Unjoni għandha*** tikkonkludi ftehim ta' delegazzjoni multiannwali mal-Aġenzija Spazjali Ewropea li jkopri l-aspetti tekniċi tal-programm u l-aspetti marbuta mal-programmazzjoni. Sabiex il-Kummissjoni, ***li tirrappreżenta lill-Unjoni***, teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, il-ftehim ta' delegazzjoni għandu jinkludi partikolarment il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-ġestjoni tal-fondi allokat lill-Aġenzija Spazjali Ewropea. Fir-rigward tal-attivitajiet iffinanzjati esklussivament mill-Unjoni, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw livell ta' kontroll komparabbli ma' dak rikjest li kieku l-Aġenzija Spazjali Ewropea kienet Aġenzija tal-Unjoni.

Emenda

(24) ***Skont l-Artikolu 290 tat-TFUE, għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li*** tikkonkludi, ***f'isem l-Unjoni***, ftehim ta' delega multiannwali mal-Aġenzija Spazjali Ewropea li jkopri l-aspetti tekniċi tal-programm u l-aspetti marbuta mal-programmazzjoni. Sabiex il-Kummissjoni teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, il-ftehim ta' delega għandu jinkludi partikolarment il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-ġestjoni tal-fondi allokat lill-Aġenzija Spazjali Ewropea. Fir-rigward tal-attivitajiet iffinanzjati esklussivament mill-Unjoni, dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiżguraw livell ta' kontroll komparabbli ma' dak rikjest li kieku l-Aġenzija Spazjali Ewropea kienet Aġenzija tal-Unjoni.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Sabiex jiġu allokati l-fondi tal-Unjoni attribwiti lill-programmi b'limitu totali li l-Kummissjoni ma tistax *tisboq*, għandhom jiġu applikati proċeduri tal-akkwist pubbliku effettivi u, partikolarment, kuntratti negozjati sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, servizzi sodisfaċenti, it-tħaddim bla problemi tal-programmi, ġestjoni tajba tar-riskju u konformità mal-iskeda proposta. L-awtorità tal-kuntratti għandha tagħmel kull sforz biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

Emenda

(27) Sabiex jiġu allokati l-fondi tal-Unjoni attribwiti lill-programmi b'limitu totali ***stipulat fl-Artikolu 14 tar-regolament propost dwar l-MFF 2014-2020*** li l-Kummissjoni ma tistax *tisbqu*, għandhom jiġu applikati proċeduri tal-akkwist pubbliku effettivi u, partikolarment, kuntratti negozjati sabiex jiġi żgurat l-aħjar użu tar-riżorsi, servizzi sodisfaċenti, it-tħaddim bla problemi tal-programmi, ġestjoni tajba tar-riskju u konformità mal-iskeda proposta. L-awtorità tal-kuntratti għandha tagħmel kull sforz biex tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

Emenda 11

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri meħuda biex jinkisbu l-oġettivi tal-programm.

Emenda

(36) Il-valutazzjonijiet, ***ibbażati fuq indikaturi miftiehma***, għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni sabiex tevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-miżuri meħuda biex jinkisbu l-oġettivi tal-programm.

Ġustifikazzjoni

Iridu jiġu stabbiliti indikaturi xierqa biex jevalwaw il-progress tal-programm.

Emenda 12

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-indikaturi u l-miri li ġejjin għandhom jintużaw, fost l-oħrajn, biex ikejlu l-grad ta' realizzazzjoni ta' oġettivi speċifiċi tal-

programm Galileo:

(a) l-għadd kumulattiv ta' satelliti operazzjonali: 18-il satellita sal l-2015, 30 sal-2019;

(b) verżjoni implimentata tal-infrastruttura terrestri: verżjoni 2 sal-2015;

(c) l-għadd ta' servizzi implimentati: 3 servizzi inizjali sal-2015, 5 servizzi sal-2020.

Ġustifikazzjoni

Iridu jiġu stabbiliti indikaturi u miri xierqa biex jevalwaw sew il-progress tal-programm. L-indikaturi proposti huma daww inklużi mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-indikaturi u l-miri li ġejjin għandhom jintużaw, fost l-oħrajn, biex ikejlu l-grad ta' realizzazzjoni ta' objettivi speċifiċi tal-programm EGNOS:

- l-għadd ta' bidliet fis-servizzi ppreżentati lill-awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni: 3 fil-perjodu 2014-2020.

Ġustifikazzjoni

Iridu jiġu stabbiliti indikaturi u miri xierqa biex jevalwaw sew il-progress tal-programm. L-indikaturi proposti huma daww inklużi mill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

In-nefqa m'għandhiex teççedi 1% tal-appropriazzjonijiet totali tal-Unjoni assenjati għall-programmi.

Ġustifikazzjoni

EUR 70 miljun għandhom ikunu biżżejjed għat-twettiq ta' dawn il-kompiti.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Sabiex tippermetti li l-ispejjeż tal-programmi u tal-fażijiet differenti tal-programmi ikunu identifikati b' mod ċar, il-Kummissjoni, b'konformità mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, għandha tinforma lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) kull sena dwar l-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għal kull waħda mill-attivitajiet speċifiikati fil-paragrafi 1 u 2.

3. Sabiex tippermetti li l-ispejjeż tal-programmi u tal-fażijiet differenti tal-programmi ikunu identifikati b' mod ċar, il-Kummissjoni, b'konformità mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, għandha tinforma ***lill-awtorità baġitarja u*** lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) kull sena dwar l-allokazzjoni tal-fondi tal-Unjoni għal kull waħda mill-attivitajiet speċifiikati fil-paragrafi 1 u 2.

(Din l-emenda tapplika matul it-test kollu fl-Artikolu 8, paragrafu 2, fl-Artikolu 16, paragrafu 4 – Il-Ġustifikazzjoni tibqa' l-istess.)

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn Kumitat dwar il-Programmi Ewropej tal-GNSS. Billi l-governanza pubblika tajba teħtieġ ġestjoni uniformi tal-programmi, proċess ta' teħid ta' deċiżjoni aktar rapidu, aċċess ugwali għall-informazzjoni u trasparenza. Il-Kumitat dwar il-Programmi Ewropej tal-GNSS twaqqaf skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo).

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-appropriazzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (*KE, Euratom*) *Nru 1605/2002*.

Emenda

2. L-appropriazzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (*UE*) *Nru XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid]*.

Ġustifikazzjoni

Allinjament mar-Regolament Finanzjarju l-Ġdid.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fil-kuntratti konklużi ma' entitajiet tas-settur privat, *jista' jiġi pprevedut mekkaniżmu* għall-kondiviżjoni tal-introjtu.

Emenda

2. ***Kwalunkwe mekkaniżmu għall-kondiviżjoni tal-introjtu għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 294 TFUE.*** Fil-kuntratti konklużi ma' entitajiet tas-settur privat, *tista' ssir dispożizzjoni għal dan il-mekkaniżmu* għall-kondiviżjoni tal-introjtu.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi ftehim ta' delegazzjoni multiannwali mal-Aġenzija Spazjali Ewropea abbażi ta' deċiżjoni ta' delegazzjoni adottata mill-Kummissjoni b'konformità **mal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002**. Dan il-ftehim għandu jkopri l-eżekuzzjoni tal-kompiti u tal-baġit skont id-delegazzjoni b'konformità mal-implimentazzjoni tal-programmi, b'mod partikolari t-tlestija tal-infrastruttura skont il-programm Galileo.

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi, **permezz ta' att delegat**, ftehim ta' delega multiannwali mal-Aġenzija Spazjali Ewropea abbażi ta' deċiżjoni ta' delega adottata mill-Kummissjoni b'konformità **mal-Artikolu XX tar-Regolament (UE) Nru XXX/2012 [ir-Regolament Finanzjarju l-Ġdid]**. Dan il-ftehim għandu jkopri l-eżekuzzjoni tal-kompiti u tal-baġit skont id-delegazzjoni b'konformità mal-implimentazzjoni tal-programmi, b'mod partikolari t-tlestija tal-infrastruttura skont il-programm Galileo.

Ġustifikazzjoni

Il-ftehim mal-Aġenzija Spazjali Ewropea huwa fattur kritiku għat-tlestija b'suċċess tal-programmi. It-termini u l-kundizzjonijiet jistgħu jkunu stipulati fl-att leġiżlattiv iżda, fl-interess tal-ekonomija leġiżlattiva, huwa xieraq li din is-setgħa tiġi ddelegata lill-Kummissjoni.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 35(1) għandu jiġi kkonsultat dwar id-deċiżjoni ta' delegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 35(2). Il-Kumitat għandu jiġi infurmat bil-ftehim ta' delegazzjoni multiannwali li għandu jiġi konkluż mill-Kummissjoni u l-Aġenzija Spazjali

Emenda

imħassar

Ewropea.

Ġustifikazzjoni

M'hemmx proċedura ta' kumitat għal att delegat.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 32**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull sena, meta tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Kull sena, meta tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. ***Dak ir-rapport għandu jinkludi, inter alia:***

(a) evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi u l-progress li sar fit-temma tal-miri stabbiliti skont l-Artikoli 1(4) u (5);

(b) aġġornament tal-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji u evalwazzjoni tal-impatt possibbli f'termini ta' kost u devjazzjonijiet fl-iskeda;

(c) sommarju tal-informazzjoni kollha sottomessa lill-awtorità baġitarja skont l-Artikoli 7(3), 8(2), 9(2) u 16(4));

(d) evalwazzjoni tal-funzjonament tal-ftehim ta' delega multiannwali konkluż skont l-Artikolu 16(1).

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Sabiex ikun jistgħu jsegwu mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programmi GNSS Ewropej, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom jiltaqgħu fil-Panel Interistituzzjonali Galileo skont id-dikjarazzjoni konġunta dwar il-Panel Interistituzzjonali Galileo tad-9 ta' Lulju 2008.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'antiċipu biżżejjed jekk tqis li jista' jkun hemm riskji li ma jistgħux jiġu kkontrollati jew fatturi oħra li jistgħu joħolqu devjazzjonijiet sinifikanti mill-programmi b'mod partikulari f'termini ta' kost u skadenzi.

PROĊEDURA

Titolu	L-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita
Referenzi	COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 15.12.2011
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Maria Da Graça Carvalho 6.2.2012
Eżami fil-kumitat	25.4.2012
Data tal-adozzjoni	31.5.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 –: 3 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marta Andreasen, Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Claudio Morganti, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, László Surján, Jacek Włosowicz
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Jürgen Klute, Paul Rübige, Peter Šťastný, Gianluca Susta

12.7.2012

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jacqueline Foster

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

I. Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta attwali għal regolament dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita tistabbilixxi l-mudell ta' governanza għall-programmi Galileo u EGNOS (Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja) u l-finanzjament tagħhom għall-perjodu 2014-2020.

Il-programm Galileo huwa maħsub biex tiġi stabbilita u użata l-ewwel infrastruttura dinjija ta' radjunavigazzjoni u pożizzjonament bis-satellita maħsuba speċifikament għal finijiet ċivili. Il-programm Galileo għandu fażi tad-definizzjoni li tlestiet, fażi tal-iżvilupp u tal-validazzjoni li għandha tispiċċa fl-2013, fażi tal-implimentazzjoni li bdiet fl-2008 u li għandha tispiċċa fl-2020, u fażi tal-użu li għandha tibda progressivament mill-2014/2015 biex is-sistema tkun kompletament operazzjonali fl-2020.

Il-programm EGNOS huwa maħsub biex itejjeb il-kwalità tas-sinjali minn sistemi eżistenti ta' navigazzjoni globali bis-satelliti. Il-programm EGNOS jinsab fil-fażi tal-esplorazzjoni mindu s-servizz miftuħ u s-servizz "Sikurezza tal-Ħajja" tiegħu ġew iddikjarati operazzjonali f'Ottubru 2009 u Marzu 2011 rispettivament.

II. Il-pożizzjoni ġenerali tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tagħkom tilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament ġdid li għandu l-għan li jkopri l-bżonnijiet tal-programmi għall-perjodu finanzjarju multiannwali li jmiss, b'mod partikolari f'termini ta' governanza u ġestjoni finanzjarja tajba, u jġedded l-impenn tal-UE li tassigura l-ikkompletar u l-operazzjoni tas-sistemi sal-2020.

Għandu jiġi enfasizzat li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni se jibbenefikaw minn firxa wiesgħa ta' servizzi offruti mill-EGNOS u Galileo. Illum, l-utenti tan-navigazzjoni bis-satellita fl-Ewropa jridu jużaw is-sinjali tas-satellita minn sistemi li mhumiex ikkontrollati mill-UE u li mhumiex iddiżinjati primarjament biex jaqdu skopijiet Ewropej. Id-disponibilità ta' dawn is-sistemi tista' tkun insuffiċjenti partikolarment fiż-żoni urbani b'popolazzjoni densa. Barra minn hekk, mhux dejjem jagħtu biżżejjed garanzija għall-kwalità, il-preċiżjoni u l-kontinwità tas-servizzi lill-utenti.

Ta' min jinnota li l-kostruzzjoni u l-implimentazzjoni ta' sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita huma mistennija jiġġeneraw benefiċċji diretti għal mijiet ta' kumpaniji fl-UE, inkluż in-numru dejjem jiżdied ta' SMEs, u joħolqu eluf ta' impjiegi b'ħiliet speċjalizzati. Is-sistemi huma wkoll partikolarment kruċjali biex jespandu l-għarfien Ewropew fil-qasam tat-teknoloġija tan-navigazzjoni bis-satellita u biex iżommu l-għarfien espert tal-politika tal-ispazju fl-UE. Downstream, il-proliferazzjoni ta' applikazzjonijiet assoċjati mar-radjunavigazzjoni bis-satellita tirrappreżenta opportunità unika għat-tkabbir ta' negozji u industrij Ewropej.

Minħabba l-appoġġ wiesa' għall-għanijiet ta' din il-proposta leġiżlattiva, ir-Rapporteur tagħkom qed tipproponi numru limitat ta' emendi bl-oġġettiv wiesa' li jiġu msaħħa u ċċarati d-dispożizzjonijiet relatati mat-tmexxija pubblika u mal-ġestjoni finanzjarja tajba tal-programmi u sabiex tiġi enfasizzata l-importanza tagħhom għas-settur tat-trasport.

i) Il-governanza pubblika tal-programmi

Tmexxija pubblika tajba tal-programmi Galileo u EGNOS tirrikjedi, l-ewwel nett, li jkun hemm diviżjoni stretta tal-kompiti, b'mod partikolari bejn il-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-GNSS Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, u t-tieni, li t-tmexxija tkun progressivament adattata għar-rekwiżiti operazzjonali tas-sistemi. Il-Kummissjoni tipprevedi li tiddelega l-kompitu tal-esplojtazzjoni tal-programmi għall-perjodu 2014-2020 lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropea. Sabiex l-Aġenzija jkollha l-opportunità tibni l-kapaċità tagħha, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Aġenzija jkollha r-risorsi umani adegwati biex twettaq il-kompetenzi miżjuda taħt dan ir-Regolament. Għandu jiġi nnutat li r-rilokazzjoni fi żmien qarib tal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija m'għandhiex ikollha impatt negattiv fuq l-impjegati tagħha u fuq il-livell tal-għarfien espert.

ii) L-importanza tal-programmi għas-settur tat-trasport

Is-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi stabbiliti bħala networks trans-Ewropej li l-użu tagħhom jestendi sew lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri. Il-programmi huma mistennija jkollhom numru sinifikanti ta' benefiċċji għas-settur tat-trasport, fost l-oħrajn:

a) Trasport bit-triq

- itejbu l-ġestjoni tat-toroq u jnaqqsu l-konġestjoni
- itejbu l-ħinijiet ta' rispons f'każ ta' emerġenzi tat-traffiku tat-toroq
- jiffaċilitaw il-monitoraġġ tat-trasport ta' prodotti perikolużi
- jgħinu lis-sewwieqa fil-pjanijiet tagħhom tal-ivvjaġġar billi jipprovdu informazzjoni aktar

preċiża dwar it-traffiku

- itejbu s-sistema tal-ħlas għall-użu tat-toroq u l-ġbir elettroniku tal-miżati
- inaqqsu l-ħin tal-ivvjaġġar u l-konsum tal-fjuwil

b) Trasport bil-ferrovija

- jippermettu l-awtomazzjoni tas-sorveljanza tal-binarji
- jgħinu f'titjib tal-gradji operazzjonali bħalma huma t-titjib fil-binarji u r-rekwiżiti ġenerali tas-sikurezza
- inaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż tal-operar, waqt li jżidu l-kapaċità tal-binarji
- joffru lill-passiġġieri informazzjoni aktar preċiża dwar il-wasla tal-ferroviji

c) Trasport marittimu u trasport f'passaġġi tal-ilma interni

- itejbu l-ġestjoni tat-traffiku, b'mod speċjali fil-portijiet jew fil-kurituri b'volum kbir ta' traffiku
- isaħħu s-sikurezza marittima
- itejbu l-monitoraġġ tal-bastimenti u l-operazzjonijiet tas-salvataġġ
- jipprovdu informazzjoni preċiża fejn iseħħ tixrid ta' żejt

d) Trasport bl-ajru

- isaħħu u jiffaċilitaw l-użu ta' ajruporti żgħar u periferali mill-ajruplani ċivili
- iwettqu rwol integrali fl-iżvilupp tal-Politika tal-Ajru Uniku u tas-SESAR
- itejbu l-ġestjoni tat-traffiku u s-sikurezza operattiva fl-ajruporti.

iii) Finanzjament

Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2020 huwa stmat mill-Kummissjoni għal madwar EUR 7.897 miljun. Dan ikopri l-aktar il-fażijiet ta' implimentazzjoni u esplojtazzjoni tal-programm Galileo u t-tħaddim tas-sistema EGNOS. Sabiex ma jkunx hemm spejjeż mhux ibbaġitjati u dewmien li affettwaw il-progress tal-programmi fi snin riċenti, huwa meħtieġ li jiġu msaħħa l-governanza pubblika u l-ġestjoni finanzjarja tajba tal-programmi.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

**Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Il-programmi Galileo u EGNOS huma partikolarment importanti fl-applikazzjonijiet tat-trasport, inklużi s-sistemi intelliġenti tat-trasport. Fis-settur tat-trasport bit-triq, dawn il-programmi huma kruċjali għat-titjib fis-sikurezza tat-toroq u l-ġestjoni tat-traffiku, għat-tnaqqis tal-konġestjoni, tal-ħinijiet tal-ivvjaġġar u tal-konsum tal-fjuwil, u għall-monitoraġġ tat-trasportazzjoni tal-bhejjem. Fis-settur tat-trasport bil-ferrovija, il-programmi jistgħu jagħmlu possibbli l-awtomazzjoni tas-sorveljanza tal-binarji, itejbu s-sikurezza, inaqqsu d-dewmien u l-ispejjeż operattivi u joffru lill-passiġġieri informazzjoni aktar preċiża . Fis-setturi tat-trasport marittimu u tat-trasport f'passaġġi tal-ilma interni, il-programmi jistgħu jsaħħu s-sikurezza marittima, itejbu l-kapaċità tat-trattament imwettaq mill-portijiet, jippermettu li jiġu segwiti l-flotot tal-kontejners u jipprovdu informazzjoni preċiża dwar il-pożizzjonament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza . Fis-settur tat-trasport bl-ajru, il-programmi jinkoraġġixxu u jagħmlu possibbli l-użu ta' ajruporti żgħar u periferali mill-avjazzjoni ċivili u jwettqu rwol importanti fl-iżvilupp tal-Politika tal-Ajru Uniku. Fis-settur tal-ispazju, jistgħu jagħmlu n-navigazzjoni aktar eżatta fil-ġestjoni tat-trajettorji tal-lanċaturi. Minħabba d-domanda ikbar għal netwerk Ewropew tat-trasport effiċjenti u integrat, huwa importanti li jiġi żgurat li applikazzjonijiet tat-trasport iffaċilitati mis-sistemi Galileo u EGNOS jibqgħu jiġu żviluppati. Dan se jippermetti li ċ-ċittadini tal-Unjoni jgawdu l-benefiċċji li ġejjin mis-sistemi, u jassigura li tinżamm il-fiduċja pubblika fil-programmi.

Emenda 2

**Proposta għal regolament
Premessa 8**

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jekk wieħed iqis l-użu dejjem akbar tan-navigazzjoni bis-satellita fid-diversi oqsma tal-attività, interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tista' tagħmel ħsara kbira lis-soċjetà kontemporanja. Barra minn hekk, minħabba d-dimensjoni strateġika tagħhom, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi sensittivi, suxxettibli partikolarment għal użu b'intenzjoni ħażina. L-elementi msemija fuq jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Għalhekk, jeħtieġ jitqiesu r-rekwiżiti tas-sigurtà waqt it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS.

Emenda 3

**Proposta għal regolament
PREMESSA 10 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 4

**Proposta għal regolament
Premessa 11**

Emenda

(8) Jekk wieħed iqis l-użu dejjem iktar tan-navigazzjoni bis-satellita fid-diversi oqsma tal-attività, l-interruzzjoni fil-forniment tas-servizzi tista' tagħmel ħsara kbira lis-soċjetà kontemporanja ***u tirriżulta f'telf għal ħafna operaturi ekonomiċi.*** Barra minn hekk, minħabba d-dimensjoni strateġika tagħhom, is-sistemi tan-navigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi sensittivi, suxxettibli partikolarment għal użu b'intenzjoni ħażina. L-elementi msemija fuq jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Għalhekk, jeħtieġ jitqiesu r-rekwiżiti tas-sigurtà waqt it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-użu tal-infrastrutturi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS.

Emenda

(10a)

Huwa meħtieġ li l-kopertura ġeografika tas-sistema EGNOS progressivament tiġi estiża fit-territorju l-Unjoni kollu kemm hu u, skont il-limitazzjonijiet tekniċi u finanzjarji u l-ftehimiet internazzjonali, għar-reġjuni ġirien tal-Unjoni, b'mod partikolari t-territorji ta' pajjiżi terzi koperti mill-Ajru Uniku Ewropew.

Test propost mill-Kummissjoni

(11) Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, is-sistemi, in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' xulxin u, **sakemm ikun possibbli**, ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni bis-satellita u mezzi konvenzjonali tar-radjunavigazzjoni.

Emenda

(11) Sabiex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti, is-sistemi, in-netwerks u s-servizzi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' xulxin u ma' sistemi oħrajn tan-navigazzjoni bis-satellita u mezzi konvenzjonali tar-radjunavigazzjoni.

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Billi l-Unjoni hija responsabbli, fil-prinċipju, għall-finanzjament tal-programmi bis-sħiħ, għandhom jittieħdu provvedimenti biex l-assi kollha tanġibbli u mhux, maħluqa jew żviluppati f'dawn il-programmi jsiru l-proprjetà tagħha. Sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali marbuta mas-sjieda, għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa mas-sidien eżistenti, partikolarment għall-elementi essenzjali tal-infrastrutturi u s-sigurtà tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tar-radjunavigazzjoni mis-swieq, hemm il-bżonn li jiġi żgurat li l-partijiet terzi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu partikolarment mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta mill-programmi u li hija tal-Unjoni, partikolarment fil-livell soċjali u ekonomiku.

Emenda

(12) Billi l-Unjoni hija responsabbli, bħala regola ġenerali, għall-finanzjament tal-programmi bis-sħiħ, **dan għandu jkun trasparenti u** għandhom jittieħdu provvedimenti biex l-assi kollha tanġibbli u mhux, maħluqa jew żviluppati f'dawn il-programmi jsiru l-proprjetà tagħha. Sabiex ikun hemm konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali marbuta mas-sjieda, għandhom isiru l-arranġamenti meħtieġa mas-sidien eżistenti, partikolarment għall-elementi essenzjali tal-infrastrutturi u s-sigurtà tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata l-adozzjoni tar-radjunavigazzjoni mis-swieq, hemm il-bżonn li jiġi żgurat li l-partijiet terzi jkunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu partikolarment mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tirriżulta mill-programmi u li hija tal-Unjoni, partikolarment fil-livell soċjali u ekonomiku.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) Ta' min jinnota wkoll li r-riżorsi baġitarji ppjanati skont dan ir-Regolament ma jkoprox ħidma ffinanzjata minn fondi allokat lill-programm Orizzont 2020, Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, bħal dik marbuta mal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistemi. Din il-ħidma se tgħin biex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-programmi, biex jiġi żgurat dħul soċjali u ekonomiku tajjeb mill-investimenti li saru mill-Unjoni u biex jiżdied l-għarfien tan-negozji **fl-Unjoni** fir-rigward tat-teknoloġija tar-radjunavigazzjoni bis-satellita.

Emenda

(18) Ta' min jinnota wkoll li r-riżorsi baġitarji ppjanati skont dan ir-Regolament ma jkoprox ħidma ffinanzjata minn fondi allokat lill-programm Orizzont 2020, Programm ta' Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, bħal dik marbuta mal-iżvilupp tal-applikazzjonijiet li jirriżultaw mis-sistemi. Din il-ħidma se tgħin biex jiġi ottimizzat l-użu tas-servizzi pprovduti fil-kuntest tal-programmi, biex jiġi żgurat dħul soċjali u ekonomiku tajjeb mill-investimenti li saru mill-Unjoni u biex jiżdied l-għarfien tan-negozji **Ewropej, b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju**, fir-rigward tat-teknoloġija tar-radjunavigazzjoni bis-satellita. **Għalhekk huwa essenzjali li jiġu allokat riżorsi suffiċjenti, skont il-programm Orizzont 2020, għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ibbażati fuq is-suq li jkun jistgħu jsiru bis-saħħa tas-sistemi Galileo u EGNOS, kemm għall-użu Ewropew kif ukoll għal dak internazzjonali.**

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Billi tirrappreżenta l-Unjoni li, fil-prinċipju, tipprovdi finanzjament għall-programmi waħdiha u s-sistemi huma l-proprjeta' tagħha, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-progress tal-programmi u għas-superviżjoni **politika** tagħhom. Għandha tiġġestixxi l-fondi allokat lill-programmi skont ir-Regolament attwali,

Emenda

(22) Billi tirrappreżenta l-Unjoni li, fil-prinċipju, tipprovdi finanzjament għall-programmi waħdiha u s-sistemi huma l-proprjeta' tagħha, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-progress tal-programmi u għas-superviżjoni **ġenerali** tagħhom. Għandha tiġġestixxi l-fondi allokat lill-programmi skont ir-Regolament attwali,

twettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programmi u diviżjoni ċara tal-kompiti, partikolarment bejn l-Aġenzija Ewropea GNSS u l-Aġenzija Spazjali Ewropea. Għaldaqstant, barra mill-kompiti marbuta ma' dawn ir-responsabilitajiet ġenerali u l-kompiti l-oħra li għandha twettaq skont dan ir-Regolament, għandha tiġi assenjata ġabra ta' kompiti speċifiċi. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tal-partijiet interessati varji, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddelega ċerti kompiti, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u partikolarment l-Artikolu 54.

twettaq superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programmi u diviżjoni ċara tal-kompiti, partikolarment bejn l-Aġenzija tal-GNSS Ewropew u l-Aġenzija Spazjali Ewropea, ***bil-għan li jiġi evitat l-irduppar ta' responsabilitajiet.*** Għaldaqstant, barra mill-kompiti marbuta ma' dawn ir-responsabilitajiet ġenerali u l-kompiti l-oħra li għandha twettaq skont dan ir-Regolament, għandha tiġi assenjata ġabra ta' kompiti speċifiċi. Sabiex tottimizza r-riżorsi u l-kompetenzi tal-partijiet interessati varji, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tiddelega ċerti kompiti, skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u partikolarment l-Artikolu 54.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) L-Aġenzija tal-GNSS Ewropew ġiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ bil-għan li tikseb l-objettivi tal-programmi Galileo u EGNOS u timplimenta ċerti kompiti assoċjati mal-progress tal-programmi. Hija aġenzija tal-Unjoni li, bħala korp skont it-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, hija soġġetta għall-obbligi applikabbli għall-aġenziji tal-Unjoni. Għandha tiġi assenjata ċerti kompiti assoċjati mas-sigurtà tal-programm, mad-deżinjazzjoni potenzjali tagħha bħala

Emenda

(23)L-Aġenzija tal-GNSS Ewropew ġiet stabbilita mir-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ bil-għan li tikseb l-objettivi tal-programmi Galileo u EGNOS u timplimenta ċerti kompiti assoċjati mal-progress tal-programmi. Hija aġenzija tal-Unjoni li, bħala korp skont it-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, hija soġġetta għall-obbligi applikabbli għall-aġenziji tal-Unjoni. Għandha tiġi assenjata ċerti kompiti assoċjati mas-sigurtà tal-programm, mad-deżinjazzjoni potenzjali tagħha bħala

awtorità kompetenti tal-PRS u mal-kontribut tagħha lit-tqegħid fis-suq tas-sistemi. Għandha wkoll *tagħmel* kompiti li l-Kummissjoni tista' tagħtiha permezz ta' *wieħed jew iktar mill-ftehimiet ta' delegazzjoni* li jkopru kompiti speċifiċi varji *marbuta* mal-programmi, *inkluż* kompiti *marbuta* mal-fażijiet tal-esplojtazzjoni tas-sistemi u l-promozzjoni *tal-applikazzjonijiet* u *s-servizzi* fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita. Sabiex il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, dawn il-ftehimiet ta' delega għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet ġenerali ta' ġestjoni tal-fondi allokati lill-Aġenzija Ewropea GNSS.

awtorità kompetenti tal-PRS u mal-kontribut tagħha lit-tqegħid fis-suq tas-sistemi. Għandha wkoll *twettaq* kompiti li l-Kummissjoni tista' tagħtiha permezz ta' *ftehim ta' delegazzjoni wieħed jew iktar* li jkopru kompiti speċifiċi varji *oħra assoċjati* mal-programmi, *inklużi* kompiti *assoċjati* mal-fażijiet tal-esplojtazzjoni tas-sistemi u *l-iżvilupp u* l-promozzjoni ta' *applikazzjonijiet* u *servizzi* fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita. ***Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-aġenzija jkollha r-riżorsi umani meħtieġa li jkollhom l-għarfien espert neċessarju biex twettaq il-kompetenzi miżjuda tagħha skont dan ir-Regolament.*** Sabiex il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni, teżerċita kompletament is-setgħa ta' kontroll tagħha, dawn il-ftehimiet ta' delegazzjoni għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet ġenerali ta' ġestjoni tal-fondi allokati lill-Aġenzija tal-GNSS Ewropew.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) ***Huwa meħtieġ li*** l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jinżammu informati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programmi. Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni se jiltaqgħu *fil-kumitat interistituzzjonali Galileo* skont id-dikjarazzjoni konġunta dwar *il-Kumitat Interistituzzjonali Galileo tad-9 ta' Lulju 2008.*

Emenda

(35) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ***għandhom*** jinżammu informati regolarment dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, ***inklużi l-ispejjeż u r-riskji tagħhom, il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi, it-tħejija ta' swieq tan-navigazzjoni bis-satellita u l-effikaċja tal-arranġamenti ta' governanza. Għandha ssir referenza partikolari għall-implimentazzjoni taż-żewġ programmi fir-rigward tas-servizz ta' "Sikurezza tal-Ħajja".*** Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni se jiltaqgħu *fil-Panel Interistituzzjonali Galileo* skont id-dikjarazzjoni konġunta dwar *il-Panel*

Interistituzzjonali Galileo tad-
9 ta' Lulju 2008. ***Il-Panel għandu jkompli jiffaċilita kooperazzjoni mill-qrib bejn it-tliet istituzzjonijiet bil-għan li tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-programmi. Il-Kummissjoni għandha tkompli tikkontribwixxi għat-tħejjija tal-laqgħat tal-Panel u, meta jkun jixraq, tipprovdi informazzjoni dettaljata fuq talba tal-istituzzjonijiet.***

Emenda 10

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikopru l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiddefinixxu, jiżviluppaw, jivvalidaw, jibnu, iħaddmu, iġeddu u jtejbu ż-żewġ sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, jiġifieri s-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u s-sistema EGNOS, u tiżgura s-sigurtà tagħhom.

Emenda

1. Il-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikopru l-attivitajiet kollha meħtieġa biex jiddefinixxu, jiżviluppaw, jivvalidaw, jibnu, iħaddmu, iġeddu u jtejbu ż-żewġ sistemi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita, jiġifieri s-sistema stabbilita skont il-programm Galileo u s-sistema EGNOS, u tiżgura s-sigurtà ***u l-interoperabilità*** tagħhom.

Emenda 11

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-ġhoti ta' "servizz għas-sikurezza tal-ħajja" (imsejjaħ "Safety of Life Service jew SoL) maħsub għall-utenti li għalihom is-sigurtà hija essenzjali. Dan is-servizz jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' ċerti setturi għall-kontinwità, disponibbiltà u eżattezza u jinkludi funzjoni ta' integrità li tavża lill-utent bi kwalunkwe falliment li jkun hemm fis-sistema;

Emenda

(b) l-ġhoti ta' "servizz għas-sikurezza tal-ħajja" (imsejjaħ "Safety of Life Service jew SoL) maħsub għall-utenti li għalihom is-sigurtà hija essenzjali. Dan is-servizz, ***li jingħata mingħajr ma l-utenti jiġu ċċarġjati direttament***, jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti ta' ċerti setturi għall-kontinwità, disponibbiltà u eżattezza u jinkludi funzjoni ta' integrità li tavża lill-utent bi kwalunkwe falliment li jkun hemm fis-sistema;

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) li jipparteċipaw fis-servizz ta' appoġġ għat-tfittxija u salvataġġ (SAR) tas-sistema COSPAS-SARSAT billi jidentifikaw sinjali ta' emerġenza mibgħuta minn *transmittenti* u jintbagħtulhom lura messaġġi.

Emenda

(e) li jipparteċipaw fis-servizz ta' appoġġ għat-tfittxija u salvataġġ (SAR) tas-sistema COSPAS-SARSAT billi jidentifikaw **u jsibu l-pożizzjoni** ta' sinjali ta' emerġenza **li jiġu** mibgħuta minn *trasmittituri* u jintbagħtulhom lura messaġġi.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) li joffru servizz ta' safety-of-life (servizz ta' sikurezza tal-ħajja) (SoL), servizz li għandu fil-mira utenti li għalihom is-sikurezza hija neċessarja; **b'mod partikolari**, dan is-servizz jissodisfa *wkoll ir-rekwiżiti* ta' ċerti setturi għall-kontinwità, id-disponibbiltà u l-preċiżjoni u jinkludi messaġġ ta' integrità li javża lill-utent bi kwalunkwe falliment li jkun hemm fis-sistema fir-rigward taż-żona ta' kopertura.

Emenda

(c) l-għoti ta' “servizz għas-sikurezza tal-ħajja” (imsejjaħ “Safety of Life Service jew SoL) maħsub għall-utenti li għalihom is-sigurtà hija essenzjali; dan is-servizz, **li jingħata mingħajr ma l-utenti jiġu ċċarġjati direttament**, jissodisfa **b'mod partikolari r-rekwiżiti** ta' ċerti setturi għall-kontinwità, id-disponibbiltà u l-preċiżjoni u jinkludi messaġġ ta' integrità li javża lill-utent bi kwalunkwe falliment li jkun hemm fis-sistema fir-rigward taż-żona ta' kopertura.

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli fir-rigward tal-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-sistemi skont il-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita, b'mod

Emenda

Dan ir-Regolament jistipula r-regoli fir-rigward tal-implimentazzjoni u t-tħaddim tas-sistemi skont il-programmi Ewropej tan-navigazzjoni bis-satellita **fit-territorju**

partikolari dawk li jirrigwardaw il-governanza u l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni.

kollu tal-UE, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-governanza u l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) fażi ta' sfruttament **li tinkludi l-maniġment** tal-infrastruttura, il-manutenzjoni, titjib *kontinwi*, it-tiġdid u l-ħarsien tas-sistema, ġestjoni tal-infrastruttura, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, it-tiġdid u l-protezzjoni tas-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni *marbuta* mal-programm, *il-provvista* u *l-bejgħ* tas-servizzi u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa għall-iżvilupp tas-sistema u *għall-funzjonament bla xkiel tal-programm*; l-għan huwa li din il-fażi tibda progressivament bejn l-2014 u l-2015 b'forniment tas-servizzi inizjali.

Emenda

(d) fażi ta' sfruttament **li tiżgura li l-applikazzjonijiet jiġu implimentati b'suċċess. Din se tkun tikkonsisti fil-** *maniġment* tal-infrastruttura, il-manutenzjoni, titjib *kontinwu*, it-tiġdid u l-ħarsien tas-sistema, ġestjoni tal-infrastruttura, il-manutenzjoni, it-titjib kontinwu, it-tiġdid u l-protezzjoni tas-sistema, l-operazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni u standardizzazzjoni *assoċjati* mal-programm, ***l-iżvilupp***, *il-forniment* u *l-ikkummerċjar* tas-servizzi u l-attivitajiet l-oħra kollha meħtieġa għall-iżvilupp tas-sistema u ***l-applikazzjonijiet tagħha, u tiżgura li l-funzjonament tal-programm ikun bla xkiel***; l-għan huwa li din il-fażi tibda progressivament bejn l-2014 u l-2015 b'forniment tas-servizzi inizjali, ***u biex is-servizzi kollha jkunu disponibbli sal-2020.***

Ġustifikazzjoni

Qed jiġi enfasizzat l-iżvilupp tal-applikazzjoni, ħaġa li hija l-element kruċjali fl-istadju ta' fażi ta' sfruttar.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-sistemi, in-networks u s-servizzi li

Emenda

2. Is-sistemi, in-networks u s-servizzi li

jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom, *safejn ikun possibbli*, ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita kif ukoll b'mezzi konvenzjonali ta' radjunavigazzjoni.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-programm Galileo. L-introjtu li jirriżulta minn dawn il-kontribuzzjonijiet għandu jikkostitwixxi introjtu assenjat b'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. *B'konformità* mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull impatt li jkun hemm fuq il-programm Galileo li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu lill-Kumitat skont l-Artikolu 35 (1) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-programm EGNOS. L-introjtu li jirriżulta minn dawn il-kontribuzzjonijiet għandu jikkostitwixxi introjtu assenjat b'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. *B'konformità* mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull impatt li jkun hemm fuq il-programm EGNOS li jirriżulta mill-applikazzjoni ta'

jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli ma' sistemi oħrajn ta' navigazzjoni bis-satellita kif ukoll b'mezzi konvenzjonali ta' radjunavigazzjoni.

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-programm Galileo. L-introjtu li jirriżulta minn dawn il-kontribuzzjonijiet għandu jikkostitwixxi introjtu assenjat b'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. *F'konformità* mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull impatt li jkun hemm fuq il-programm Galileo li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu *lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u* lill-Kumitat skont l-Artikolu 35 (1) ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu finanzjament addizzjonali għall-programm EGNOS. L-introjtu li jirriżulta minn dawn il-kontribuzzjonijiet għandu jikkostitwixxi introjtu assenjat b'konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002. *F'konformità* mal-prinċipju ta' maniġment trasparenti, il-Kummissjoni għandha tikkomunika kull impatt li jkun hemm fuq il-programm EGNOS li jirriżulta mill-applikazzjoni ta'

dan il-paragrafu lill-Kumitat skont l-Artikolu 35 (1) ta' dan ir-Regolament.

dan il-paragrafu *lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat* skont l-Artikolu 35 (1) ta' dan ir-Regolament.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qafas ġenerali għall-governanza tal-programmi

imħassar

Il-governanza pubblika tal-programmi hija bbażata fuq il-prinċipju ta' diviżjoni stretta tal-kompiti bejn id-diversi entitajiet involuti, b'mod partikolari l-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea GNSS u l-Aġenzija Spazjali Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Dawn id-dispożizzjonijiet ġew integrati fl-Artikolu 12b (ġdid).

Emenda 20

Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

Qafas ġenerali tal-governanza tal-programmi

Il-qafas ġenerali tal-governanza tal-programmi għandu jkun kif ġej:

(a) il-korpi li jwettqu kompiti taħt dan ir-Regolament għandhom ikunu, flimkien mal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea GNSS u l-Aġenzija Spazjali Ewropea;

(b) il-Kummissjoni għandu jkollha r-responsabbiltà ġenerali għall-programmi. Hija għandha tiġġestixxi l-fondi allokat skont dan ir-Regolament, tissorvelja l-

implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-programmi kollha u twettaq il-kompiti speċifiċi msemmija fl-Artikolu 13 u d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament;

(c) l-Aġenzija Ewropea GNSS għandha tiżgura l-kompiti msemmija fl-Artikolu 15 u tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom. Il-ġestjoni operattiva tal-programmi għandha tkun ibbażata fuq ftehimiet ta' delega bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea GNSS;

(d) l-Aġenzija Spazjali Ewropea, permezz ta' arranġamenti xierqa mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea GNSS, għandha tintalab tesegwixxi ċerti kompiti assoċjati mat-tfassil, l-iżvilupp u l-akkwist fil-kuntest tal-implimentazzjoni u l-esplortazzjoni tal-programmi skont Artikolu 16.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 12b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12b

Prinċipji għall-governanza tal-programmi

Il-governanza pubblika tal-programmi għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipji ta':

(a) diviżjoni stretta tal-kompiti bejn id-diversi entitajiet involuti, taħt ir-responsabbiltà ġenerali tal-Kummissjoni;

(b) kooperazzjoni kostruttiva bejn l-entitajiet msemmija fl-Artikolu 12a u l-Istati Membri;

(c) kontroll bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-programmi, inkluża l-aderenza stretta mal-ispiża u mal-iskeda taż-żmien mill-korpi kollha involuti.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-progress tal-programmi. Hi tamministra l-fondi allokatu għalihom skont dan ir-Regolament u timmoniterja l-implimentazzjoni tal-attivitajiet kollha tal-programm.

imħassar

Ġustifikazzjoni

Dawn id-dispożizzjonijiet ġew integrati fl-Artikolu 12a (ġdid).

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Flimkien **mal-kompiti** ġenerali msemmija **fil-paragrafu 1** u **dawk** msemmija f' dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, **il-kompiti tal-Kummissjoni skont dan ir-Regolament jinkludu l-kompiti** speċifiċi li ġejjin:

2. Flimkien **mar-responsabbiltà** ġenerali msemmija **fl-Artikolu 12a** u **l-kompiti** msemmija f' dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, **il-Kummissjoni għandha twettaq il-kompiti** speċifiċi li ġejjin:

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) għandha tiżgura l-implimentazzjoni f'waqtha tal-programmi skont ir-riżorsi allokatu u f'konformità mal-oġettivi u l-iskeda ta' żmien tal-programm msemmija fl-Artikolu 1;

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiddeterminaw ***il-post*** u ***jiżguraw it-tħaddim*** tal-infrastruttura *fuq l-art tas-sistemi*;

Emenda

(a) jiddeterminaw ***permezz ta' proċess miftuħ*** u ***trasparenti l-post*** tal-infrastruttura *tas-sistemi bbażati fuq l-art u jiżguraw it-tħaddim tagħhom*;

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) fil-kuntest tat-tħaddim tas-sistemi, hi għandha tikkontribwixxi ***għall-kummerċjalizzazzjoni*** tas-servizzi, inkluża l-analiżi meħtieġa tas-suq;

Emenda

(c) fil-kuntest tat-tħaddim tas-sistemi, hi għandha tikkontribwixxi ***għall-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni*** tas-servizzi, inkluża l-analiżi meħtieġa tas-suq;

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt d – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) il-promozzjoni tal-applikazzjonijiet u s-servizzi fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita;

Emenda

(ii) il-promozzjoni ***u l-immoniterjar tal-iżvilupp*** tal-applikazzjonijiet u s-servizzi fis-suq tan-navigazzjoni bis-satellita ***u s-sensibilizzazzjoni dwarhom***;

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-ftehim ta' delega għandu, sakemm ikun meħtieġ għall-kompiti delegati u għall-implimentazzjoni tal-baġit, jistabbilixxi l-kondizzjonijiet ġenerali għall-ġestjoni tal-fondi allokat lill-Aġenzija Ewropea GNSS u, b'mod partikolari, l-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati, il-finanzjament rilevanti, il-proċeduri ta' ġestjoni, il-miżuri ta' monitoraġġ u kontroll, il-miżuri applikabbli fil-każ ta' implimentazzjoni inadegwata tal-kuntratti f'dawk li huma spejjeż, skeda taż-żmien u prestazzjoni kif ukoll ir-regoli dwar is-sjeda tal-proprjetà tanġibbli u intanġibbli kollha.

Il-miżuri ta' monitoraġġ u ta' kontroll, b'mod partikolari, għandhom jipprevedu sistema ta' tbassir tal-ispiża provviżorja, informazzjoni sistematika lill-Kummissjoni dwar l-ispejjeż u l-iskeda, u, fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn il-baġits ippjanati, il-prestazzjoni u l-iskeda taż-żmien, azzjoni korrettiva li tiżgura l-implimentazzjoni tal-infrastrutturi fil-limiti tal-baġits allokat.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Fejn hu meħtieġ, l-Aġenzija Ewropea GNSS tista' tidħol f'arranġamenti xierqa mal-Aġenzija Spazjali Ewropea sabiex jissodisfaw il-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament għall-fażi tal-isfruttament tal-programmi.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) jiġi evitat l-abbuż possibbli ta' dominanza u tiġi evitata d-dipendenza **fit-tul** fuq fornituri uniċi,

Emenda

(b) jiġi evitat l-abbuż possibbli ta' dominanza u tiġi evitata d-dipendenza fuq fornituri uniċi,

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca)

jiġi mfittxa għejun ta' akkwist doppji, fejn hu xieraq, sabiex titnaqqas id-dipendenza fuq fornitur wieħed u jiġi żgurat kontroll ġenerali aħjar tal-programmi, l-ispejjeż tagħhom u l-iskeda taż-żmien tagħhom, metodu li, meta jkun possibbli u relevanti, għandu jiġi spjegat bħala kriterju speċifiku tal-għażla fis-sejħa għall-offerti.

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni ta' għejun doppji għall-akkwist għandha tkun speċifikata b'mod ċar fis-sejħa għall-offerti fil-mument tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħha sabiex tkun żgurata trasparenza massima lejn il-partijiet interessati u l-offerenti kollha.

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-objettivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu segwiti b'mod sistematiku mill-awtoritajiet tal-kuntratti fis-sejħa

Emenda 33

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Kuntratt kundizzjonali ta' pagamenti fi stadji jinkludi stadju fiss li jkun akkumpanjat b'impenn baġitarju u stadju kundizzjonali wieħed ieħor jew iktar. Id-dokumenti tal-offerti jirreferu għall-karatteristiċi speċifiċi tal-kuntratti kundizzjonali b'pagamenti fi stadji. Partikolarment, dawn jispeċifikaw is-suġġett tal-kuntratt, il-prezz jew l-arranġamenti għad-determinazzjoni tal-prezz u l-arranġamenti għall-forniment tal-provvisti u s-servizzi f'kull stadju.

Emenda

2. Kuntratt kundizzjonali ta' pagamenti fi stadji jinkludi stadju fiss li jkun akkumpanjat b'impenn baġitarju ***u impenn sod fir-rigward tal-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet u s-servizzi fil-kuntratt għal dan l-istadju*** u stadju ***baġitarju u eżekutorju*** kundizzjonali wieħed ieħor jew iktar. Id-dokumenti tal-offerti jirreferu għall-karatteristiċi speċifiċi tal-kuntratti kundizzjonali b'pagamenti fi stadji. Partikolarment, dawn jispeċifikaw is-suġġett tal-kuntratt, il-prezz jew l-arranġamenti għad-determinazzjoni tal-prezz u l-arranġamenti għall-forniment tal-provvisti u s-servizzi f'kull stadju.

Emenda 34

Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta, fir-rigward ta' stadju partikolari, l-awtorità tal-kuntratti tinnota li x-xogħlijiet u s-servizzi li jkun sar qbil dwarhom għal dak l-istadju ma jkunux twettqu, din tista' titlob kumpens għad-danni u ttejjem il-kuntratt.

Emenda 35

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtorità tal-kuntratti tista' titlob lil kull offerent biex parti mill-kuntratt tiġi sottokuntrattata f'livelli differenti, lil kumpaniji li mhumiex parti mill-grupp li jagħmel parti minnu hu. Din it-taqsimha ta' sottokuntrattar minimu hija espressa bħala firxa minn perċentwal minimu sa wieħed massimu. Din il-firxa hija fi proporzjon mal-objettiv u l-valur tal-kuntratt kif ukoll in-natura tas-settur ta' attività kkonċernata, partikolarment il-kundizzjonijiet kompetittività u l-potenzjal industrijali osservat.

imħassar

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Jekk l-offerent fl-offerta tiegħu jindika li għandu l-intenzjoni li ma jissubkuntratta l-ebda parti mill-kuntratt, li ma jissubkuntratta lil ebda intrapriża żgħira jew ta' daqs medju jew lil intrapriża ġdida, jew li għandu l-intenzjoni li jissubkuntratta parti iżgħar mill-perċentwal minimu, kif imsemmija fil-paragrafu 1, dan għandu jipprovdi r-raġunijiet għal dan lill-awtorità tal-kuntratti. L-awtorità tal-kuntratti għandha tippreżenta dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex jitlestew il-kompiti tekniċi

Sabiex jitlestew il-kompiti tekniċi

msemmija fl-Artikolu 13(2), il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-ghajjnuna neċessarja, partikolarment l-ghajjnuna ta' esperti mill-aġenziji nazzjonali kompetenti fis-settur tal-ispazju, esperti indipendenti u korpi **li kapaċi jipprovdu** analiżijiet u opinjonijiet imparzjali dwar il-progress tal-programmi.

Emenda 38

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. **Kull sena, meta** tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi.

Emenda 39

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-valutazzjoni addizzjonalment tindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza tal-oġġettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-miżuri preċedenti.

msemmija fl-Artikolu 13(2), il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-ghajjnuna neċessarja, partikolarment l-ghajjnuna ta' esperti mill-aġenziji nazzjonali kompetenti fis-settur tal-ispazju, esperti indipendenti u korpi **li jkunu kompetenti li jipprovdu** analiżijiet u opinjonijiet imparzjali dwar il-progress tal-programmi.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tassigura l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. **Meta** tippreżenta l-abbozz preliminari tal-baġit, hija għandha, **fl-istess waqt**, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-programmi, **inkluża informazzjoni dwar l-ispejjeż u r-riskji tagħhom, it-tmiem ta' ftehimiet internazzjonali ma' pajji terzi, it-tħejjija tas-swieq tan-navigazzjoni bis-satellita u l-effikaċja tal-arrangemanti ta' governanza.**

Emenda

Il-valutazzjoni addizzjonalment tindirizza **l-iżviluppi teknoloġiċi f'dan il-qasam**, l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza tal-oġġettivi kollha, kif ukoll il-kontribut tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. Għandha tqis ir-riżultati tal-valutazzjoni dwar l-impatt fit-tul tal-miżuri preċedenti.

Emenda 40

Proposta għal regolament Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 5 u 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *żmien indeterminat* mill-1 ta' Jannar 2014.

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemija fl-Artikolu 5 u 14 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' *ħames snin* mill-1 ta' Jannar 2014. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel ma jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*

PROCĊEDURA

Titlu	L-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita	
Referenzi	COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 15.12.2011	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Jacqueline Foster 19.12.2011	
Eżami fil-kumitat	30.5.2012	09.7.2012
Data tal-adozzjoni	10.7.2012	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 38 -: 1 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Juozas Imbrasas, Dieter-Lebrecht Koch, Ádám Kósa, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Debora Serracchiani, Brian Simpson, Laurence J.A.J. Stassen, Silvia-Adriana Țicău, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Artur Zasada	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Isabelle Durant	

PROĊEDURA

Titolu	L-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej tar-radjunavigazzjoni bis-satellita		
Referenzi	COM(2011)0814 – C7-0464/2011 – 2011/0392(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	30.11.2011		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 15.12.2011		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 15.12.2011	BUDG 15.12.2011	TRAN 15.12.2011
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Marian-Jean Marinescu 26.1.2012		
Eżami fil-kumitat	21.3.2012	19.6.2012	
Data tal-adozzjoni	18.9.2013		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	43 0 3	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Amelia Andersdotter, Josefa Andrés Barea, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Fabrizio Bertot, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Jürgen Creutzmann, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Adam Gierek, Norbert Glante, András Gyürk, Edit Herczog, Romana Jordan, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Herbert Reul, Paul Rübig, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Patrizia Toia, Catherine Trautmann, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Adina-Ioana Vălean, Alejo Vidal-Quadras		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Antonio Cancian, Yves Cochet, António Fernando Correia de Campos, Ioan Enciu, Elisabetta Gardini, Jolanta Emilia Hibner, Seán Kelly, Bernd Lange, Marian-Jean Marinescu, Mario Pirillo		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	María Irigoyen Pérez, Cecilia Wikström		
Data tat-tressiq	4.10.2013		